# L-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Ġunju - Lulju 2010 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 65 SENA * Nru. 919




# It-Turiżmu Intern


għoqda tbissima 2010
16-17-18 ta' Lulju
t-tmien edizzjoni
fid-Dar ta' San Ġużepp
Santa Venera
Tgħin
• il-missjonijiet MSSP fil-Perù, Pakistan u Filippini
• lid-Dar ta' San Ġużepp, Santa Venera
• Proġetti fix-Xandir tal-Kelma
GO:
€ 7 - 5004 9853
€ 12 - 5004 9855
€ 23 - 5004 9850
Melita:
€ 10 - 5003 6910
SMS GO, Vodafone, Melita, Red Touch, MTV Mobile, Ping:
€ 4.66 - 5061 8099
Maratona ta'
60 siegħa xandir
fuq
CALYPSO

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 919*
*Ġunju - Lulju 2010*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail*: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 8
Riflessi • 14
Kummentarju (2) • 15
Dwar Għawdex fil-Ġurnali • 16
Mill-Parlament • 17
Kummentarju (3) • 18
Sfidi ta' Żmienna • 21
Picture Story • 23
Letteratura Għawdxija • 24
Kotba minn Għawdex • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Solidarjetà Nisranija (11) • 28
Snajja Qodma (31) • 30
Intervista • 32
Ftit Fatti u Kummenti • 35
Passiġġata Biblika (56) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (26) • 40
Għawdex 300 sena ilu (184) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (20) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (19) • 44
Apprezzament (1) • 46
Apprezzament (2) • 47
Tisliba • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
L-Għoljiet ta' Għawdex (6) • 50



**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joe Zammit, Charles Spiteri, Richard Grech, Kurja ta'l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *Il-Maltin f'Għawdex. Ħajr lill-Ministeru għal Għawdex.*





## Kemm Arja fil-Ballun?

*Iż-żmien tah raġun lil Baruni Pierre de Courbertin, il-fundatur tal-Moviment Olimpiku. Hu kien widdeb fl-1915 li "l-isport seta' jkun l-aħjar u l-agħar għodda." L-isport jista' jkun okkażjoni tal-emozzjonijiet l-aktar nobbli... u l-aktar vili; jista' jrawwem l-imparzjalità u sens ta' unur... iżda jista' jogħxa fil-kilba għar-rebħa; jista' jderri fl-imġiba tal-ġentlom daqskemm jista' jikkorrompi; jista' jsostni l-ħbiberija u s-solidarjetà... iżda jista' ukoll jikkarga l-firdiet u r-razziżmu.*

***Illum l-isport ma nistgħux inħarsu lejh sempliċiment bħala mument ta' attività fiżika, spazju ta' passatemp fejn ħiliet mħarrġa u regolamenti partikolari jġorru lil min fih jipparteċipa, bħala atleta jew bħala spettatur, lilhinn mill-ħajja tar-realtà ta' kuljum. Illum l-isport, u b'mod speċjali l-logħba tal-futbol f'livelli internazzjonali, sar spettaklu maħkum mil-loġika tas-suq u tal-midja, b'miljuni ta' nies minn kull klassi soċjali madwar id-dinja, jgħixu, bħallikieku bil-prokura, l-estasì u l-agonija fl-emozzjonijiet li jipprovdulhom fl-arena atleti-mudelli.***

*Il-logħbiet tal-World Cup, li fihom drajna nehdew f' dawn l-aħħar ġimgħat, setgħu jkunu okkażjoni tajba biex nirriflettu kemm tabilħaqq il-futbol jista' jkun għodda fejjieda u edukattiva ta' valuri umani u spiritwali. Iżda l-futbol ikun hekk biss sakemm jibqa' għas-servizz tal-bniedem u tal-bniedem "sħiħ". Jekk ninsew li l-isport kien magħmul għall-bniedem, u mhux il-bniedem għall-isport, il-futbol isir professjonaliżmu eżasperanti, kult żbilanċjat tal-ġisem li jfittex il-vittorja akkost ta' kollox, li jiċċelebra r-rebħa b'arroganza u jġarrab it-telfa bi swied ta' qalb, li jniġġes is-solidarjetà tas-sħubija u jtellef ir-rispett lejn l-avversarju. Il-protagonisti tal-ballun isiru merċenarji b'lealtà primarja, jekk mhux ukoll assoluta, lejn id-dollaru u l-ewro.*

***Il-Knisja ma tistax tinjora din ir-realtà soċjali u kulturali ta' żminijietna. U dan jgħodd ukoll għall-Knisja fiż-żewġ djoċesijiet ta' pajjiżna. Stejjer li dehru fil-midja nazzjonali f'dawn l-aħħar xhur isaħħu l-perċezzjoni popolari li l-futbol Malti għandu bżonn tisfija kemm fuq livell ta' atleti kif ukoll fuq livell ta' klabbs. U jiżbalja min jaħseb li l-futbol Għawdxi jgawdi minn xi immunità partikolari. Imqar din l-oasi tinsab maħkuma mit-tensjonijiet u mill-kontradizzjonijiet tas-soċjetà kontemporanja.***

*Għaldaqstant, l-isport f'Malta - u Għawdex – u b'mod partikolari l-futbol bħala l-aktar sport popolari fostna, għandu jkun fruntiera ta' evanġelizzazzjoni awtentika. Ix-xhieda nisranija għandha tfittex dejjem aktar li tkun effettivament preżenti fl-assoċjazzjonijiet u fl-avvenimenti sportivi b'saċerdoti u nsara impenjati fil-boardrooms deċiżjonali jew libsin it-tracksuit fost l-atleti. Għandna l-eżempji ta' Fr, Hilary fil-futbol lokali u internazzjonali ta' pajjiżna u ta' Fr Joe Galea fil-parroċċa ta' Nichelino, Turin, li ktieb ippubblikat dan l-aħħar, "Un Pallone per il Paradiso". jirrakkonta l-ħidma pastorali tiegħu.*

***"L-isport," kiteb Papa Benedittu XVI, fl-okkażjoni tal-20 Edizzjoni tal-Olimpijadi tax-Xitwa 2005, "huwa waħda mill-attivitajiet umani li qed tistenna biex tkun imdawla minn Alla permezz ta' Kristu sabiex il-valuri li jesprimi jkunu ppurifikati u elevati fil-livelli individwali u kollettivi."** (Ittra lill-Kardinal Poletto) **Jalla l-isportivi Kattoliċi f'pajjiżna jwieġbu b'entużjażmu għal din it-tama tal-Papa. Mhux li kieku l-"World Cup" tissarraf f'aktar fraternità milli f'kompetizzjoni...***


**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

*www.gozodiocese.org*

# *Il-Ħajja fid-Djoċesi*



**Rapport ta' Stanley J. Portelli**

### *Jum Dinji tat-Talb min-Nisa Kattoliċi*

L-Azzjoni Kattolika ċċelebrat il-Jum Dinji ta' Talb min-Nisa Kattoliċi (*WUCWO Day*), fit-18 ta' Mejju fid-Dar Ċentrali, fir-Rabat. Wara l-introduzzjoni mill-Presidenta tal-Kunsill tan-Nisa Netta Camilleri, tkanta l-innu *Queen of Peace*, partikolarment addattat għat-tema magħżula din is-sena. Imbagħad Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni, mgħejjun minn Mons Karm Hili, Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan, l-Assistent tal-Fergħa Dun Ġorġ Vella u żewġ Assistenti oħra Mons Franġisk Debrincat u l-Kan. Eddie Zammit. Letturi kienu Rita Xuereb u Theresina Cauchi, waqt li Kitty Xerri mexxiet il-kant.



*Waqt il-Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof Grech, fl-okkażjoni tal-Jum Dinji ta' Talb min-Nisa Kattoliċi.*

Il-*Magnificat* ġie rreċtat bħala ringrazzjament wara t-tqarbin. Fi tmiem il-quddiesa nqrat it-talba speċjali mill-Unjoni Mondjali tal-Organizzazzjonijiet Femminili Kattoliċi.

Maria Attard, Direttriċi tad-Dar Ġużeppa Debono mexxiet it-tieni parti, b'riflessjonijiet fuq l-episodju ta' Ġesù u l-Midinba (Ġw 8:2-11) , bl-għajnuna tal-*powerpoint*. Bdiet billi fissret il-kelma "paċi", li mhix sempliċement nuqqas ta' gwerra. Hi proċess ta' esperjenzi personali, bħal mard, telfa ta' xi ħadd importanti, diżillużjoni jew problemi fil-familja. "Ġesù għatxan għall-paċi" kompliet tgħid Marija "... iħobbna kif aħna, dejjem u f'kull ċirkostanza. L-inizjattiva titlaq minnu, jagħtina d-direzzjoni. Għandi nistaqsi lili nnifsi kemm il-Fidi



*Il-Presidenta tal-Kunsill tan-Nisa, Netta Camilleri, waqt l-introduzzjoni tagħha*

ddawwalli ħajti u jekk Ġesù hux iċ-ċentru tal-Fidi tiegħi. Kemm ngħix il-mumenti diffiċli fid-dawl ta' Alla, il-Mulej? Nemmen li, minkejja kollox, Ġesù baqagħlu ħin jieqaf ifarraġni?"

Wara ftit minuti ta' talb fis-skiet fid-dawl ta' dawn ir-riflessjonijiet, persuna separata tkellmet dwar l-esperjenza tagħha. Esprimiet, li kieku hi u r-raġel kienu inqas berdin u iktar spiritwali, setgħu jsalvaw iż-żwieġ. Heġġet lil dawk preżenti biex, minkejja l-ħafna impenji, jsibu dejjem ftit ħin għal Ġesù. Stqarret kemm weġġagħha l-ġudizzju tan-nies. Tixtieq mogħdrija. Il-proċess ta' fejqan jeħtieġ sabar għax jieħu fit-tul. Stqarret illi dan jitħaffef bit-talb, bis-sawm u bis-sapport tal-oħrajn. Żiedet tgħid illi dawk li jkunu qrib il-Kelma u l-Ewkaristija, faċilment jistgħu jressqu lejn Ġesù persuni f'dawn iċ-ċirkostanzi.

L-attività ntemmet bil-kant tal-Innu Malti.



### *In-Nunzju jfakkar iż-Żjara ta' Ġwanni Pawlu II f'Għawdex*

L-Eċċ. Tiegħu. Mons. Tommaso Caputo, Nunzju Appostoliku għal Malta fakkar l-20 anniversarju miż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Għawdex, fl-1990.

Nhar l-Erbgħa 26 ta' Mejju, fis-7.00 ta' filgħaxija, Mons. Caputo ntlaqa' ħdejn il-knisja ta' San Ġakbu, fir-Rabat, mill-Arċipriet tal-Katidral, Mons. Joseph Attard, mis-Sindku tal-Belt Victoria, Dr Samuel Azzopardi u mill-President u membri tal-Kumitat tal-Banda Ċittadina Leone flimkien mal-Banda Leone fejn ingħata merħba u ġie akkumpanjat lejn il-Katidral fid-daqq ta' innijiet reliġjużi. Matul it-triq Mons. Caputo deher jifraħ bit-tfal, ikellem u jsellem lil dawk kollha preżenti u anke daħal jara mara anzjana fid-dar tagħha. Meta wasal fil-Knisja Katidrali Mons. Caputo ngħata merħba mill-Arċidjaknu





u Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, Mons. Giovanni Bosco Gauci, membri tal-Kapitlu u Kleru. Bierek lill-ġemgħa preżenti u baqa' dieħel fil-kappella għal ftit ħin quddiem l-Ewkaristija, kif kien għamel Ġwanni Pawlu II għoxrin sena ilu. Wara huwa mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' radd il-ħajr.

Fi tmiem il-Konċelebrazzjoni l-Arċipriet Attard għan-nom tal-Kommunità Parrokkjali, ippreżenta ikona tal-Madonna, tal-fidda, lill-Mons. Caputo, li min-naħa tiegħu, mar u poġġa bukkett ward quddiem l-istatwa ta' Santa Marija, fost il-ferħ tal-parruċċani li ħonqu l-Knisja Katidrali.

Għoxrin sena ilu, il-Qdusija Tiegħu Ġwanni Pawlu II waqt li kien qiegħed jagħmel l-ewwel u l-unika viżta tiegħu f'Għawdex kellu laqgħa mas-Saċerdoti, Reliġjużi u lajċi fil-Katidral. Din iż-żjara għadha mfakkra b'irħama kommemorattiva fil-Katidral u b'wieħed mill-monumenti tal-bronż fuq iz-zuntier tal-knisja.





### *Velja Djoċesana ta' Pentecoste fil-Knisja Arċipretali tal-Qala*

Nhar is-Sibt, 22 ta' Mejju, lejlet il-Festa Sollenni ta' Għid il-Ħamsin, inżammet il-Velja Djoċesana ta' Pentecoste fil-Parroċċa tal-Qala, li fiha ħadu sehem numru sabiħ ta' saċerdoti Għawdxin flimkien ma' mijiet ta' Għawdxin, immexxija minn Mons. Isqof Mario Grech.

Kienet ċelebrazzjoni profonda u ħajja kemm fil-Liturġija tal-Kelma kif ukoll fid-diversi aspetti para-liturġiċi, simboliċi u spiritwali. Mons. Isqof Grech għamel omelija interessanti li qegħda tidher fid-"Dokumentazzjoni" ta' din il-ħarġa.






Alex Saliba

*I.T Sales and Services*

65, Ta' Said Street Nadur, Gozo    Tel: 21 555 358  Mob: 99 864 262

alexandersaliba@gmail.com

## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# "Il-Mara Edukatriċi tal-Qalb u tal-Ispirtu"



***Silta mill-Omelija li l-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech għamel nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju fl-okkażjoni tal-Jum Dinji ta' talb għan-nisa kattoliċi, organizzat mill-Azzjoni Kattolika fid-Djoċesi ta' Għawdex fid-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika***

Fil-familja, il-mara hija edukatriċi tal-qalb u tal-ispirtu. Filwaqt li l-formazzjoni intellettwali tista' tiġi delegata lil ħaddieħor, bħalma jiġri meta nibagħtu lil uliedna fl-iskejjel, il-formazzjoni affettiva u dik spiritwali fil-familja hija ħidma partikulari tal-mara.

**Il-bniedem u s-soċjetà jsofru telfa kbira jekk fiż-żwieġ u fil-familja ma tibqax tinħass il-preżenza tal-mara. Huwa minnu li llum anke l-ħajja tal-mara saret aktar mgħaġġla u mgħobbija, bil-konsegwenza li mhux dejjem jibqagħlha l-ħin u s-sabar biex toffri preżenza ta' kwalità lill-membri tal-familja; imma jibqa' l-fatt li xejn u ħadd ma jista' jieħu post l-imħabba u d-dehen tal-ġenju femminili fil-familja. Fejn il-mara hija assenti, il-vojt tagħha jinħass.**

Bil-kelma tagħha kif ukoll bl-istess silenzju attent tagħha, hija kapaċi tfarraġ u ssaħħaħ il-qlub midruba. Il-ġenerożità kbira u d-disponibbiltà tagħha biex dejjem tingħata lill-oħrajn joffru eżempju mill-aqwa biex dawk ta' madwarha jissaħħu fil-virtù tal-imħabba.

**Il-mara hija l-ewwel katekista fid-dar li taf titkellem dwar Alla ma' żewġha u ma' wliedha.** Ebda teologu jew predikatur ma jista' jkun effettiv fix-xandir tal-Kelma t'Alla daqs il-mara fil-familja, li taf issib il-waqt u l-mod kif tagħmel lil Alla preżenti fil-ħajja ta' kuljum ta' dawk ta' madwarha. **Hija l-mara li bl-intwizzjoni tagħha taf issus mal-membri tal-familja biex jimxu fid-dawl tal-liġi t'Alla. Fuq kollox, il-mara hija dik li tiġbor lill-familja għat-talb u bis-sempliċità tagħha twassal lill-oħrajn jitkellmu ma' Alla.**

Għalhekk, nappella lin-nisa kattoliċi biex ma jittraskurawx din il-missjoni tagħhom fil-familja, għax **is-sehem tagħhom huwa determinanti fil-binja tal-karattru ta' ħafna.**

# "Sfruttament fuq ix-xogħol"

***Messaġġ tal-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech li għamel nhar is-Sibt l-1 ta' Mejju fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem fil-Knisja Parrokkjali tal-Qala***

"Fis-soċjetà tagħna hemm xogħol li jgħin lill-bniedem jgħix ħajja dinjituża, imma hemm ukoll xogħol li jidrob lill-ħaddiem fid-dinjità umana tiegħu.

**L-esperjenza turi li l-liġijiet industrijali ma humiex biżżejjed biex il-ħaddiem ma jkunx sfruttat; xi drabi jingħataw ċirkostanzi fejn ċerti prattiċi illegali huma tollerati minkejja li huma ta' dannu għas-sistema u għall-ħaddiema nfushom.**



**Għandu jħassibna l-fatt li ċerti ħaddiema jaħdmu mingħajr ktieb tax-xogħol. Dan ikun aktar gravi meta l-persuna tingħata impjieg biss jekk taċċetta li mhix ser tfittex li jkollha l-ktieb tax-xogħol. Din il-prassi hija immorali mhux biss għax hija mod kif tiġi evitata t-taxxa, imma wkoll għax b'dan l-arranġament il-ħaddiem ma jkollu ebda garanzija ta' sigurtà soċjali u ta' pensjoni.** F'każijiet bħal dawn, l-impjieg ikun dejjem mhedded għax il-ħaddiem jistà jsib ruħu skapriċċjat minn min iħaddmu. Meta l-ekonomija tkun dgħajfa, faċli li l-ħaddiem jiġi rikattat b'dan il-metodu.

**Għandu jħassibna wkoll ix-xogħol tat-tfal, partikularment fix-xhur tas-sajf! Apparti l-fatt li mhux kull esperjenza ta' xogħol hija tajba għat-tfal, f'ċerti każi jkollna tfal jaħdmu f'kundizzjonijiet inumani u f'ambjenti mhux adattati għal minorenni.** Xi drabi jista' jingħata l-każ li jkun jaqbel għal min iħaddem li jimpjega t-tfal biex ma jingaġġax adulti għax dawn jiġu jiswewlu aktar! Xieraq li din il-moħqrija tat-tfal tiġi mrażżna.

**Fil-qasam tax-xogħol huwa mifrux sewwa l-isfruttament tal-barranin li jitqabbdu jaħdmu "b'karità". Ħafna drabi dawn il-barranin, partikularment l-immigranti li għandhom il-permess joħorġu miċ-ċentri ta' detenzjoni, jkunu f'sitwazzjoni ta' bżonn u allura jkollhom jaċċettaw dak kollu li jitqabbdu jagħmlu, anke jekk ma jirċievux paga ġusta minkejja li jista' jkollhom jaħdmu għal ħinijiet eżaġerati. Din il-forma emerġenti ta' skjavitù hija tal-mistħija!**

Għalhekk xieraq li fil-festa tal-ħaddiem, is-soċjetà tagħna, filwaqt li ma tehdiex tirrifletti dwar x'miżuri għandhom jittieħdu biex kull esperjenza ta' xogħol tkun imsejsa fuq il-prinċipji tal-ġustizzja u l-imħabba, tkun viġilanti biex ir-regoli tal-logħba jiġu rispettati. Hekk ix-xogħol mhux biss ikun mezz biex jitkattar il-ġid, imma wkoll strument biex **tkun rispettata d-dinjità umana ta' kull persuna.**

*Kummentarju (1)*

# *Ġudizzju "Nisrani"...*

## *Jaqaw il-ġurnalisti qed jinsew li "biex tiskonġra trid tkun pur"?*



*kitba ta'* **DUN ANTON DIMECH**

**Fid-dinja kollha, inkluża Malta, miskin min jaqa' f'ilsien in-nies u jisfa ġġudikat minnhom. Dan hu li ġara f'dawn l-aħħar snin minn xi wħud tal-kleru li żbaljaw u taw skandlu gravi lil xi tfal li llum saru rġiel.**

Bħala nsara li ngħollu sas-sema lil Kristu u lill-qaddisin kif tassew jixirqilhom, għandna nsegwu t-tagħlim u l-eżempju tal-Mulej mill-aħjar li nistgħu, anki f'dan il-każ. Quddiem id-dnub tal-iskandlu Ġesù ma baqax lura milli jikkundanna l-għemil bl-iktar kliem iebes. U stqarr li "**min jiskandalizza wieħed minn dawn iż-żgħar aħjar tintrabatlu ġebla tat-tħin madwar għonqu u jintefa' l-baħar**". Dan ifisser li l-iskandlu huwa aktar gravi mill-omiċidju. Imma nistaqsi: Min se jiġġudika li t-tali kienx ħati jew le tal-iskandlu li wettaq? Il-ġurnali?! Mhux Alla biss għandu dritt jagħmel ġudizzju tal-kuxjenza? Ħadd ma jista' jeħodlu postu u min jippretendi li jiġġudika lill-proxxmu jkun jonqos severament. Naraw kemm hu veru.




**Ġesù jafna sew lilna l-bnedmin u jaf li biex naħbu xturna nipprovaw nonfħu l-iżbalji ta' ħaddieħor.** Allura kkundanna bl-aħrax lil dak li **jara t-tibna f'għajn ħaddieħor u ma jarax it-travu li għandu f'għajnejh**. Ma qalx li ħaddieħor huwa innoċenti, imma kien qed jgħid bi kliem ieħor li biex tiskonġra trid tkun pur. Imbagħad dwar il-kundanna ta' min irid jixxala minn fuq l-iżbalji ta' ħaddieħor kien daqstant ieħor ċar. Il-parabbola tal-midjunin. Dak li qala' l-maħfra ta' għaxart elef talent għax ma kellux minn fejn iħallas fil-waqt li hu stess ma ħafirx lil sieħbu li kellu jagħtih mitt dinar. Ir-riżultat kien **kundanna iebsa għal dak li ma kienx pront jaħfer il-ħtija ta' sieħbu, filwaqt li jippretendi l-maħfra għalih innifsu.** Dan imur direttament kontra l-kliem tal-"Missierna" fejn nitolbu lil Alla, Missier tagħna, jaħfrilna **kif naħfru lil min hu ħati għalina.**

Mela jekk inhi ħaġa tal-biża' li tiġi f'ilsien in-nies, kemm hu wisq iżjed tal-biża' tiġi fil-ħaqq ta' Alla! Alla qiegħed kontinwament jiġġudika kull għemil tagħna. Allura t-tweġiba hija mogħtija minn Kristu nnifsu: **bl-istess mod li tiġġudika int lil ħuk, se tkun int iġġudikat.** X'ma titkexkix meta ssib ruħek tikkundanna lill-proxxmu tiegħek għax żbalja meta taf li inti qed tiġi ġġudikat minn Alla li **jara dak li hu fil-moħbi** u qed tippretendi li teħodlu postu fil-ġudizzju tal-proxxmu tiegħek! Forsi tgħid li int ġurnalist u dak hu xogħlok, jew li qed tagħmel dan b'intenzjoni tajba. Allura l-karità nisranija m'għandhiex tkun 'il fuq minn kull xogħol jew intenzjoni oħra? U bħala nsara, għalina mhux il-maħfra u l-karità għandhom jiġu l-ewwel? Fuq is-salib Kristu ħafer b'mod l-iktar kategoriku lil dawk li sallbuh. Mela għaliex ma nkunux pronti aħna wkoll naħfru lil min jiżbalja anki jekk iweġġagħna?

Imbagħad hemm id-dnubiet tad-debolezza u dawk tal-malizzja. Il-ħażen li joħroġ mid-debolezza umana huwa kkundannat minn Ġesù; imma dak li joħroġ mill-malizzja huwa kkundannat b'mod aktar iebes. Dan jidher mill-parabbola tal-"Iben il-Ħali" li missieru kien jistennih b'dirgħajh miftuħa għax kien jaf f'liema stat kien jinsab ibnu f'dinja korrotta. Imma dawk li jonqsu malizzjożament jew b'għajnejhom miftuħin, il-maħfra tkun aktar iebsa għalihom.

**Meta xi ħadd jiġi jibki quddiemna għaliex ġie skandalizzat inħossu għafsa ta' qalb kemm għal dak li waqa' u huwa responsabbli tal-iskandlu, kif ukoll għal dak li qed jonqos milli jaħfer lil min għamillu l-ħsara. In-nisrani huwa dak li jaħfer kontinwament mhux dak li jitlob ħaqq, għax il-Malti ma jonqosx li jfakkarna li kif tagħmel, jagħmlulek.**

**ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!**

*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*



**GREZZJU BONELLO**

*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija*
*minn Charles Spiteri*

## *Lejlet Lapsi, "Notte Gozitana"*



*Wirja ta' tjur tal-priża mill-għaqda Federicus Rex ġiet imtellgħa fil-Pjazza tal-Katidral. Jidhru l-aħwa Maria u Mark Sant, mir-Rabat*

Għal darb'oħra, fi tmiem il-ġimgħa, Mejju 14, 15, 16, il-belt Victoria kienet ċentru ta' attivitajiet li jinteressaw lil kulħadd, b'wirjiet, attivitajiet kulturali, taħdidiet, animazzjonijiet artistiċi u għadd ta' ħwejjeġ oħra li jappellaw għall-pubbliku ta' kull età, flimkien ma' kunċerti mużikali bil-parteċipazzjoni ta' kantanti stabbiliti u wirjiet ta' żfin li attiraw attendenza tajba madwar il-palkijiet fejn ġew imtellgħin.

Attrazzjoni prinċipali kienet dik tal-Ġimgħa 14, imtellgħa fi Triq Ġwanni Pawlu II, bl-ispettaklu *Music in the Air* li kien jinkludi mużika, żfin u wirja bl-ajruplani tat-Tim Aerobatiku Pijunieri Taljani. Il-programm kompla fi Pjazza Indipendenza, bil-kunċert ta' kanzunetti Maltin, 'Dejjem Tagħna' bil-parteċipazzjoni ta' kantanti stabbiliti Maltin u żfin mill-*Yada Dance Academy* li ntlaqa' tajjeb minn folla mdaqqsa li attendiet.



*Żfin mill-Yada Dance Academy fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk), li ntlaqa' tajjeb mill-pubbliku preżenti*

Il-Ġonna tal-Kastell fiċ-Ċittadella servew bħala xenarju uniku għall-festival ta' l-inbid u attivitajiet oħra b'tema ekoloġika li kien jinkludi mużika ta' tipi differenti. Fil-venda tal-karozzi tal-linja ttellgħa l-*Gaudos Music Weekender*. Aktar kmieni l-*Gruppo Sbandieratori e Musici 'Maestri'* kellhom l-ewwel parata tagħhom f'din l-attività li żiedet ma' l-atmosfera u kompliet tagħti kulur f'din l-ewwel serata f'dan l-avveniment.

Il-programm ta' Lejlet Lapsi, *Notte Gozitana* kompla s-Sibt filgħodu b'tema qawwija ekoloġika, b'diversi attivitajiet ġewwa ċ-Ċittadella. Ġew organizzati ġiti bi gwida, b'kunċert tal-Banda tal-Pulizija, fi Pjazza Indipendenza (it-Tokk) u b'kunċert ieħor, din id-darba fin-12.30 ta' wara nofsinhar, fil-Katidral mill-Korijiet *Chorus Urbanus* u *Gaulitanus*.



*Il-Gruppo Sbandieratori e Musici 'Maestri' waqt l-ewwel parata tagħhom fi Pjazza Savina, ir-Rabat*

Filgħaxija, barra n-numru kbir ta' attivitajiet oħra, mit-8.00 sal-11.00 ittellgħet attività interessanti u ħelwa ħafna bl-isem ta' "Il-Pjazzetta tal-Leġġendi", fejn fil-Hora d-Dejqa, saret animazzjoni għat-tfal ibbażata fuq leġġendi Għawdxin, taħt id-direzzjoni ta' Ġorġ Mizzi. Fost id-diversi leġġendi interpretati, kien hemm dik tat-Tfajla tal-Ġgantija u l-Mara l-Bajda ta' Għar Għerduf.

Il-programm tal-Ħadd kompla żied ma' l-atmosfera ta' festa kulturali li kienet ilha għaddejja matul il-jumejn ta' qabel. Il-*Wings on Gozo*, wirja aerobatika minn erba' bdoti Taljani pprovdiet spettaklu mhux tas-soltu lil dawk kollha li kienu qed jarawha miċ-Ċittadella. Wirja li ġibdet għadd



*Attrazzjoni prinċipali kienet dik imtellgħa fi Triq Ġwanni Pawlu II, ir-Rabat, bl-ispettaklu 'Music in the Air' li kien jinkludi mużika, żfin u wirja bl-ajruplani tat-Tim Aerobatiku Pijunieri Taljani, bis-sehem tal-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta*



*Il-wirja aerobatika 'Wings on Gozo', li kellha ssir is-Sibt 15 ta' Mejju, filgħodu, ġiet posposta għal Ħadd 16 ta' Mejju, fil-11.00 ta' filgħodu. Hawnhekk jidhru għaddejjin minn fuq iċ-Ċittadella*

ġmielu ta' familji kienet dik ta' tjur tal-priża mtellgħa mill-għaqda *Federicus Rex* fil-Pjazza tal-Katidral.

Diversi attivitajiet oħra kienu għaddejjin f'diversi nħawi tar-Rabat. Fost dawn kien hemm il-*Gozo Scouts Tattoo* bil-parteċipazzjoni ta' erba' gruppi tal-iScouts, fosthom is-*Sea Scouts* tal-Imsida, il-*Marsa Scouts Pipes and Dreams*, u l-baned tal-iScouts tal-Mosta u San Ġwann, li mmarċjaw minn postijiet differenti madwar ir-Rabat u ltaqgħu f'Misraħ il-Katidral.

Il-grupp ta' *Sbandieratori Maestri* minn Sqallija kellhom l-aħħar parata minn Misraħ Savina sal-Misraħ tal-Katidral, filwaqt li fil-Ġnien ta' Villa Rundle kien hemm il-Fiera Annwali tal-Karozzi mtellgħa minn Kerċem Ajax.

Kunċert strumentali mill-*Gozo Youth Band & Orchestra* l-Ħadd filgħaxija, ġab fi tmiemhom l-attivitajiet marbuta mal-edizzjoni ta' din is-sena ta' Lejlet Lapsi, *Notte Gozitana*, avveniment li daħal fil-kalendarju kulturali annwali tal-gżira Għawdxija.

Il-Ministru Giovanna Debono qalet lil "Il-Ħajja f'Għawdex", illi kienet sodisfatta ferm bil-mod kif din ir-raba' edizzjoni ta' Lejlet Lapsi *Notte Gozitana* ġiet organizzata. "...Ta' sodisfazzjon huwa l-fatt li din l-edizzjoni kienet imtellgħa minn impjegati fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u kienet xhieda tal-abiltajiet u l-kompetenzi tar-riżorsi umani f'Għawdex. Dan jgħodd ukoll għat-talent artistiku lokali li joffri livelli ta' kwalità f'kull qasam"



*Il-leġġenda tat-Tfajla tal-Ġgantija mtellgħa fil-Hora d-Dejqa, ir-Rabat, is-Sibt 15 ta' Mejju, fit-8.30 ta' filgħaxija*



*Kunċert ta' Mużika Sagra mtella' mill-Kor Laudate Pueri, , nhar is-Sibt 15 ta' Mejju fid-9.00 ta' filgħaxija.*

## *Kommemorazzjoni tas-"Sette Giugno"*

F'Għawdex ġiet imfakkra l-ġrajja storika tas-*Sette Giugno* nhar il-Ġimgħa 4 ta' Ġunju, b'ċelebrazzjoni ta' quddiesa mill-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo, fil-Knisja Kolleġġjata Bażilika ta' Marija Bambina fix-Xagħra. Mons . Refalo għamel ukoll kelmtejn tal-okkażjoni.

Il-lezzjoni nqrat mis-Sindku Joe Cordina, waqt illi Kevin Sciberras, Kap tat-Taqsima tal-Kultura, qara t-talbiet tal-fidili. Il-kant tmexxa minn Ivan Attard l-organista tal-*Kor Nativitas.* Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa tkanta l-Innu Malti.

Iċ-ċerimonja tkompliet bi programm kommemorattiv fi Triq Bullara ħdejn id-dar fejn kien joqgħod Giuseppe Bajada,



*Il-Ministru Giovanna Debono tpoġġi bukkett ta' ward mal-ħajt tad-dar fejn hemm l-irħama ta' tifkira, skjerata mill-Pulizija*



*Il-Kor tal-Iskola Patri Mattew Sultana li ta' s-sehem tiegħu waqt iċ-ċerimonja kommemorattiva fi Triq Bullara*

li nhar is-7 ta' Ġunju 1919, kien wieħed minn dawk li nqatlu waqt l-irvellijiet li saru mill-Maltin kontra l-Ingliżi sforz iċ-ċirkostanzi politiċi. Hawnhekk, mal-ħajt tad-dar, wieħed isib irħama li tfakkar din il-ġrajja.

Graziella Bigeni qrat il-poeżija "Lill-Vittmi tas-Sette Giugno" kitba ta' Dun Ġiljan Refalo Rapa, waqt li Lara Ann Xiberras u Nathaniel Gauci wasslu messaġġ kommemorattiv.

Wara li ndaqq il-'*Last Post*' u r-'*Reveille*' mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta, Gunners Jason Borg minn Kerċem u Jason Camilleri minn Nadur, tqiegħdu bukketti ta' fjuri mal-ħajt tad-dar fejn kien joqgħod Ġużeppi Bajada, minn diversi, fosthom il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Sindku tal-Lokalità, Joe Cordina, iċ-*Chairman* tal-Kumitat Festi Nazzjonali u Reġjonali Vincent Grech, l-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Carmelo Refalo, Raymond Bonello, Segretarju tax-*Xagħra United F.C.*, u Joseph Bajada, President tal-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Laburista.

Iċ-ċerimonja spiċċat bil-kant ta' l-Innu Malti, kantat mill-Kor tal-Iskola Patri Mattew Sultana tax-Xagħra taħt id-direzzjoni tal-għalliema Alison Hili. Preżenti kien hemm ukoll l-Assistent Parlamentari Frederick Azzopardi.

## *Kampanja favur Ambjent Moralment Nadif*

L-Azzjoni Kattolika fetħet uffiċjalment il-Kampanja annwali favur Ambjent Moralment Nadif, fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu, f'Ta' Hamet, fl-okkażjoni tal-ewwel Dehra ta' Fatima, nhar il-Ħamis 13 ta' Mejju.

Wara li l-Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan Mons Carmelo Hili, rettur ta' din il-knisja, li sservi ta' ċentru għall-Moviment Ewkaristiku Għawdxi u fejn hemm l-istatwa djoċesana, u allura fejn tiġi ċċelebrata kull dehra, beda l-Espożizzjoni Ewkaristika, Ġanninu Cremona qara poeżija adattata li kiteb għall-okkażjoni. Imbagħad żied jirrifletti dwar it-tema ma' Margaret Sultana, l-iktar permezz ta' kwotazzjonijiet mill-Katekiżmu. L-adorazzjoni tkompliet b'ružarju meditat, bl-intenzjoni tal-qdusija tas-saċerdoti, issa li wasalna lejn tmiem din is-sena speċjali. Ħadu sehem Netta Camilleri, Natalina Sultana, Kitty Scerri, Rita Said, Mary Farrugia u Carmen Galea. Fl-okkażjoni tal-għaxar anniversarju mill-beatifikazzjoni ta' Francisco u Giacinta, Antoine Vassallo qara xi siltiet mit-tifkiriet ta' Lucia; kompla b'xi ħaġa milli qal Benedittu XVI waqt il-pellegrinaġġ.



*Dehra ta' uħud minn dawk preżenti għall-konċelebrazzjoni fil-Knisja Ta' Hamet*

It-tieni parti kienet tikkonsisti minn quddiesa mmexxija minn Mons Isqof Mario Grech, flimkien ma' Mons Hili u l-Kanonku Salv Sultana, li qara l-Vanġelu. Manuel Saliba, President Djoċesan, qara l-lezzjoni u ċ-ċkejkna Jasmine Bugeja qrat it-Talbiet tal-Fidili. Il-kant tmexxa mill-organista Xagħri, Ivan Attard.

Fl-omelija Mons Grech beda billi rrifletta li, hekk kif mhux kulħadd seta' jibqa' jara 'l Ġesù wara l-Axxensjoni, illum hawn bosta li tant ddgħajfetilhom il-fidi li jbatu biex iħossu l-preżenza tiegħu. Għemilna, il-mod kif ngħixu,



*Il-Purċissjoni bl-istatwa djoċesana tal-Madonna ta' Fatima*

jikxef jekk hux tassew nemmnu: sfortunatament hawn fostna, fil-Knisja u fil-komunitajiet tagħna, min il-fidi juri li tilifha jew wasal biex. Kompla billi rrefera għall-omelija li l-Papa kien għadu kemm għamel dakinhar stess: messaġġ prinċipali ta' Fatima hu l-imħabba intima fil-misteru ta' Alla Trinità. F'dinja li tinsa 'l Alla, aħna msejħin nagħmlu għażla u niddistingwu ruħna mill-oħrajn. Saħaq fuq l-importanza tal-ħajja tat-talb, speċjalment fil-familja, u semma kemm tfal illum jgħaddu mingħajr rużarju u quddiesa kuljum, xi drabi mank il-Ħadd! "Kunu appostli tat-talb!" Esprima l-opinjoni li kawża essenzjali tal-mard fil-familji hi li 'l Alla warrabnieh: la qtilna lilu, faċli noqtlu lill-bnedmin. B'riferenza oħra għal li qal il-Qdusija Tiegħu, l-Isqof qal li d-dinja midruba bil-miżerja u t-tbatija minħabba d-dnub; messaġġ ieħor ta' Fatima hu l-konverżjoni. Illum sirna donna l-ħażin ma tantx narawh ikrah. Temm billi rrefera għall-idea ta' Eko-Għawdex li tenfasizza l-ambjent naturali: "nagħtu sehemna u nħajru oħrajn fid-difiża ta' dak morali."

## *Suċċess għall-kumpanija CVC ta' Alvin Scicluna*

Għal sena oħra, il-kumpanija *Citadel Video Communications* kienet fost ir-rebbieħa tal-unuri tal-ġurnaliżmu Malti meta ġiet ivvutata bħala l-aħjar fis-settur tal-filmat f'dak li hu ġurnaliżmu mxandar. Dan l-aħħar unur issa tella' l-għadd ta' unuri mirbuħa minn CVC għal tlieta u għoxrin. Interessanti l-fatt li fil-finali, CVC kklassifikat it-tieni fi tlett sezzjonijiet oħra. Il-ġurnaliżmu kulturali, dak mtella' barra mill-pajjiż, u fis-sezzjoni tal-kitba fil-ġurnaliżmu mxandar.




Meta kien mitlub jikkummenta, Alvin Scicluna li waqqaf din id-dar ta' produzzjoni bbażata f'Għawdex, stqarr li fi spazju ta' erba' xhur CVC spiċċat finalista f'seba setturi differenti tax-xandir nazzjonali. Dan, jekk flimkien mal-erba' nominazzjonijiet fil-Premju għall-Ġurnalisti Maltin, wieħed iżid it-tlieta li CVC kellha fil-*Malta Television Awards.* Dawn kollha huma xhieda tar-rispett li CVC tgawdi fil-qasam tax-xandir nazzjonali u jirriflettu d-dedikazzjoni u l-motivazzjoni tal-membri kollha li flimkien jiffurmaw iċ-*CVC Media Group.* Alvin Scicluna rringrazzja wkoll lil PBS li sa mill-1988 wrew fiduċja assoluta fil-produzzjonijiet tiegħu u sussegwentament tal-kumpanija CVC.

Matul dawn l-aħħar tnax il-xahar, flimkien mal-programmi magħrufa bħal *Għawdex Illum* u *Żmeraldi*, CVC kienet involuta fil-produzzjoni ta' programmi oħra ta' stoffa bħal *Malta Ġrajjietha*, *Xogħol Fl-Ewropa*, *Starboard*, *X'Hemm fis-Suq*, u s-sensiela edukattiva mtella' f'Għawdex *Rubini.*

## *Kunċert - 'Treasures for Trumpet'*

Jason Camilleri akkumpanjat mill-Pjanista Shirley Helleur, taw kunċert bl-isem ta' *Treasures for Trumpet*, f'waħda mis-swali tal-wirjiet, fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, il-Ħadd 23 ta' Mejju, filgħaxija.

F'dan il-kunċert ġew esegwiti *Trumpet Tune* ta' Henry Purcell , *Trumpet Concerto in Eb* ta' Joseph Haydn, *Sonata* ta' Flor Peters, *Sounds from the Sounds* ta' Clarke, u spiċċa bil-*Concert Rondo* ta' Mozart. Bħala *ancore* indaqqet *Polka* ta' Clarke.

Il- kunċert ħareġ tajjeb ħafna, fejn is-Solista wera interpretazzjoni eċċellenti, teknika stupenda, ritmu sod, u ħoss sabiħ fuq it-*trumpet.* Il-Pjanista uriet l-esperjenza kbira li għandha kemm fl-akkumpanjament u anke fis-solijiet li daqqet.



*Jason Camilleri, trumpet, akkumpanjat mill-Pjanista Shirley Helleur, waqt il-kunċert li taw.*

## *Jiċċelebraw l-irtirar mis-servizz tal-Marixxall Joe Xuereb*



L-artist żagħżugħ Paul Falzon ippreżenta lil sieħbu fil-Qorti ta' Għawdex, il-Marixxall Anzjan Joe Xuereb, il-*portrait* tiegħu, waqt ikla organizzata minn sħabhom flimkien mad-Direttur Dr Mary DeBono Borg, fir-restorant iċ-Ċima, fix-Xlendi, nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju, sabiex jiċċelebraw l-irtirar mis-servizz tas-Sur Xuereb.

Fir-ritratt, mix-xellug għal-lemin, jidhru, Miriam Xuereb, id-Direttur Dr. Mary DeBono Borg, Joseph Xuereb, Michael Bajada, Silvana Grech, Paul Falzon, Joseph Grech u Jaclyn Magrin.

## *Għawdex jiċċelebra l-Jum Dinji favur l-Ambjent*

Nhar is-Sibt 5 ta' Ġunju, Għawdex flimkien ma' Malta u l-bqija tad-dinja fakkar il-Jum Dinji favur l-Ambjent, li din is-sena kellu bħala t-tema *Ħafna Speċi. Pjaneta Waħda. Futur Wieħed.*



Għal din l-okkażjoni, il-Ministeru għal Għawdex tella' programm ta' attivitajiet għall-familja kollha, li kienu kkonċentrati f'Wied il-Lunzjata matul in-nofstanhar ta' filgħodu. L-attrazzjonijiet kienu jinkludu rakkonti ta' stejjer għal tfal ta' bejn il-5 u s-7 snin, xogħol tal-kartapesta magħmul minn materjal riċiklat, sessjoni tat-tpinġija u oħra tal-bizzilla għat-tfal, żrigħ ta' pjanti u pariri dwarhom, għalf tan-nagħaġ, logħob għat-tfal u varjetà għal kulħadd. Ħafna kienu dawk li żaru wkoll il-Kappella tal-Lunzjata u għamlu mixja f'dan il-wied li jaqsam il-Belt Victoria mil-lokalità ta' Kerċem.

Matul din l-attività, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono niediet għat-tieni darba Skema għar-Restawr ta' Rdieden tar-Riħ, bħala parti mill-proġett Eko-Għawdex.

L-attivitajiet b'rabta ma' dan il-jum dinji fil-gżira Għawdxija bdew fil-Qala, bi programm organizzat mill-Hands on Farming. Din l-attività kienet tinkludi taħwil ta' siġar u qari ta' poeżiji. Barraminhekk, l-iskejjel li wrew l-aktar interess lejn it-taħwil u l-kura tas-siġar ingħataw trofew.

Nhar il-Ġimgħa 4 ta' Ġunju filgħaxija tnidiet l-inizjattiva *Spot the Jellyfish*, organizzata mill-*IOI-Malta Operational Centre* fl-Università ta' Malta b'kollaborazzjoni mal-Kampus ta' l-Università f'Għawdex u l-Ministeru għal Għawdex. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li żżid l-għarfien dwar id-diversità ta' speċi ta' bram f'Malta, permezz ta' eżerċizzju li jinvolvi rapporti ta' bram li wieħed jara waqt li jkun qed jgħum.

## *Studenti jirbħu l-award "Best Cook & Serve Team"*



*Jeanette Azzopardi u Louise Teuma, żewġ studenti tat-tieni sena, mir-raħal tax-Xagħra, hekk kif ġew ippreżentati bl-award "Best Cook & Serve Team"*

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' Ġunju, saret ċerimonja fl-Istitut Tal-Istudji Turistiċi, fil-Qala, fejn Bill Kendrew, *chef* rinomat, ippreżenta trofew u żewġ medalji lill-aħjar żewġ studenti, li qed jitħarġu f'din l-akkademja.

L-award ingħatat lill-*"Best Cook & Serve Team"*, u din is-sena ntrebħet minn Jeanette Azzopardi u Louise Teuma, żewġ studenti tat-tieni sena, mir-raħal tax-Xagħra.

Bill Kendrew huwa *chef* famuż mal-Ewropa kollha. Hu ilu jieħu nteress fl-Istitut tal-Istudji Turistiċi Għawdex għal bosta snin, meta ra l-istudenti Għawdxin jaħdmu f 'dan il-qasam b'ċertu dedikazjoni u motivazjoni, u xtaq li jippremjahom ta' dan.

Guido Debono, *Chairman* tal-*Malta Chefs Society*, attenda għal din iċ-ċerimonja. Kienu preżenti wkoll l-Inġ. Joseph Mifsud, *Chairman* tal-*ITS Għawdex*, Fleur Attard, uffiċjal inkarigat, kif ukoll membri mill-GTA u mill-ETC.

## Restawr tal-Kwadru tal-Kunċizzjoni



Għadu kif tlesta xogħol ta' restawr fuq il-kwadru tal-Kunċizzjoni li jinsab fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani, f'Għajnsielem, li hi ddedikata lil Sant Antnin.

Il-kwadru ta' F. Venuti sar fis-sena 1905.

Ix-xogħlijiet ta' restawr li saru fuqu, wara ħsarat li ġarrab, sar minn Manwel Zammit miż-Żejtun, Malta.

*Manwel Zammit jidher waqt ir-restawr tal-kwadru tal-Kuncizzjoni.*

## 'Twelve Steps' fiċ-Ċitadella



Sabiex tingħata iktar ħajja ċ-Ċittadella, il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria nieda *Twelve Steps* nhar il-4 ta' Ġunju mal-inawgurazzjoni tal-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Belt Victoria ċelebrat kull 10 ta' Ġunju.

*Twelve Steps* hija logħba spettakklu simili għal *gioco-spettacolo* tant popolari fil-fortizzi medjevali u rinaxximentali fit-Toskana. Però għalkemm simili fil-kunċett il-karattri involuti huma kollha konnessi ma' Għawdex u Malta. B'hekk iċ-Ċittadella tingħata ħajja b'attività kulturali li fiha l-parteċipant jieħu sehem attiv minflok joqgħod iħares f'mixja li tieħdu lura fiż-żmien madwar iċ-Ċittadella.

Dr Samuel Azzopardi, Sindku tal-belt Victoria awgura li inizjattivi bħal dawn isiru f'postijiet storiċi oħra. Huwa sostna li jemmen pjenament fil-potenzjal li kapaċi toffri ċ-Ċittadella bħala palk naturali.

*Twelve Steps* saret ukoll fis-7 ta' Ġunju u ser terġa ssir fit-30 u 31 ta' Lulju, 20 u 21 ta' Awwissu u 17 u 18 ta' Settembru 2010 u tibda' fit-8.30 ta' filgħaxija fil-Pjazza tal-Katidral.

## Attività 'Aħsel Karozza' fir-Rabat



Il-Kulleġġ ta' Għawdex Skola Primarja Victoria organizza "aħsel karozza" fi Pjazza Santu Wistin ir-Rabat. Studenti tas-sitt sena ħadu sehem f'din l-attività. Din l-attivita' saret possibbli grazzi għall-Kunsill Lokali Victoria u l-pulizija lokali. L-għalliema tas-sitt klassi u l-*Management Team* tal-iskola taw ukoll daqqa t'id.

Dan kien eżempju sabiħ ta' volontarjat mill-istudenti żgħar bħala "fund-raising" b'risq l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess skola. Hekk it-tfal jidraw imiddu jdejhom huma wkoll.

## NIFIRĦU LIL ĦABIB KBIR TAR-RIVISTA TAGĦNA



Nhar il-Ħadd, 30 ta' Mejju 2010, il-Pubblikatur tar-Rivista tagħna, Dun Anton Sultana, għalaq 40 sena ta' Saċerdozju. Għal dawn l-aħħar 50 sena, minn meta kien għadu seminarista, Dun Anton ta' servizz bla heda fil-ġurnaliżmu Kattoliku, l-aktar fir-rivista "Il-Ħajja f'Għawdex" u fil-*Lumen Christi Publications*, fejn fil-15-il sena li għaddew, hu ppubblika xejn anqas minn 200 ktieb. Fl-istess żmien ta wkoll servizz kontinwu fil-"Lumen Christi Bookshop" u f'raħal twelidu, l-Qala, bħala saċerdot impenjat fil-katekeżi.

Lil Dun Anton Sultana nixtiqulu aktar ħidma fejjieda f'din il-pastorali tiegħu. ***Ad multos annos!***

**Id-Direzzjoni**

RIFLESSI — Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard



# Nies li jaħsbu fil-Milied is-sena kollha

## *Presepisti Taljani mistagħġba bit-talent lokali tal-presepji*

Fuq stedina tal-"Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta 1985", bejn l-20 u t-23 ta' dan ix-xahar (Mejju 2010) żaru Għawdex madwar 100 Presepist mill-Italja kollha. Huma waslu Malta l-Ħamis fil-għaxija, u baqgħu ġejjin Għawdex fejn kienu alloġġjati f'lukanda f'Marsalforn. Il-Kumitat ta' din l-Għaqda li hija membru attiv ħafna fl-**Universalis Federatio Praesepistica** li tħaddan fiha għaqdiet tal-presepju mid-dinja kollha, ħejjiet programm interessanti għal dawn il-presepisti li fil-maġġor parti l-kbira tagħhom qed iżuru l-gżejjer Maltin għall-ewwel darba. Fil-lukanda il-presepisti raw wirja dwar xogħol tal-pasturi fit-tafal ta' Joe Camilleri.

Il-Ġimgħa fil-għodu dawn it- Taljani li l-iskop tagħhom huwa dak li jaraw li jissokta dejjem jitferrex il-bini tal-presepju fid-djar, żaru għadd ta' presepji f'Għawdex li d-dilettanti membri tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju armaw għal tal-apposta fosthom dawk ta' Anton Sillato, Giovann Cassar u Toni Vassallo fil-Victoria kif ukoll dak ta' Frank Mizzi fil-bidu tal-Fontana; fiż-Żebbuġ il-presepista David Xuereb ukoll fetħilhom il-bieb beraħ biex jaraw iktar minn presepju wieħed li huwa ħejja għal din l-okkażjoni; ittieħdu jaraw ukoll il-presepju antik ta' Bastjan Axiaq li jinsab fl-istess raħal. Fin-Nadur żaru l-'bottega' tal-istatwarju Michael Camilleri Cauchi kif ukoll raw il-presepju oriġinali ta' ibnu Adonai. Kemm damu fostna żaru wkoll diversi postijiet ta' interess fil-gżira Għawdxija fosthom iċ-Cittadella u l-Knisja Katidrali, il-Bażilika ta' San Ġorġ kif ukoll ir-Rotunda tax-Xewkija u t- tempji Neolitiċi tal-Ġgantija. Ma setax jonqos li ma jżurux is-Sede tal-Għaqda fejn hemm wirja permanenti tal-presepju. Il-Ġimgħa fil-għaxija attendew ukoll għall-Kunċert ta' mużika mill-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Dr. John Galea fil-knisja ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza Victoria ppresedut mill-Ministru għal Għawdex. Is-Sibt dawn il-Presepisti ttieħdu ġurnata Malta fejn żaru għadd ta' postijiet ta' interess storiku fosthom il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Barrakka ta' Fuq, l-Imdina u r-Rotunda tal-Mosta fejn raw ukoll għadd ta' presepji fir-Razzettt tal-Markiż kif ukoll xi presepji oħra għand membri tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju f'dan ir-raħal fosthom dawk ta' Lorrie Gatt. Fiż-Żejtun baqgħu mistagħġba bil-presepju antik tas-Sorijiet li l-Isqof Galea kien ħadem hawnhekk fl-1947. F'Ħal Luqa żaru wkoll wirja ta' presepji ta' membru iehor tal-Għaqda, is-Sur Joe Theuma.

Din iż-żjara ġiet fi tmiemha l-Ħadd filgħodu meta l-grupp kollu attenda għall-quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu li tqaddset mir-Rettur Dun Gerard Buħagiar mgħejjun minn Don Giuseppe Cellucci, Assistent Ekkleżjastiku tat-Taljani, bis-sehem tal-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea. Wara l-grupp ittieħed ukoll sad-Dwejra. Qabel telqu mill-ġdid lura lejn l-Italja dawn il-presepisti kollha kellhom kliem ta' tifħir għal dak kollu li ġarrbu u raw u stqarrew li ma stennew qatt li jsibu dan it-talent kollu flimkien ma' sebat elef sena ta' storja.

L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex Malta 1985 tirrappreżenta lill-gżejjer Maltin f'din l-Assoċjazzjoni Dinjija u minn żmien għal żmien tattendi għal-laqgħat li jsiru barra minn xtutna u jsiru bdil ta'presepji u ideat. Toħroġ ukoll darba kull tliet xhur ktejjeb li jitqassam fost il-ħafna membri li għandha f'Għawdex. Qrib il-Milied ta' kull sena, tieħu ħsieb tagħmel Wirja kbira ta' Presepji u Grotti li tkun miftuħa għall-pubbliku fis-swali tal-Ministeru għal Għawdex. Kemm ilha mwaqqfa (dis-sena tagħlaq 25 sena mit-twelid tagħha) ippubblikat ktieb sabiħ miżgħud b'artikli ta' natura differenti dwar il-Milied.

Iċ-Ċentru tagħha jinsab taħt il-bini tal-Kurja tal-Isqof, Triq ir-Repubblika Victoria. Dan ikun miftuħ kull nhar ta' Ġimgħa fil-għaxija u wieħed jista' jgawdi wirja permanenti ta' presepji maħduma mill-membri. Iktar ma jgħaddi żmien iktar dilettanti tal-presepju minn Malta u Għawdex qed jirregalaw presepji u grotti biex ikunu esebiti b'mod permanenti f'dan il-lokal. Matul in-*Notte Gozitana* li għadha kemm intemmet f'Għawdex, ħafna kienu dawk li marru jżuruh.

Għalkemm l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta 1985 ħafna jqisuha bħala għaqda staġjonali, matul is-sena kollha tibqa' għaddejja bil-laqgħat regolari tal-Kumitat u fiċ-ċentru tagħha jsiru lezzjonijiet dwar il-bini tal-pasturi, djar, siġar u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-presepju. Barra li dan huwa passatemp interessanti anke matul is-sena, il-presepju huwa tradizzjoni sabiħa ta' talent, fidi u kultura li għandna nibqgħu ngħożżu.

*Kummentarju (2)*

# *Il-Problema tal-Ommijiet mhux Miżżewġa...*
## *Qed nagħtu kas tagħha bis-serjetà?*



*kitba ta'* **PAUL SALIBA**

**Ftit tax-xhur ilu, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ppubblika figuri għas-sena 2008, imqabbla ma' dawk tas-snin ta' qabel, dwar it-trabi mitwielda u diversi aspetti tat-tfal f'Malta (Children 2010). Dawn il-figuri juru li, filwaqt li minn total ta' kważi 5,000 tarbija li twieldu fil-1996, 289 biss kienu mwielda barra miż-żwieġ, jiġifieri ftit inqas minn 6 fil-mija, fl-2008 minn total ta' 3,721, in-numru ta' trabi mwielda barra miż-żwieġ kien ta 1,048, li jammonta għal aktar minn 28 fil-mija. Il-figuri statistiċi juru wkoll li, filwaqt li it-total tat-twelidijiet naqas ħafna, il-għadd ta' trabi mitwielda minn ommijiet mhux miżżewġa qiegħed kull sena jiżdied b'mod tal-għaġeb. Jirriżulta wkoll li, bejn l-1999 u l-2008, kważi 600 tfajla mhux miżżewġa sa l-età ta' 17-il sena saru ommijiet. Tliet mitt tfajla oħra taħt l-età żżewġu matul l-istess żmien.**

Dawn huma riżultati li għandhom tabilħaqq iġegħluna nirriflettu serjament. Dawn il-figuri uffiċjali li joħorġu minn żmien għal żmien mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, kif ukoll ir-riżultati li joħorġu minn stħarriġ ta' min joqgħod fuqu li jsir minn aġenziji serji, ma jixxandrux sempliċiment bħala informazzjoni akkademika u daqshekk, imma joħorġu biex jipprovokawna nagħrfu l-polz tas-soċjetà Maltija u jiċċalinġjawna nfittxu l-kawża u nħabblu moħħna biex insibu u napplikaw rimedji meħtieġa.

***Stqarrija f'rivista Amerikana***

Il-maternità barra miż-żwieġ ma tolqotx biss lill-istituzzjonijiet infushom taż-żwieġ u tal-familja, imma tolqot ukoll lis-soċjetà u tolqotha b'mod negattiv. Aħna nafu – u dan huwa kkonfermat minn soċjologi kwalifikati u serji f'diversi pajjiżi - illi l-istabbiltà u l-prosperità tas-soċjetà ċivili jiddependu minn familji b'saħħithom mibnija fuq iż-żwieġ. Il-familja tradizzjonali msawra minn żwieġ bejn raġel u mara kienet dejjem, u hekk għadha, meqjusa bħala l-pedament li fuqu tinbena u tistrieħ is-soċjetà, u għalhekk kulma jhedded dan il-pedament ikun jhedded lis-soċjetà.

Fil-ħarġa tas-27 ta' April 2009, ir-rivista Amerikana "Newsweek", li għandha ċirkolazzjoni internazzjonali, taħt it-titlu *Digit*, għamlet din id-dikjarazzjoni : *"In 2007, a year of record of out of wedlock births in the U.S.A., a majority of Americans (66%) still think unmarried motherhood is harmful to society."* Jiġifieri fis-sena 2007, li fiha kien hemm l-ogħla rata ta' twelidijiet minn ommijiet mhux miżżewġa fl-Istati Uniti, il-maġġoranza tal-Amerikani (66%) għadhom jemmnu li l-maternità barra miż-żwieġ tagħmel ħsara lis-soċjetà. Ta' min wieħed jippreċiża li r-rivista li xandret din id-dikjarazzjoni mhijiex waħda reliġjuża iżda hija sekulari, anzi ma tħarisx b'simpatija lejn il-Knisja Kattolika.

***Qagħda ta' sfida għalina***

Il-problemi li qegħdin jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet taż-żwieġ u l-familja llum jippreżentaw tabilħaqq sfidi, u sfidi serji għalina lkoll u għal kull min għandu għal qalbu l-ġid tiegħu u ta' wliedu, il-ġid tas-soċjetà li fiha jgħix, il-ġid ta' pajjiżu kemm fil-preżent u kemm fiż-żmien li ġej. Ma nistgħux noqogħdu biss nitkażaw, u wisq inqas nikkundannaw. Ma nistgħux noqogħdu biss nagħmlu paraguni mal-imgħoddi u nieqfu hemm. Iż-żminijiet qegħdin jitbiddlu bil-ħeffa, u l-problemi li qegħdin jinqalgħu rridu nikkonfrontawhom u nindirizzawhom, b'mentalità aġġornata u b'metodi u mezzi adattati għaż-żminijiet li qegħdin ngħixu fihom u li jagħmlu sens. Ma rridux norqdu u nistennew li l-affarijiet jitranġaw weħidhom. Il-qagħda hi serja u serja ħafna, u titlob azzjoni urġenti.

Il-problema tal-ommijiet mhux miżżewġa f'pajjiżna trid tkun indirizzata serjament, fil-fehma tiegħi fi tliet direzzjonijiet. L-ewwelnett billi nistudjaw x'inhuma l-kawżi li llum qegħdin iwasslu għal gravidanza ta' tfajliet u nisa mhux miżżewġa. It-tieni pass irid ikun li naraw x'għajnuna u appoġġ qegħdin jingħataw lil dawn l-ommijiet u lil uliedhom, partikolarment lil dawk l-ommijiet li sfaw vittmi ta' xi żball jew abbuż kontra r-rieda tagħhom. U t-tielet pass irid ikun dak ta' azzjoni preventiva, billi nikkonvinċu rwieħna mill-gravità tas-sitwazzjoni, u nfasslu u nwettqu pjani kemm jista' jkun effettivi bil-għan li ntaffu lis-soċjetà tagħna minn din it-tebgħa li qiegħda tagħmlilna ħafna ħsara.

**Fl-istess ħin irridu nżommu quddiem għajnejna l-verità li ebda pjan f'din id-direzzjoni ma jista' jkollu l-effetti mixtieqa jekk ma nsaħħux il-konvinzjoni li s-sess barra miż-żwieġ mhuwiex biss immorali u kontra l-liġi t'Alla imma huwa wkoll ta' ħsara għas-soċjetà ċivili u kontra l-ġid komuni.**

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***Investiment imsejjaħ "qawwi"***

"Il-kumpanija privata *Harbour Management* li rebħet l-offerta għat-tmexxija tal-*yacht marina* fl-Imġarr Għawdex, se tagħmel investiment qawwi ta' madwar 340,000 Ewro fl-ewwel sentejn biex ittejjeb il-faċilitajiet ħalli tattira aktar kummerċ lejn Għawdex... Tonio Fenech, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment qal li l-*Harbour Management* diġà għandha esperjenza f'dan is-settur u issa se tmexxi l-*yatch marina* tal-Imġarr li fiha 200 irmiġġ. Hu spjega li l-kuntratt jippermetti tibdil fis-sistema tal-irmiggi u anke jistgħu jiżdiedu iżda jkun hemm ħlas għal kull irmiġġ ġdid."

**Charles Muscat**, *In-Nazzjon*, 27 ta' Mejju 2010

***19 f'jumejn! U fil-bqija tas-sena, kemm?***

*"Over the past two days there were 19 persons who were caught dumping construction waste in Gozo, including two at Dwejra last May 6. Although no statistics are available, the Ministry of Gozo cooperates fully with the police by passing on information about dumping of waste and other illegalities. Such information is not always in the form of an official report."*

**Rapport**, *The Times*, 20th May 2010

***Numru żgħir ta' Għawdxin fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin***

*"Gozo, which accounts for 8% of the Maltese population, only accounts for 3% of Maltese inmates."*

**James Debono**, *Maltatoday*, 16th May 2010

***Meta jsir ikun jixraqlu t-taqbila tal-Ministru!***

"Id-disinn li tħabbar għall-proġett ta' riabilitazzjoni fil-post li kien iservi bħala miżbla fil-Qortin f'Għawdex, hu meqjus bħala proġett li se jġib miegħu enerġija ġdida fl-ambjent Għawdxi u enerġija ġdida fil-qasam turistiku... 'Dan il-post ta' mistħija issa se jinbidel f'post ta' fantasija,' sostna George Pullicino."

**Rapport**, *In-Nazzjon*, 27 ta' Mejju 2010

***Għall-Għawdxin mixgħufa, mhux kull investiment jgħodd. Issa qed jingħataw it-tort !!***

*"The last time public consultation had been held in Qala regarding the Ħondoq ir-Rummien project was September 2002. A superficial comparison would show that yesterday once again, despite the project has been meanwhile slashed and adapted, the meeting developed into a rowdy, noisy meeting with a lot of shouting and with hot tempers flaring... While some old-timers would want to retain everything as is, others are prepared to see the quarry in the bay cleaned up and something done about it, although the most that some could bring themselves to say was to suggest turning it into a park, just as the government is doing with Magħtab in Malta...*




*The sea quality of Ħondoq was time and again praised by many speakers and it was clear that they were worried that allowing the bay to be dug up, just like the Hilton, could introduce alien pollution into the bay. One speaker even said the pollution from Ħondoq might even pollute nearby Blue Lagoon in Comino...*

*People also pooh-poohed the claim by Architect Mariello Spiteri for the applicant that the bay will be washed every three days and in the case of pollution, the bay will be sealed off from the sea by a curtain and the pollution collected by means of a special broom. While such tools undoubtedly exist, the people at the hearing were not ready to believe this could be done. What they know is the pristine quality of the sea at Ħondoq...*

*It is difficult to get investment to Malta and especially to Gozo, Vince Farrugia said. People want jobs for their children. The opposition against this project means that the people of Gozo do not want even investment from Gozo."*

**Noel Grima**, *The Malta Independent*, 28th May 2010

***Whistleblowing fil-Gozo Channel***

*"The Finance Ministry has asked the court not to admit as evidence an internal inquiry report into damning claims of safety flaws on board Gozo Channel ferries. Captain Mario Grech, who is suing the ferry line over its decision to suspend him after he made his claims in September, has asked for the findings to be used as evidence. In a judicial application, the ministry made a forceful case before the Gozo courts for the report to be withheld,. It insisted it is an internal report and a "privileged document', meaning classified. It pointed out that the document implicated third parties who had nothing to do with the case raised by the shipmaster.*

*When contacted by The Times, a ministry spokesman said the application, filed in court on Monday, was only made before the report had not been finalized and the ministry said it should first be tabled in Parliament before being released in court."*

**Juan Ameen**, *The Times*, 29th May 2010

## MILL-PARLAMENT

***Residenti ta' Sant'Anna***

**16581. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru kemm kien l-introjtu tal-gvern mir-residenti li kien hemm ġo Sant'Anna f'dawn l-aħħar sentejn u kemm kien hemm persuni residenti kull tliet xhur separatament? *26/04/2010*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li skont il-kalkoli li għamel l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex permezz tas-sistema kompjuterizzata ECDS, mir residenti ta' Sant'Anna, l-Gvern kellu jdaħħal dawn l-ammonti:

| | |
|---|---|
| 2008 | - €313,160 |
| 2009 | - €340,690 |
| Jannar-Marzu 2010 | - €94,110 |

Ta' min jiġbed l-attenzjoni li r-responsabbiltà għall-ġbir ta' dawn il-fondi hija tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, tat-Teżor u tal-Kumitat tal-*Welfare*, u għalhekk jekk tinħtieġ aktar informazzjoni għandha tiġi mitluba lill-Ministru konċernat.

Il-persuni residenti fir-Residenza Sant'Anna kienu

| | | | |
|---|---|---|---|
| 31-03-2008 | - 73 resident | 30-06-2009 | - 77 resident |
| 30-06-2008 | - 73 resident | 30-09-2009 | - 77 resident |
| 30-09-2008 | - 74 resident | 31-12-2009 | - 81 resident |
| 31-12-2008 | - 72 resident | 31-03-2010 | - 81 resident. |
| 31-03-2009 | - 79 resident | | |

*04/05/2010*

***Sptar Ġenerali t'Għawdex - pazjenti***

**16946. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid x'inhi l-*policy* jew pożizzjoni tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex dwar it-trasport tal-pazjenti li jkunu rikoverati fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex biex imorru għall-testijiet f'Malta fis-sens jekk il-pazjenti jistgħux jagħżlu huma jekk imorrux l-Isptar Mater Dei bl-ambulanza jew b'xi mezz ta' trasport ta' l-għażla tagħhom? *04/05/2010*

**Tweġiba:** Jiena nfurmata li pazjent li jkun rikoverat fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex jibqa' taħt ir-responsabbiltà medika tal-istess sptar anke waqt il-vjaġġ għall-Mater Dei. Għalhekk fl-aħjar interess tal-pazjent u tal-isptar dan jingħata l-parir li tintuża ambulanza u *staff* tal-isptar. F'każ rari li l-pazjent jagħżel li juża trasport mhux tal-isptar, dan jintalab biex l-ewwel jiffirma li sejjer jitlaq mill-isptar kontra l-parir mediku għaliex l-Isptar ma jkunx f'pożizzjoni li jerfa' r-responsabbiltà tal-pazjent waqt il-vjaġġ. *10/05/2010*

***Għawdex bħala destinazzjoni rurali unika***

17271. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli LAWRENCE GONZI (Prim Ministru): Jista' l-Prim Ministru jwieġeb mistoqsijiet parlamentari 15862, 15597, 14223 u 15362 u jgħid x'miżuri ttieħdu mill-2007 sal-2009 mill-Gvern u l-Awtorità ta' Malta għat-Turiżmu biex jippromwovu lil Għawdex fis-suq turistiku bħala



destinazzjoni rurali unika? X'kienet in-nefqa fuq dawn il-miżuri? X'miżuri mistennija jittieħdu din is-sena u fl-2010? Kemm hija mistennija li tkun in-nefqa kull sena fuq il-miżuri li mistennija jittieħdu? *13/05/2010*

**Tweġiba:** L-Awtorita' ta' Malta għat-Turiżmu tqis lill-Għawdex bħala destinazzjoni unika b'attrazzjoni qawwija għal tipi ta' turiżmu.

Sabiex tattira dawn it-tipi ta' turiżmu l-Awtorità tat-Turiżmu tieħu diversi inizjattivi fosthom billi tilħaq ftehim ta' *joint marketing* ma' *tour operators* li jirreklamaw lil Għawdex, riklamar ffukati fuq Għawdex u attivitajiet promozzjonali oħra. Fost dawn l-attivitajiet, ta' min isemmi li l-Awtorità torganizza *fam trips* u tara li l-*Media* barranija tippubblika artikli fuq Għawdex. Qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista li turi l-inizjattivi li ttieħdu f'dan ir-rigward minn Jannar 2008 sa nofs dis-sena.

Huwa kkalkulat li l-Awtorità tonfoq madwar Euro 1.3 miljun fis-sena fuq dawn l-attivitajiet sabiex tippromwovi lil Għawdex waħedha. In-nefqa tal-MTA fi promozzjoni li tinkludi kemm 'l Malta u lil Għawdex hija akbar.

Qiegħed inpoġġi wkoll kopja tal-artikli u reklami għal Għawdex li l-Awtorità tat-Turiżmu ħadmet fuqhom bejn Jannar u April tas-sena 2010. *24/05/2010*

***Ċirkewwa - terminal***

**17272. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli AUSTIN GATT (Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni):** B'riferenza għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 15863 jista' l-Ministru jgħid jekk id-dokumentazzjoni dwar it-*tender* għax-xogħlijiet li għandhom isiru fiċ-Ċirkewwa inkluż it-*terminal*, li ġiet preparata, ġietx issa approvata mid-Dipartiment tal-Kuntratti? Jekk iva, meta? Jista' jgħid jekk it-*tender* issa ħarġitx? Jekk ħarġet meta? Jekk le, meta mistennija toħroġ? *13/05/2010*

**Tweġiba:** Ninsab infurmat li d-dokumentazzjoni dwar it-*tender* għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni (civil works) li għandhom isiru fiċ-Ċirkewwa inkluż it-*terminal*, ġiet preparata u t-*tender* ġie ppubblikat fis-7 ta' Mejju 2010. L-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti ngħatat madwar ġimgħa qabel id-data tal-pubblikazzjoni. *24/05/2010*

Kummentarju (3)

# Neħilsu l-ħin liberu...

*"Għallimna ngħoddu jiem ħajjitna..." (Salm 90:12)*

## Kwantità jew kwalità?



*kitba ta'* DUN RICHARD NAZZARENO FARRUGIA

**"L-iżvilupp fl-oqsma tat-teknoloġija u l-mediċina tawlu l-ħajja tal-bniedem". Din hija stqarrija li ġeneralment kulħadd jaqbel magħha. Meta mbagħad niġu biex nitkellmu dwar kemm dan l-iżvilupp tejjeb il-kwalità tal-ħajja nsibu opinjonijiet differenti skont wieħed x'jifhem bi kwalità tal-ħajja. Min bi kwalità tal-ħajja jifhem kumditajiet, effiċjenza u l-aċċessibbiltà għal kulħadd tas-servizzi essenzjali bħalma huma l-ikel, l-akkomodazzjoni, ix-xogħol, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-libertà ta' komunikazzjoni u espressjoni, x'aktarx jara li hemm titjib fil-kwalità tal-ħajja. Biss min il-kwalità tal-ħajja jikkunsidraha skont kemm il-bniedem jgħix tabilħaqq ħajja umana fir-rispett tad-dinjità li biha hu mogħni u tas-sejħa tiegħu li *jsir* dak li tabilħaqq hu msejjaħ għalih, allura aktar milli risposti jqumu mistoqsijiet li jistednuna għar-riflessjoni.**

### *Ħin liberu minn...*

Xħin niġu biex nitkellmu dwar il-*ħin liberu*, anki hawn nistgħu nsibu li dan il-ħin żdied fil-*kwantità* imma mhux daqstant fil-*kwalità*. Qabelxejn jeħtieġ li jiġi ċċarat x'inhu mifhum bit-terminu "*ħin liberu*". Il-mentalità ta' soċjetà li tqiegħed fl-ewwel post l-effiċjenza jew l-utilità tqis il-ħin liberu bħala ħin fejn ma taħdimx, ma tipproduċix, jew inkella bħala ħin li jagħmel tajjeb għall-ekonomija fis-settur tad-divertiment. Mill-banda l-oħra, **soċjetà li għandha quddiem nett il-konsumiżmu u r-relattiviżmu tqis il-ħin liberu bħala ħin li fih dak li jkun jagħmel li jrid basta jirrispetta l-liġijiet, jew bħala ħin ta' żvog jew ħarba mill-monotonija tal-ħajja.** Isir allura ħin liberu mix-xogħol, mill-monotonija, mill-ħajja ta' kuljum, minn restrizzjonijiet. Isir ħin utli għall-ekonomija u għall-konsum. F'din l-ottika l-ħin liberu hu ħin "illiberat", "meħlus", imma hemm ir-riskju li l-bniedem li jgħix il-ħin liberu tiegħu b'dan il-mod ma jkunx daqstant liberu. **Kemm tista' tgħid li bniedem li qed jaħrab minn xi ħaġa huwa liberu tassew, jekk din il-libertà hija limitata?** Hu tabilħaqq liberu bniedem li hu meqjus bħala sempliċi oġġett fiċ-ċiklu tal-produzzjoni, tal-konsum, tal-ekonomija?

### *Il-bniedem sħiħ*

Sabiex nifhmu s-sens veru tal-ħin liberu rridu npoġġu fiċ-ċentru lill-bniedem sħiħ u mhux maqsum f'biċċiet. Aħna ngħixu ħajja unika u mhux ħajja d-dar, ħajja oħra fuq ix-xogħol jew fl-iskola, ħajja oħra fil-*weekend* u l-bqija. Bniedem b'ħafna ħajjiet hu maqsum fih innifsu u msejken għax nieqes minn identità, minn direzzjoni u minn dik l-integrità li tagħtih il-paċi fil-qalb u tagħmlu bniedem sħiħ. Meta ngħidu bniedem sħiħ infissru wkoll bniedem li huwa spirtu (mogħni bl-intellett u r-rieda) u ġisem. Dawn iż-żewġ dimensjonijiet ma jistgħux jiġu mifruda minn xulxin meta niġu biex nitkellmu fuq il-bniedem. Hemm rabta indissolubbli bejn l-identità tal-bniedem u l-ġisem tiegħu, għax il-bniedem jeżisti billi jeżisti fil-ġisem tiegħu. Donnu jidher kliem tqil li jipprova jfisser dak li suppost ikun ovvju, imma nistgħu narawh utli xħin inqisu l-konsegwenzi li joħorġu meta nitkellmu fuq il-ħin liberu fid-dawl tal-bniedem sħiħ. **Il-ħin liberu allura jsir ħin għall-ġisem u għall-ispirtu, ħin li għandu jgħin u mhux jeqred il-ġisem u l-ispirtu.** Minbarra dan, meta nitkellmu fuq il-bniedem sħiħ nitkellmu fuq il-bniedem li huwa maħluq xbieha ta' Alla, li għandu *ruħ*. Hu l-bniedem li jinsab fi djalogu ma' Alla, li hu miftuħ għall-Aktar Għoli. Mifdi minn Kristu – Alla magħmul bniedem – il-bniedem hu msejjaħ biex ikollu sehem minn "ħolqien ġdid", biex isir "bniedem ġdid" (ara 2 Kor 5:17). Il-Kristjan, maħsul fl-ilma tal-Magħmudija, permezz tad-don tal-fidi ġie mogħti s-setgħa li jsir iben ta' Alla, imwieled minn Alla (ara Ġw 1:12-13).

Riflessjoni oħra li rridu nagħmlu hija dik li l-bniedem *jgħix* fiż-żmien magħmul minn snin, xhur, ġimgħat, jiem, sigħat, minuti, sekondi... Interessanti li fl-ilsien tagħna aħna nużaw il-verbi "sar" u "għamel" mal-kunċett ta' ħin. Ngħidu: "il-ħin kien *sar*", "*sar* il-ħin", "*għamel* il-ħin". Mingħajr ma nidħlu fuq ir-raġuni tal-użu ta' dawn il-verbi fil-Malti (inħallu dan għal min hu kompetenti f'dan il-qasam), nistgħu napprezzaw il-ħsieb li **l-ħin mhux sempliċiment *jgħaddi* imma *jsir, jagħmel.*** Din il-kunsiderazzjoni tista' tgħinna naslu għat-tifsira vera tal-*ħin* u tal-*ħin liberu*.

### *It-tifsira ta' "żmien"*

Santu Wistin u San Tumas ta' Aquino jiddefinixxu ż-żmien b'dan il-mod: "*Tempus nihil aliud est quam numerus motus secundum prius et posterius*", "Iż-żmien mhux ħlief in-numru mħarrek skont *qabel* u *wara*". Jgħidu wkoll li ż-żmien ġie maħluq flimkien mal-ħolqien u għandu fih moviment ta' bidla. Bil-lingwaġġ ta' żmienna nistgħu ngħidu li dan il-moviment nistgħu nqisuh taħt żewġ aspetti

ta' żmien: iż-żmien *bijoloġiku* li fih il-bidla ssir b'mod naturali, u ż-żmien *interjuri* li jiddependi minn kemm il-bniedem jaħdem biex *isir* aktar bniedem. Din it-tieni bidla fl-interjorità tal-bniedem diġà nsibuha preżenti qalb il-filosofi Griegi li kienu jqisu lill-bniedem u lill-univers f'dan il-moviment mix-xejn għall-eżistenza u bdew jaslu għall-idea (fi Platun u Aristotli) ta' Essri li jeżisti 'l barra mill-bniedem u l-ħolqien, u li jagħti l-eżistenza lil dak kollu li jeżisti. Fid-dawl tal-Iskrittura Mqaddsa jiġi mgħarraf lilna li kulma jeżisti ġej minn Alla maħluq mill-Verb u permezz tal-Verb (ara Ġw 1:2), hekk li l-Ittra lill-Kolossin tgħid għal Kristu: "Kollox bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox, u kollox fih qiegħed iżomm" (Kol 1:17). Fil-"milja taż-żminijiet" (Gal 4:3) il-Verb isir bniedem u jgħammar fostna, jifdina u jurina fih it-Triq li għandna nimxu lejn l-aħħar taż-żminijiet, meta kollox jitqiegħed taħt l-Iben u Alla jkun kollox f'kollox (ara 1 Kor 15:28).

**Fid-dawl tal-Iskrittura Mqaddsa naraw kif iż-żmien għandu direzzjoni preċiża. Il-ħin tassew qed *isir* fil-veru sens tal-kelma.** Dan iż-żmien hu mogħti lilna biex insiru dak li għalih aħna msejħa minn Alla. Huwa Alla l-Ħallieq, anki taż-żmien, u allura anki s-Sid (ara Apok 22:13). Il-ħolqien kollu miexi lejn Kristu.[1] Għaldaqstant il-bniedem hu msejjaħ biex jiżviluppa lilu nnifsu fiż-żmien: "La Alla stqarr l-'iva' l-aktar qawwija lill-bniedem, il-bniedem ma jistax jonqos milli jinfetaħ għas-sejħa divina biex iwettaq l-iżvilupp tiegħu".[2]

## *It-tifsira ta' "ħin liberu"*

Xħin niġu mbagħad biex nitkellmu fuq il-ħin liberu, hemm bżonn ukoll naraw x'nifhmu. Meta ħin liberu jkun jimplika l-eżistenza ta' tip ta' ħin ieħor li "mhux liberu", wieħed jista' jaħseb li l-bniedem iħossu passiv, skjav tal-bżonn li *jaħdem għax bilfors* u *jaħdem biex jaqla'* u xejn aktar. Il-bniedem huwa aljenat minn dak li jagħmel u ma jqisx ix-xogħol tiegħu bħala parti mill-ħajja tiegħu, bħala parti mill-vokazzjoni tiegħu biex "jaħdem u jħares" dak li l-Ħallieq fdalu. Biss, bħalma jgħidu l-Missirijiet tal-Knisja, ix-xogħol mhuwiex il-ħidma tal-iskjav (*opus servile*) imma hu l-ħidma tal-bniedem (*opus humanum*), għax permezz tax-xogħol il-bniedem iħares id-dinja flimkien ma' Alla, flimkien miegħU hu sid tagħha, u jwettaq ħwejjeġ tajba għalih u għall-oħrajn. Saħansitra Sant'Ambroġ jasal biex jgħid li kull ħaddiem huwa l-id ta' Kristu li tissokta toħloq u tagħmel it-tajjeb.

**Jekk permezz tax-xogħol il-bniedem jissieħeb fl-opra tal-Ħallieq, hekk ukoll fil-mistrieħ jissieħeb fil-mistrieħ tal-Ħallieq.** Fis-seba' jum il-Ħallieq waqaf mix-xogħol kollu tiegħu u bierek is-seba' jum u qaddsu (ara Ġen 2:2-3). It-twaqqif ta' Jum il-Mulej – jgħallimna l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika – qiegħed hemm biex jagħti lil kulħadd il-possibbiltà li jgawdi mill-mistrieħ meħtieġ u minn ħin liberu li jagħtih ċans jieħu ħsieb il-ħajja familjari, kulturali, soċjali u reliġjuża (ara Nru 2184). Hawn naraw dak "l-umaniżmu integrali" li jħaddan lill-bniedem f'kull aspett tiegħu u jgħin sabiex il-bniedem jiżviluppa f'kull qasam ta' ħajtu. Allura nintebħu kemm **il-ħin liberu mhux ħin fejn il-bniedem jinża' mir-responsabbiltajiet tiegħu jew bħallikieku jieqaf milli jiżviluppa u jsawwar lilu nnifsu. Iżda huwa ħin fejn ikompli jibni lilu nnifsu u jsir aktar bniedem.**

Jekk mifhum b'dan il-mod, il-ħin liberu jibda jidher bħala ħin fejn il-bniedem huwa protagonista u mhux sempliċiment oġġett tal-konsum jew tal-aptiti tiegħu. Mhuwiex ħin fejn il-bniedem ma jibqax bniedem għax jidħol f'libertinaġġ li mhux denn tal-intelliġenza u r-rieda tiegħu, imma huwa ħin umanizzanti, jiġifieri fejn il-bniedem isir aktar bniedem: il-bniedem li jadura fl-ispirtu u l-verità, il-bniedem li jwieġeb għas-sejħa li għandu ġewwa fih li jħobb lil Alla u lill-proxxmu, liema mħabba jesprimiha bil-kontemplazzjoni ta' dak kollu li hu sabiħ (natura, arti, kultura), bis-smigħ tal-Imħabba u bis-sehem fis-sagrifiċċju u l-ikla tal-Imħabba (il-Quddiesa tal-Ħadd), bl-iżvilupp tat-talenti li bihom hu mżejjen (passatempi), u bl-imħabba tiegħu lejn il-proxxmu, ibda mill-familja, il-ħbieb u anki l-batut, l-imsejken, l-anzjan, il-marid, l-imwarrab. Hekk il-ħin liberu jsir ħin fejn il-bniedem jesprimi b'mod mill-aktar qawwi l-libertà li biha hu msejjaħ biex iħobb.

## *L-adolexxenti tagħna u l-ħin liberu*

**Fil-kuntest ta' dan kollu, meta wieħed japprezza l-valur u s-sens veru tal-ħin liberu, nistgħu nistaqsu jekk il-ħin liberu tagħna hux qed ikun tassew ħin ta' kwalità, ħin li fih nikbru aktar fl-umanità tagħna u fl-imħabba lejn Alla u l-proxxmu.** Nixtieq li hawn nikkunsidraw il-ħin liberu f'rabta ma' kategorija speċifika: dik tal-adolexxenti.

Jidher li l-adolexxenti tagħna, li għaddejjin minn fażi ta' skoperta fil-ħajja tagħhom, li qed jgħaddu mit-tfulija għall-ħajja ta' adulti, jeħtieġu attenzjoni partikulari biex tassew jgħixu l-ħin liberu bħala ħin liberu; *liberu* anki fis-sens litterali tal-kelma, jiġifieri ħin *movimentat,* fejn wieħed jitħarrek. Qed jikber in-numru ta' adolexxenti li jgħaddu l-parti l-kbira tal-ħin liberu tagħhom imċaftra fuq pultruni u siġġijiet jiċċettjaw jew jilagħbu fuq l-internet u/jew il-*Playstation*, jew inkella quddiem it-televiżjoni. Illum hemm studji li juru li, barra l-problemi tal-obeżità, anki l-istess pożizzjoni ta' ħin twil bilqiegħda hi ta' periklu għas-saħħa (l-hekk imsejħa *Repetitive Stress Injury*).

Minbarra dan, uliedna qed jingħalqu ġo dinja virtwali li bil-mod il-mod toqtol il-ħbiberiji veri. **Hu aktar faċli tgħix f'dinja tal-ħolm milli f'dik tar-realtà. Hu eħfef iżżomm relazzjoni ma' persuna li tista' teħles minnha xħin trid b'għafsa tal-*mouse*, milli tgħix fi ħbiberija vera fejn hemm l-isfida biex tisma', tilqa', tħobb u taċċetta lil min jikkoreġik, lil min ma jaċċettakx. Meta l-bniedem jgħix kontinwament f'ħarba minn dak li hu iebes u tqil, jiġri li meta l-ħajja tgħaddih minn mumenti ta' diffikultà jaqta' qalbu minnufih u jipprova jaħrab b'mezzi li ġeneralment flok jerfgħuh, jgħaffġuh aktar 'l isfel.** Min jgħaddi sigħat twal f'dinja virtwali jispiċċa

---

[1] It-teologu Franċiż Pierre Teilhard de Chardin SI jitkellem fuq il-punt *Omega* li lejh miexi l-univers li hu identifikabbli mal-Logos tar-Rivelazzjoni, jiġifieri ma' Kristu li jiġbed lil kulħadd lejh.

[2] Benedittu XVI, Ittra enċiklika Caritas in veritate (29 ta' Ġunju 2009), 18.

biex ibati mis-solitudni, min-nuqqas ta' ħila li jirrelata mal-oħrajn, u jista' jibda jaħseb li fid-dinja jeżisti hu biss, u dak li jgħid u jaħseb hu biss huwa s-sewwa.

Biex niftiehmu, hawn qed insemmu riskju marbut ma' dawn il-mezzi li bl-ebda mod ma jeskludi l-fatt li wieħed jista' jagħmel użu tajjeb minnhom. Biss, il-mod kif jużawhom ħafna mill-adolexxenti tagħna juri li hemm għax wieħed jitħasseb. Dan biex ma nsemmux il-fatt li meta wieħed għad m'għandux il-kapaċità li jagħżel bejn informazzjoni li hi ta' ġid għalih u oħra li tagħmillu l-ħsara, dak li jkun huwa espost għal periklu akbar. Qisek bħal meta għandek karozza u taqbad issuqha bla ma taf kif tibbrejkja.

**Jidher li ħafna minn uliedna, l-aktar fiż-żmien tas-Sajf, isibu ruħhom ma jafux x'ser jaqbdu jagħmlu b'ħajjithom. Jisfaw bla skop u allura jfittxu okkażjonijiet li jistgħu joħorġuhom minn dan id-diżorjentament.**

Uliedna jixtiequ jiddevertu, jixtiequ *jagħmlu* xi ħaġa, anki jekk apparentament jafu jagħtuna l-impressjoni li ma jridu jagħmlu xejn. Hawn tidħol il-ħidma ta' kull min hu edukatur: il-ġenituri, is-saċerdoti, il-katekisti, u kull Kristjan li hu msejjaħ biex ikun melħ u dawl għal dawn uliedna. Għandna s-sejħa li ngħinu lil uliedna *joħorġu minn djarhom* u jagħmlu mill-ħin tagħhom tassew ħin liberu li jgħinhom jikbru u jsiru persuni aktar ħielsa.

**Ma nistgħux nikkuntentaw ruħna b'uliedna li qegħdin id-dar bi kwiethom. Lanqas ma huwa ġust li nċaħħduhom mill-ħin liberu billi nokkupawhulhom bi privatijiet żejda u mhux neċessarji jew b'ċerti *summer jobs* li jikkonsistu f'sigħat eżaġerati ta' xogħol li prattikament jirrendu lil uliedna magni, u nagħtuhom idea ta' xogħol bħala mod biss biex taqla' l-flus u tagħmel bihom li trid. Din lanqas mhija vera edukazzjoni, għax f'każi bħal dawn ma nkunux nedukaw lil uliedna għall-vera responsabbiltà u lanqas għall-valur li għandu l-ħin liberu fih innifsu.**

Kif ngħinuhom? Diġà jeżistu bosta realtajiet li jgħinu lill-adolexxenti tagħna joħorġu minn djarhom u jgħaddu l-ħin liberu tagħhom f'tip ta' attività li tgħinhom jiżviluppaw it-talenti tagħhom, jikbru fi ħbiberiji sinċiera, filwaqt li jkunu ta' servizz lill-komunità. Jiġuni f'moħħi l-adolexxenti impenjati fir-radjijiet komunitarji tal-parroċċi tagħna u dawk impenjati f'ħidma marbuta mal-festi parrokkjali, bħalma huma l-kumitati tal-armar u tal-banda. Hemm ukoll parroċċi fejn jiġi mħejji programm ta' attivitajiet għat-tfal u l-adolexxenti, fejn l-adolexxenti nfushom jgħinu fl-organizzazzjoni tal-logħob. F'dawn ir-realtajiet huwa importanti li min hu responsabbli jieħu ħsieb li jkunu ambjenti ta' edukazzjoni Kristjana, u allura dejjem hi neċessarja l-preżenza tas-saċerdot jew ta' edukatur/katekist ta' fiduċja. Hu ta' min jinkuraġġixxi li f'kull parroċċa jkun hemm inizjattivi bħal dawn u anki oħrajn. Filwaqt li wieħed jifhem li fix-xhur tas-Sajf hu diffiċli tagħmel laqgħat ġo post magħluq, dan ma jfissirx li tul dawn ix-xhur għandha tieqaf il-pastorali mal-adolexxenti tagħna. Anzi hu propju f'dan iż-żmien li hi l-aktar meħtieġa. Jista' jiġi stabbilit programm b'ċerta frekwenza ta' ħarġiet flimkien, fosthom tas-*summer camps*. Anki ta' min jikkura esperjenzi ta' volontarjat ma' anzjani, morda u persuni oħra fil-bżonn, fil-limiti tal-possibbiltajiet li toffri l-gżira tagħna.

Il-ħin liberu hu fuq kollox ħin fejn il-bniedem isebbaħ lil Alla. Nistgħu nippruvaw fil-ħin tas-sajf ngħinu aktar lill-adolexxenti tagħna fl-animazzjoni ta' quddiesa partikulari u anki ngħinuhom jiskopru d-diversi ministeri li hemm fi ħdan il-Knisja.

### *Konklużjoni*

**Dawn huma ftit aspetti ta' realtajiet li huma diġà eżistenti u li tajjeb li jiġu msaħħa u jikbru. Hu essenzjali li kull edukatur, ibda mill-ġenituri, iħoss il-bżonn li jwieġeb b'mod konkret għal din is-sitwazzjoni u flimkien ma' edukaturi oħrajn jaħdem biex tassew il-ħin liberu tal-adolexxenti tagħna jkun ħin li jgħinhom jikbru. Tkun ħasra jekk nagħlqu għajnejna quddiem din l-isfida u missjoni li għandna li nitgħallmu aħna u ngħallmu lil uliedna din l-arti ta' kif ngħixu tabilħaqq iż-żmien tagħna fuq din l-art. Tabilħaqq, mas-Salmista nitolbu lill-Mulej biex jgħallimna ngħoddu jiem ħajjitna u hekk nimxu bil-għaqal (ara Salm 90:12).**

### *Bibljografija*


Castelli Giovanna–Gausco Giovvanella, *Free time e Leisure. Un approccio psicologico al problema del tempo libero*, Casa Editrice Marietti, Casale Monferrato 1984.

Cecchini Antonio, *Il tempo e il suo senso*, = Quaderni di Pastorale Universitaria 4, Lateran University Press, Roma 2006.

Di Pietro Maria Luisa, *Adoloscenza e comportamenti a rischio*, Editrice La Scuola, Brescia 1995, 199-219.

Plant Martin–Plant Moira, *Comportamenti a rischio negli adoloscenti. Alcool, droghe e sesso*, = Metodi e tecniche del lavoro sociale 26, Erickson, Trento 1996. Titlu oriġinali: *Risk-takers. Alcohol, drugs, sex and youth*, traduzzjoni ta' Federica Pedrotti.

Quinn John M., "Tempo", f'*Agostino. Dizionario enciclopedico*, editjat minn Allan D. Fitzgerald. L-edizzjoni Taljana editjata minn Luigi Alici u Antonio Pieretti, Città Nuova Editrice, Roma 2007, 1353-1361. Titlu oriġinali: *Augustine through the Ages – an Encyclopaedia*, W.B. Eerdmans, Grand Rapids (MI)–Cambridge (UK) 1999.

"Tempo", f'Mondin Battista, *Dizionario enciclopedico del pensiero di San Tommaso d'Aquino*, = In Unum, EDB, Bologna 1991, 595-597.



Peter's Butcher Shop

*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*

St. Joseph Square, Qala Gozo

Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

*Sfidi ta' Żmienna*

# *Ir-Reliġjożità tal-Għawdxin*

## *- Analiżi tas-sitwazzjoni...*
## *- Fidi matura jew drawwiet sbieħ?*



*kitba ta'* **VICTOR DEGABRIELE S.J.**

**Wara li għext ħames snin fid-Djoċesi t'Għawdex, nixtieq innizżel xi riflessjonijiet. Bħal f'kull djoċesi, f'Għawdex issib min hu tassew mogħti lil Alla, jgħix il-ħajja fil-Knisja b'ġenerożità u dedikazzjoni. Issib ukoll min ma jimpurtahx, qisu fergħa kważi mejta u li ma tagħmilx frott. Ħafna jipprattikaw il-fidi tagħhom, imma ma jgħixuhiex b'konvinzjoni personali imma bi drawwa jew għal xi raġuni oħra. Il-fidi ta' dawn in-nies tinsab pjuttost f'moħħhom milli ġewwa qalbhom; hi magħmulha minn doveri li ma jkunux ġejjin mill-imħabba. Il-Mulej qiegħed isejjaħ lil kull membru tal-Knisja tiegħu għal aktar qdusija, u lil dawk li jgħixu f'Għawdex ukoll. Il-Mulej ta' dawk li jsejħu lilhom infushom insara f'Għawdex, mhux dejjem kuntent biċ-ċekċik, b'fidi mċekkna. L-argument tagħna li l-ftit aħjar mix-xejn ma jimpressjonahx lill-Mulej. Il-Fidi Nisranija mhix iċċentrata fuq doveri, jew ideat, jew duttrini, jew bini ta' kull xorta, iżda fuq persuna li hu l-Mulej Ġesù. Bl-ideat u d-duttrini ġġib ruħek kif trid, l-istituzzjonijiet tgħaddihom biż-żmien.** Imma bil-



Mulej Ġesù, la tgħaddih biż-żmien u anqas iġġib ruħek kif jidhirlek. Għal ħafna l-Mulej Ġesù jibqa' biss stampa, jew statwa, jew xi ħaġa qaddisa. Lil dawn in-nies il-Mulej qiegħed jiffaċċjahom, iżda huma jippretendu li hu biss xi ħaġa, qaddisa kemm trid, biss mhux ta' importanza hekk kbira li titolbok l-attenzjoni serja. Djoċesi li tista' tkun ċentru ta' qdusija, tibqa' biss ċentru ta' tjubija.

Meta l-Fidi Nisranija ma tkunx iċċentrata sew fuq il-Mulej Ġesù, tagħti lok għall-kompromessi jew korruzzjoni ta' kull xorta li jiġru qisu qatt ma ġara xejn. Kultant in-nies jindunaw! Tismagħha l-kelma: basta dik il-persuna tmur il-knisja! **Bħal f'kull relazzjoni, il-kompromessi jdgħajfu d-dedikazzjoni, il-kompromessi jċajpru d-dehra ċara tal-Mulej, u l-ħarsa ddur lejn dak li hemm madwaru bħall-festi, bini, ċerimonji.** Peress li dawn ta' l-aħħar m'għandhomx personalità, tista tilgħab bihom kif trid, u minflok jgħinu sabiex inħobbu aktar lill-Mulej, nużawhom għas-suppervja tagħna, biex ikollna biex niftaħru. Isirulna bħal allat żgħar li mbagħad inġelldhom ma' l-allat ta' nies oħra, ġeneralment ta' parroċċi oħra.

Realtà fil-Knisja t'Għawdex hi li l-biċċa l-kbira ta' l-insara huma mgħammdin bħala trabi u jikbru f'ambjenti pjuttost insara. Dan hu vantaġġ kbir imma jista' joħloq l-iżvantaġġ li dak li jkun qatt ma jasal sabiex il-fidi tiegħu ssir tassew personalizzata jew internalizzata, għażla ċara ta' Kristu. Il-laqgħat ta' talb, irtiri jistgħu jwasslu għal din l-għażla, u hekk suppost jagħmlu. Jista' jkun ukoll xi esperjenza diffiċli li ċċaqlaq il-pedamenti. **Il-ħafna manifestazzjonijiet reliġjużi li jsiru fid-djoċeżi mhux bilfors huma xhieda ta' ħajja nisranija ferventi. Ħafna nies preżenti jkunu biss spettaturi. Aħjar anqas nies aktar dedikati lill-Mulej Ġesù milli ħafna b'interess superfiċjali.** Peress li l-biċċa l-kbira minn nies tad-djoċesi ħadu edukazzjoni pjuttost reliġjuża, allura jkunu jafu sew fuq ir-reliġjon, imma dan ma jfissirx li jafuha fil-qalb tagħhom. Anki fil-quddiesa tal-Ħadd numru ta' nies ikunu preżenti bħas-soltu imma ħeġġa ftit li xejn u malli joħorġu mill-knisja, il-fidi nisranija jinsewha.

**Eluf ta' turisti jżuru Għawdex kull sena, turisti minn kull pajjiż, u b'ħafna drawwiet differenti minn t'Għawdex, u diversi twemmin. Quddiem din ir-realtà l-insara t'Għawdex għandom sfida u dover. Mhux biżżejjed li t-turisti tqishom biss bħala dawk li**

**jgħinu l-ekonomija. Il-fidi jew in-nuqqas tagħha ta' dawn in-nies, għandha tkun ta' l-akbar interess għall-kattoliċi Għawdxin.** Fil-manifestazzjonijiet reliġjużi ta' barra l-knisja għanda tingħata attenzjoni serja għal dan il-fatt. It-twemmin tat-turisti joħloq responsabbiltà fil-kattoliċi tad-djoċesi. Għaliex għandom it-turisti jqisu l-espressjonijiet esterni tal-fidi tagħna bħala biss **folklore** jew drawwiet antiki bla ebda relevanza għal-lum? Sfortunatament il-manifestazzjonijiet esterni tal-fidi spiss isiru biss 'pageants' u mhux sejħa għall-fidi aktar interna, ma jservux bħala mezzi ta' evanġelizzazzjoni. Kemm turisti jħossuhom imqanqlin lejn il-Knisja Kattolika meta jaraw l-imġieba pubblika tal-membri tagħha? Jista' jiġri wkoll li dawn il-manifestazzjonijiet ikunu mmexxija u organizzati minn nies li l-fidi tagħhom hi superfiċjali u hekk dak li jorganizza ma jesprimix fidi profonda.

**Kulħadd jikkummenta li l-knejjes t'Għawdex huma tassew impressjonanti, tassew sbieħ. Meta nara n-nies, speċjalment turisti (Maltin u oħrajn) iduru fihom u jammiraw, jiġini li nistaqsi kemm minnhom joħorġu mill-knisja bil-konvinzjoni li ltaqgħu m'Alla. Il-knisja tal-ġebel għandha tfakkarna li t-tempju li l-Mulej irid jgħammar fih hu qalbna stess.** Il-knisja u t-tiżjin tagħha iservuna biex iwassluna lejn il-Mulej. Jista' jiġri imma illi l-knisja tal-ġebel li hi suppost monument għal Alla, issir monument għalina, għall-kapaċitajiet tagħna, għall-ġid tagħna, għad-devozzjoni tagħna. Minflok niċċentraw fuq Alla nagħtu l-attenzjoni lit-tiżjin li għamilna biex nagħtu glorja lilu. Il-knejjes isiru mużewijiet ta' l-arti u mhux djar tat-talb. Il-pitturi u l-istatwi fil-knisja għandhom iwassluna għand il-Mulej Ġesù. X'aktarx li d-deheb u l-fidda li bihom inżejnuhom inessuna li dawn huma n-nies tal-Mulej li ma ġibidx lihom għalih, u anqas lilna ma jiġbidna lejh, bid-deheb u l-fidda. Is-slaten ta' din l-art jiżżejnu sabiħ biex jimpressjonawna. Il-Mulej jappella għal dak li hu intern għalina, u m'għandux bżonn la ta' deheb u anqas ta' fidda u anqas ta' unuri jew poter.

**Fid-djoċesi t'Għawdex isiru ħafna laqgħat ta' talb u rtiri ta' kull xorta. Huma ħafna involuti fl-opri tal-Knisja. Kuntatti mal-Knisja ma jonqsux. Dan mhux bilfors jixhed fidi ġewwinija.** Għal bosta l-attivitajiet tal-knisja iservu ta' ħarġa, huma parti mill-ħajja soċjali, sakemm ma jintalabx minnhom impenn fil-qalb, tibdil serju tal-ħajja favur Alla. Il-ħajja reliġjuża/soċjali tagħhom isservi biss ta' għata li tippermetti dak li jkun li jidħaq bih nnifsu u jaħseb li Alla ma jistenniex aktar, li Alla qed jingħata dak li jistħoqqlu u li issa huwa Hu li għandu x'jagħti. Meta tqis li fid-djoċesi jitqaddsu madwar mija u ħamsin quddiesa kuljum, li għalihom jattendu mijiet ta' nies, għaliex id-djoċesi m'għandhiex tgħix qdusija speċjali? Sfortunatament il-fidi ta' ħafna tibqa' fuq livell imċekken – Alla jinħabb għax hu l-Benefattur il-Kbir.

Wara l-konsgrazzjoni fil-quddiesa s-saċerdot jiddikjara: "Dan hu l-Misteru tal-fidi." U n-nies jirrispondu li Ġesù miet, qam u għad jerġa' jiġi. Li Ġesù miet, qam u għad jerġa' jiġi hu l-Misteru li qed ngħixu fih. Misteru jitlob għotja totali, u dan mhux faċli u għalhekk nirtiraw ġewwa l-Istorja. **Għal ħafna nies id-dikjarazzjoni ta' wara l-konsagrazzjoni tfisser: jiena naf l-istorja li Ġesù miet, qam u għad jerġa' jiġi kif qalilna hu, imma m'inix lest li nħalli din tkun għalija esperjenza ta' Ġesù, li tibdilni mill-qiegħ. Dan jidher meta tkun anqas spiċċat il-quddiesa li ma jsirx ħafna nuqqas ta' karità fit-toroq u d-djar.**

Li Ġesù għex, miet, qam u għad jerġa' jiġi hu l-Misteru tagħna. Wieħed jiftakar fil-Misteri tar-Rużarju li tant jaffirmaw li jikkonsidraw u jikkontemplaw kuljum. Il-kontemplazzjoni titlob l-imħabba u l-imħabba tfisser għotja personali, li tħalli lill-persuna li tħobb tibdlek. Hekk il-ġenituri jġibu ruħhom ma' uliedhom. U hekk il-Mulej jistenna minna. Dan jistennih wara li hu stess għamel hekk magħna, ikkontemplana, ħalla lilna naffettwawh internament, u spiċċa biex tana ħajtu stess. Meta niddikjaraw li Kristu miet, qam u għad jerġa' jiġi inkunu qegħdin ngħidu individwalment, li Ġesù miet għalija, qam mill-mewt għalija, u għad jerġa' jiġi għalija. Dan jitlob risposta.

Tant nies jiddikjaraw kuljum li Ġesù miet għalihom, qam għalihom, u sejjer jerġa' jiġi propju għalihom. Kif tista' l-ħajja tibqa' sejra bħallikieku l-Mulej Ġesù kien biss persunaġġ ta' l-imgħoddi li tista' twarrbu meta hemm bżonn? **Il-Mulej Ġesù irid ikun il-Ħabib personali ta' kull membru tad-djoċesi tiegħu. Kull persuna trid tiddiċiedi jekk tridx ikollha biss konoxxenza ta' Ġesù, tkun taf bih, jew inkella taħdem sabiex issir tafu fil-qalb. Mill-kotba u d-diskorsi ssir taf biss fuq Ġesù; fit-talb dedikat issir taf lilu.**



"Picture Story" - 8 minn SEQER

# ECO-GOZO ... HEKKU GĦAWDEX!











LETTERATURA GĦAWDXIJA Poeżiji



## Il-Pitirross

minn **Christina Spiteri**

X'għamiltlek jien, ja tfajjel
biex lili hawn sakkart,
imdawwar b'fildiferru,
il-għala lili ħqart?

Kont tant inkun ferrieħi
insaffar ġewwa l-ġnien,
minn siġra għal fuq l-oħra
nittajjar bla waqfien.

Filgħodu kmieni kmieni
fit-tieqa kont inkun
insaffar biex tismagħni
u minn ġos-sodda tqum.

Titlesti u tipprepara
tħejji l-affarijiet,
fil-ħin kont tkun preżenti
dejjem kont tmur bil-kwiet.

Min ser iqajmek issa
la jiena hawn ilsir;
nixtieq ħdejk nista' niġi,
'mma ma nistax intir!

Minn qalbi qed nitolbok
agħtini l-ħelsien,
biex nerġa' mmur nittajjar
fis-siġar ġewwa l-ġnien.

Tfal, le tkunux kattivi,
taħqrux l-għasafar żgħar;
ħalluhom iferrħukom
fil-ġonna ħdejn id-dar.

*Żewġ poeżiji tas-Serv t'Alla,* **Giulio Salvadori**, *(1862 – 1928), maqlubin għall-Malti minn* **Michael Grech**

## L-Ogħla Tweġiba

Mewwieġ il-baħar taħt kappa ta' stilel:
ebda għajbur fin-nir safi bla tebgħa;
ebda qala' f'wiċċ l-ilma.

Imma d-djar li jidhru mill-medda mxettla,
lis-sema fuq baħar lixx leqqien
jistaqsu b'ħerqa tilma.

U l-geġwiġija ta' kwiekeb bla għadd,
ittenni tidwi l-eku ta' ħass ir-ruħ,
Taħseb: u b'rogħda tfur.

Tlissen: u mal-brim t'arket il-mewġa
il-Baħar qatt għajjien jislet tweġiba:
Inti Int: glorja, O Sinjur!

## Fejn Int?

Spirtu li kollok ħlewwa,
Fejn Int? Ġà l-quċċati
rozzi t'iġbla ġenb tajt.
Sublimi wisq l-għaqbiet;
tmellis bellusi Tiegħek
fuq fjur il-wied jien rajt.

Spirtu kollok splendur
Fejn Int? L-għajn b'ġerħa titboq
tgħammixha b'raġġ ix-xemx:
'mma jnixxi fil-qalb
leħen tal-Infinit
bħan-nwar tas-sema m'hemmx.

Spirtu omnipotenti
Fejn Int? Mintix le ġewwa
sajjetta jew f'xi berqa;
hemm Int fil-ġwejjed
qamħ fil-għalqa:
għajnejja jqimuk b'ħerqa.


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 7.00pm - 10.00pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*

**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# Il-Folklor fil-Gżejjer Maltin

*Ktieb maħruġ mill-Kunsill Lokali tal-Qala. Editur, Euchar Mizzi; Stamperija tal-Gvern, April 2010. Edizzjoni bl-Ingliż, paġni 96, illustrat.*

Nhar il-Ħamis fil-għodu, 29 ta' April 2010, f'waħda mis-swali qodma taċ-Ċittadella, il-Kunsill Lokali tal-Qala ippreżenta lill-pubbliku l-pubblikazzjoni interessanti *Folklore in the Maltese Islands* fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Dr Chris Said li kien bil-għajnuna u l-koperazzjoni sħiħa tiegħu li dan il-ktieb seta' jara d-dawl tal-istampa. Kienu preżenti wkoll it-tlett awturi li kkontribwew il-kitbiet interessanti tagħhom f'dan il-ktieb, Charles Coleiro, Anton F. Attard u Joe Zammit Ciantar flimkien mas-Sur Alfred Ellul Galea li qara r-reċensjoni li għamel dwar dan il-ktieb.

Biex naturalment il-ktieb ikun jista' jinqara minn għadd kbir ta' qarrejja, ġie deċiż li jiġi stampat bl-Ingliż. Charles Coleiro għażel li jikteb dwar *Is Folklore part of History or a Myth from the Past? – an indepth analysis*; Anton F. Attard għażel li jikteb dwar *The Narrative Lore of Malta and Gozo*, waqt li Joe Zammit Ciantar tana l-'paper' interessanti tiegħu dwar *Folklore in Gozitan Place Names*. Irridu ngħidu li dan il-ktieb huwa r-riżultat ta' dak kollu li ħareġ mill-Konferenza Internazzjonali dwar il-*Folklore* Malti li kienet saret matul ir-raba' l-*Qala International Folklore Festival* organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Qala flimkien mal-*Qala Menhir Folk Group* f'Ottubru tal-2009. Minn dakinhar 'l hawn il-Kunsill Lokali ta' dan ir-raħal kien ġarrab il-mewt ta' wieħed mill-membri attivi tiegħu Anthony Camilleri li kien miet fl-eta' ta' 53 sena fid-29 t' Ottubru 2009 u allura kien xieraq u f'postu għall-aħħar li din il-pubblikazzjoni tiġi ddedikata lilu. L-Editur tal-ktieb huwa Eucar Mizzi mill-Qala wkoll li ħa ħsieb inkluda fil-ktieb id-diskorsi li kienu saru matul il-Konferenza li niftakar kienu attendew għaliha għadd ta' studjużi u membri tal-pubbliku. F'dik l-okkażjoni kienu taw il-messaġġi tagħhom, Paul Buttiġieġ li huwa s-Sindku tal-Qala, Dr Chris Said, Dr Mario Demarco Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu, kif ukoll il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Kollha kemm huma l-kelliema kienu emfasizzaw dwar l-importanza li għandha tingħata lill-attivitajiet bħal dawn u saħqu fuq l-opportunità li għandha tittieħed biex il-*Folklore* u t-tradizzjonijiet Maltin 'jinbiegħu' biex jedukaw lil niesna u fl-istess ħin jiġbdu turisti lejn il-gżejjer tagħna, speċjalment fix-xhur tax-xitwa.




Lejn tmiem il-pubblikazzjoni wieħed jista' wkoll jaqra l-Bijografija dwar it-tlett awturi. Il-ktieb li għandu produzzjoni ta' Joe Zammit Ciantar huwa mżewwaq ukoll b'numru ta' ritratti bil-kulur li ttieħdu matul dan ir-raba' Festival Internazzjonali dwar il-Folk. Il-ktieb tistgħu ssibuh fil-libreriji kollha kif ukoll fl-uffiċċju tal-Kunsill fil-Qala.

Fid-diskors li għamel is-Sindku tal-Qala waqt il-preżentazzjoni tal-ktieb, huwa żvela li fi żmien mhux 'l bogħod ir-raħal tal-Qala se jkollu wkoll il-Mużew tal-*Folklore* Malti u radd ħajr lis-Segretarju Parlamentari Chris Said għall-għajnuna kbira tiegħu li kien qed jagħti lill-Kunsill tiegħu b'mod speċjali f'dan ir-rigward. Prosit tassew lil Kunsill Lokali tal-Qala għal għadd ta' inizjattivi li jieħu minn żmien għal żmien biex jara lil raħlu miexi dejjem 'l quddiem.

**Kav Joe M Attard**
*emarjos@hotmail.com*

## *Wara ż-Żjara tal-Papa niflu xi messaġġi li ħallilna*

# *KELMA GĦAL KULĦADD MILL-*

### 1 LILL-PRESIDENT LILL-ISQFIJIET LILL-AWTORITAJIET DISTINTI

"In-Nazzjon tagħkom għandu jibqa'

- jiddefendi l-indissolubbiltà taż-żwieġ, sew bħala istituzzjoni naturali u sew bħala sagrament
- jiddefendi l-vera natura tal-familja
- jiddefendi li l-ħajja umana hija sagra u qaddisa mit-tnissil sal-mewt naturali
- u jiddefendi r-rispett lejn il-libertà reliġjuża."

*(Wasla, Ajruport ta' Ħal Luqa, 17 ta' April 2010)*

### 2 LIL KULL WIEĦED U WAĦDA

***L-Evanġlizzazzjoni Ġdida***

"Minn dan il-post qaddis (il-Grotta ta' San Pawl), jiena nappella lil kull wieħed u waħda minnkom biex tidħlu għall-isfida eċċitanti tal-evanġelizzazzjoni ġdida.

Għix il-fidi tagħkom bl-iktar mod profond

- mal-membri tal-familji tagħkom
- ma' ħbiebkom
- fid-distrett tagħkom
- fuq il-bank tax-xogħol
- u f'kull qasam tas-soċjetà Maltija."

*(Ir-Rabat, 17 ta' April 2010)*

### 3 LILL-GĦALLIEMA LILL-KATEKISTI

"B'mod speċjali, jiena nħeġġeġ lill-ġenituri, lill-għalliema u lill-katekisti biex titkellmu mal-oħrajn dwar l-esperjenza tal-laqgħa tagħkom ma' Kristu Rxoxtat.

Titkellmu mal-oħrajn speċjalment maż-żgħażagħ li huma l-futur ta' Malta.

Il-fidi tissaħħaħ meta tiġi mogħtija lill-oħrajn."

*(Enċiklika Redemptoris Missio Nru. 2)*

***Is-Sbuħija u r-Rikkezza tal-Fidi***

"Emmnu li dak il-ħin ta' tagħlim tal-fidi jwassal għal-laqgħa ma' Alla li fl-omnipotenza tiegħu jmiss il-qlub tal-bnedmin.

B'hekk intom twasslu liż-żgħar u liż-żgħażagħ biex iduqu **s-sbuħija u r-rikkezza tal-Fidi Kattolika** u toffrulhom Katekeżi soda.

Hekk tistednuhom biex jieħdu sehem aktar attiv fil-ħajja sagramentali tal-Knisja."

*(Ir-Rabat, 17 ta' April 2010)*

### 4 LIS-SAĊERDOTI

"Nixtieq ngħid kelma speċjali lis-saċerdoti preżenti... f'din is-sena li qegħdin niċċelebraw dan id-don kbir tas-Saċerdozju.

- Dun Ġorġ kien saċerdot ta' umiltà kbira, ta' tjubija, ħlewwa u ġenerożità, mehdi fit-talb u ħerqan biex jgħallem il-veritajiet tal-Vanġelu.
- Jalla San Ġorġ Preca jservi ta' mudell u ispirazzjoni għalikom..."

***Tliet Mistoqsijiet***

"Ftakru wkoll fil-mistoqsija li Kristu Rxoxt għamel lil Pietru għal tliet darbiet :
'INTI TĦOBBNI?'

Din hi l-mistoqsija li Kristu jagħmel lil kull wieħed minnkom:

1. **'Inti tħobbu?'**
2. **'Inti trid taqdih bl-għotja tiegħek innifsek, kollok kemm int?'**
3. **'Inti ħerqan biex twassal li oħrajn jagħrfuh u jħobbuh?'**

Ma' Pietru, qisu li jkollkom kuraġġ li twieġbu: **'Iva Mulej, inti taf li nħobbok.'**

***Qaddejja tal-Ferħ***

Ilqgħu b'qalb mimlija gratitudni x-xogħol sabiħ fdat f'idejkom.

- Il-missjoni li ġiet fdata lis-saċerdoti hija li tkunu qaddejja tal-ferħ;
- Qaddejja tal-ferħ ta' Alla li Hu jixtieq li jsawwab fid-dinja."

*(il-Furjana, 18 ta' April 2010)*

**Dawl għall-Ħajja** — *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# - PAPA BENEDITTU XVI F'MALTA

## 5 LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ

*La Tibżgħux*

- "Lilkom kollha li tixtiequ timxu wara Kristu... u twasslu l-messaġġ tal-Vanġelu lid-dinja, jien ngħidilkom : "La tibżgħux!"
- Tistgħu żgur tiltaqgħu ma' oppożizzjoni għall-messaġġ tal-Vanġelu.
- Hu faċli, meta nkunu żgħażagħ u ninpressjonaw ruħna malajr, li nkunu nfluwenzati minn sħabna biex naċċettaw ideat u valuri li nafu li ma humiex dawk li l-Mulej iridna nħaddnu;
- Hu għalhekk li jien ngħidilkom :

**La tibżgħux, iżda ifirħu**
fl-imħabba Tiegħu għalikom

**Afdaw fiH**

- Wieġbu għas-sejħa tiegħu biex tkunu dixxipli tiegħu
- U sibu l-ikel u l-fejqan spiritwali fis-Sagramenti tal-Knisja.

**La tibżgħux tkunu ħbieb intimi ta' Kristu."**

## 6 LILL-MISSJUNARJI

*Grazzi!*

"Għeżież missjunarji,
Nirringrazzja lilkom ilkoll, f'isem il-Knisja kollha
- għax-xhieda tagħkom lil Kristu Rxoxtat
- għal ħajjitkom, li qed tgħaddu fis-servizz tal-oħrajn.

Il-preżenza u l-ħidma tagħkom f'tant pajjiżi tad-dinja
- huma ta' ġieħ għal pajjiżkom
- huma xhieda tal-ħeġġa evanġelika li tbaqbaq fil-Knisja f'Malta.

*Talba*

Ejjew nitolbu lill-Mulej biex iqajjem ħafna rġiel u nisa qalbiena biexikomplu jwettqu l-missjoni nobbli
- li jxandru l-Evanġelju
- u jaħdmu għat-tkabbir tas-Saltna ta' Kristu f'kull pajjiż u f'kull ġens."

*(Ir-Rabat,17 ta' April 2010)*



## 7 LILL-MALTIN U L-GĦAWDXIN KOLLHA

*Il-Fidi l-Akbar Rigal*

- "Fost ir-rigali kollha... ir-rigal li ġabilna San Pawl kien l-akbar wieħed.
- **Għożżu l-FIDI u l-valuri li takom l-Appostlu Missierna San Pawl.**
- Komplu iflu r-rikkezza u l-profondità ta' dan ir-rigal.
- Qisu li l-Fidi tgħadduha mhux biss lil uliedkom, iżda lil kull min tiltaqgħu miegħu.
- Intom għandkom tkunu kburin li pajjiżkom
  - jiddefendi lit-trabi li għadhom ma tweldux
  - kif ukoll jiddefendi u jinkuraġġixxi familji stabbli billi jgħid

  **Le għall-Abort**
  **Le għad-Divorzju."**

*(Il-Furjana, 18 ta' April 2010)*

*Għożżu l-Wirt Malti*

- "Agħtu eżempju ta' ħajja Nisranija dinamika u mħeġġa kemm f'pajjiżkom u kemm barra minn pajjiżkom.
- **Kunu kburin bis-sejħa Nisranija tagħkom.**
- **Għożżu l-wirt reliġjuż u kulturali tagħkom.**
- Ħarsu 'l quddiem mimlijin tama
  b'rispett kbir lejn il-ħolqien
  b'rispett u qima lejn il-ħajja umana,
  u bi stima kbira lejn iż-żwieġ u l-integrità u s-sħubija tal-
- **Kunu wlied denji ta' San Pawl...**
- La tħallux li l-vera identità tagħkom tiġi kompromessa mill-indifferentiżmu u mir-relattiviżmu.
- Jalla tibqgħu fidili lejn it-tagħlim ta' San Pawl.
- **Grazzi ħafna! Il-Bambin iberikkom!**

*(Tluq, Ajruport ta' Ħal Luqa, 18 ta' April 2010)*

*Solidarjetà Nisranija (11)*



# *L-Opri tal-Ħniena Spiritwali (2)*

*kitba ta'*
MONS. ISQOF EMERITU
NIKOL Ġ. CAUCHI



### *3. WIDDEB LILL-MIDINBIN*

**Kollna kemm aħna midinbin u għalhekk jaqbel li l-ewwel naraw id-dnub tagħna u nindmu minnu, mbagħad inħarsu lejn ħaddieħor u nipprovaw ngħidulu kelma għall-ġid biex jikkorieġi l-iżbalji tiegħu.**

Żgur, iżda li l-korrezzjoni ta' l-aħwa, meta magħmula kif imiss, hija att ta' solidarjetà u għemil ta' ħniena. Barra minn hekk, il-korrezzjoni ta' l-oħrajn hija dmir nisrani, għaliex aħna obbligati li nikkorieġu u nwissu lil min jiżbalja. Kristu għallimna b'mod ċar "Jekk jidneb ħuk, mur wissieh, bejnek u bejnu, weħidkom" (Mt 18,15).

**Il-korrezzjoni li ssir f'waqtha u bil-prudenza kollha, tista' tevita ħafna ħsara morali, kemm fil-persuna li tkun qiegħda tiżbalja, kif ukoll fis-soċjetà. Mill-banda l-oħra, jekk il-korrezzjoni ma ssirx, l-iskandlu jkompli jikber u jinfirex.**

Dan l-obbligu li nikkorieġu lil ħuna li jiżbalja, jkun jeżisti tabilħaqq meta hemm xi tama li niġu mismugħa. Barra minnhekk, **min jagħmel il-korrezzjoni, hemm bżonn li jkun moralment ċert li l-persuna għandha bżonn it-twissija, minħabba l-periklu spiritwali li tkun tinsab fih. Iżjed ukoll, min jikkorieġi, ma għandux jagħmel dan b'sens ta' superjorità, għax minn għalih ma għandux id-difetti li għandu ħaddieħor, iżda għall-kuntrarju, kollox għandu jsir b'umiltà kbira għaliex min jikkorieġi għandu jkun konxju biżżejjed li huwa wkoll suġġett għall-iżbalji u għall-waqgħat.** Bir-raġun, San Pawl iwissina: "Jekk xi ħadd jinqabad f'xi ħtija, intom li intom spiritwali, widdbuh bi spirtu ta' ħlewwa; oqgħod attent li ma tkunx imġarrab int ukoll" (Gal 6.1).



Jekk wieħed ikollu xi jedd fuq il-persuna li tiżbalja, per eżempju, is-superjuri rigward is-sudditi tagħhom, jew il-ġenituri rigward uliedhom, id-dmir tal-korrezzjoni huwa ikbar.

**Il-korrezzjoni ta' l-aħwa hija arti diffiċli. Għandha ssir, mhux f'salt wieħed, imma bi gradwalità, jiġifieri pass wara l-ieħor. Titlob delikatezza, rispett, diskrezzjoni u umiltà f'min jagħmilha.** Fuq kollox, hija għandha tkun imqanqla mix-xewqa li dawk li jkunu fl-iżball jikkonvertu u b'hekk jiksbu ġid spiritwali mill-korrezzjoni li ssirilhom. Il-korrezzjoni qatt ma għandha ssir f'mument ta' korla u bi kliem iebes, li flok ma jqanqal għall-indiema, jġib reazzjoni u jkompli jwebbes ir-ras ta' min ikun waqa' fl-iżball.

**Sewwa li nistaqsu lilna nfusna: "Jekk ġarax xi darba li kellna l-obbligu li nikkorieġu lill-oħrajn u bqajna lura? Jekk il-korrezzjoni għamilnihiex b'mod żbaljat, għaliex ma konniex motivati mill-imħabba sinċiera lejn għajrna jew konna neqsin mill-prudenza u mill-umiltà?"**

### *4. ĦENNI LILL-IMNIKKTIN*

In-niket li xi drabi jolqot il-bniedem jista' jkun ġej minn kawżi differenti: Tista' tkun xi marda li l-fejqan tagħha mhux ħaġa ħafifa u ta' malajr. Tista' tkun ukoll sitwazzjoni finanzjarja diffiċli, bħal ta' dawk li ma jistgħux ilaħħqu ma' l-ispejjeż tal-ħajja. Il-kawża tista' tkun ukoll l-imġiba ta' xi persuna ngrata, li tpattielna bid-deni l-ġid li għamilnielha. Xi drabi tkun it-telfa ta' persuna għażiża ħafna għalina. Ma' dawn, wieħed jista' jżid ukoll ħafna kawżi oħra, iżda **hi x'inhi l-kawża, l-effett tagħha li huwa n-niket, wieħed jintebaħ bih faċilment. Xi drabi, għad li mhux dejjem, in-niket huwa msieħeb mal-biki u jġib miegħu wkoll għafsa ta' qalb u viżjoni mċajpra tal-ħajja.**



L-opra tal-ħniena, f'dan il-każ, tikkonsisti f'li aħna ma nħallux waħdu lil min hu mnikket. Għandna, qabel xejn nintebħu bin-niket tiegħu. Noqogħdu attenti wkoll biex ma nkomplux inkabbrulu, b'xi kelma mprudenti li ngħidulu. **Ta' spiss tkun ħaġa diffiċli għalina li nsibu l-kliem adattat biex infarrġu lil min ikun imdejjaq, iżda ġara ħafna drabi, li tkun biżżejjed il-preżenza ta' persuna li tħobb u tagħder sinċerament, biex tnaqqas xi ftit mid-dwejjaq ta' min ikun qed isofri, anki jekk dik il-persuna tibqa' siekta.**

Xi drabi jkun possibbli li wieħed jirbaħ in-niket billi jsib tarf tal-kawża tiegħu; hekk per eżempju, jekk wieħed huwa mnikket għax marid, jeħles minn niket tiegħu jekk isejjaħ tabib li jfejqu mill-mard. Iżda dan ħafna drabi ma jkunx possibbli f'każijiet oħra ta' niket. Jekk wieħed ikun jemmen, jimtela' bil-kuraġġ jekk inġeddulu u nsaħħulu l-fidi, li Alla mhux ser jabbandunah fid-dwejjaq tiegħu. **Alla l-Imbierek huwa l-aqwa konsolatur, u jsawwab il-balzmu tal-faraġ fil-qlub ta' dawk li jemmnu u jittamaw fih. Bil-fomm tal-profeta, Alla jwegħdna dan kollu: "bħalma omm tfarraġ lil binha, hekk jiena nfarraġ lilkom"** (Iżaija 66,13).

Ta' min jirrifletti dwar dak li għamel Kristu f'ħajtu fuq l-art, biex ifarraġ lil dawk li kienu mdejqin. Fl-episodju tar-reżurezzjoni ta' Lazzru, li nsibu fil-Vanġelu ta' San Ġwann,(11,1-44) Ġesù kkonsla lil Marija u Marta ta' Betanja, li kienu mnikktin minħabba l-mewt ta' ħuhom Lazzru. Hu neħħielhom għal kollox in-niket tagħhom għaliex ta mill-ġdid il-ħajja lil ħuhom.

Hekk ukoll gara fil-każ ta' l-armla ta' Najn, li kif naqraw fl-evanġelju ta' San Luqa (7,11-17) kienet miexja mbikkija wara t-tebut ta' binha l-waħdieni. Ġesù ġietu ħniena minnha u qajjem lil binha mill-mewt. Aħna ma nistgħu b'ebda mod nagħmlu dan; iżda nistgħu bi kliemna inqawwu fl-oħrajn it-tama u l-fiduċja f'Ġesù li huwa l-"qawmien u l-ħajja."

**Huwa għemil ta' ħniena u att ta' karità nisranija li nagħtu sehem lill-oħrajn, mit-trankwillità u mill-faraġ li Alla jikkonċiedi lilna kif jgħallimna l-Appostlu Missierna "Alla ta' kull faraġ, hu jfarraġna fl-hemm kollu tagħna biex aħna permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġ lilna, nkunu nistgħu nfarrġu 'l dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' hemm"** (II Kor 1,3-4).


Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500



PMC TOURS · PAUL M. CASSAR ·

20 - 27 ta' Lulju
RUMA-SORRENTO-CAPRI
ASSISI-POMPEI-FRASCATI
***
4 - 9 t'Awissu
DRAMM TAL-PASSJONI
F'OBERAMMERGAU
Inzuru:MUNICH-ETTAL
GARMISCH-AUGSBURG
***
21 - 28 t'Awissu
NORWAY
Inzuru:OSLO-DRAMMEN
GEILO-FLAM-FJORD DISTRICT
Tour Leader:Paul M. Cassar
Tel. 21551004 -79021033




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Il-Wieħed u Tletin Parti )*

## *IL-PRESES TAL-MADUM (2)*

***Kif isir il-madum***
L-ewwel il-ħaddiem kien jaqbad il-plakka tal-forma u fuqha jqiegħed il-kwadrant biex tiġi l-forma. Kull individwu waqt ix-xogħol ikollu forma waħda għalih. Imbagħad jimla l-forma bl-ingredjenti skont il-maduma li jkun qiegħed jagħmel. Imbagħad fil-kwadrant idaħħal il-għatu li jkun tal-ħadid oħxon.

Wara dan, il-forma tidħol taħt il-pressa li kienet taħdem bl-ilma u l-arja, għax permezz ta' l-ilma tagħmel l-arja.

Issa l-pressa kienet titħaddem permezz ta' żewġ *leavers* fil-ġenb. Wara li l-maduma kienet tkun ippressata sewwa, il-pressa kien ikun fiha vit ta' l-arja, il-bank tal-pressa jinżel f'postu biex tkun tista' tinħareġ il-forma.

Imbagħad jinqala' l-kwadrant, jitneħħa l-għatu u fl-aħħar bis-sengħa l-ħaddiem jaqla' l-maduma minn fuq il-plakka.

***Kif isir il-madum tad-disinn***
Qabel xejn il-ħaddiem kien jipprepara l-għaġna tal-kuluri fil-mastelli. Kien ikollu mastella għall-kull kulur.

Kien jipprepara wkoll l-istoppini billi jxarrab l-istrixxi tal-flanella bl-*acqua di rosa* u fuqha jitfa' wkoll ftit frak tar-raża, qisu frak ta' l-inċens.



***Madum tal-Palma għall-Bankini***

Għal kull kulur il-ħaddiem kien ikollu sassla jew satla biex biha jerfa' l-kulur u jitfgħu fid-disinn ta' ġo forma. Il-kuluri jridu jkunu magħqudin tali li ma jkunux maħlulin iżżejjed ħalli ma jitħalltux flimkien.

Wara li tintrama l-forma, ġol-forma jinżel id-disinn li se jinħadem li kien ikun magħmul minn strixxi tar-ram li jkollhom minn fejn jinqabdu.

Issa l-ħaddiem jibda jqassam il-kuluri skont id-disinn li jkun ordnat. Meta d-disinn jimtela kollu bil-kuluri differenti, ir-ram tad-disinn jitla' jew jinqala' minn ġol-forma bis-sengħa u jlaħalħuh fl-ilma.

Imbagħad kienu jitfgħu it-**tfarfir** jew **putraxx** fuq il-kulur biex jixxotta. Immedjatament il-ħaddiem ikompli jimla l-kwadrant b'taħlita ta' siment u *crusher* kemm kemm imniddi, Malta msejjaħ 'milanġ', li dan allura jiġi l-qiegħ tal-maduma.

Imbagħad jitqiegħed il-għatu fuq dik it-taħlita u din tidħol taħt il-pressa.

Wara li tkun ippressata, il-ħaddiem jaqla' l-kwadrant, jitneħħielu l-għatu u bis-sengħa jaqla' l-maduma minn fuq il-plakka.

***Deskrizzjoni oħra***
Issa se nagħti deskrizzjoni oħra ta' kif isir il-madum tad-disinn, dik mogħtija mill-mibki Patri Ġiġi Camilleri, S.J., li meta kien żgħir kien jarahom jaħdmu l-madum fil-pressa ta' Manwel Hili ta' Samina.

"Kienet ħaġa interessanti tarahom jaħdmu dak il-madum. Kellhom taħlita tas-siment dejjem lesta. Imbagħad, diġa' f'postha fi pressa, kien ikun hemm il-forma tal-maduma. Dawk ta' kulur wieħed kienu forom kwadri. Dawk li jkun fihom xi disinn kienu bih ġo fihom. Kienu jsawbu s-siment kważi ilma. Kien ikollu l-lewn li jixtiequ jagħtu lill-maduma. Dawk ta' disinni differenti



*Madum tal-Parapetti*

jkollhom il-forma għal kull disinn u fihom jissawwab is-siment bil-lewn tiegħu. Kif is-siment ikun fil-forma, jagħfsu l-pressa u l-maduma tieħu l-qagħda tagħha. Kif tkun għadha ratba, kienu jgħaddsuha fl-ilma għal jum jew tnejn f'ħawt imdaqqas jesa' bejn mija u mitejn maduma. Meta l-madum jibbies biżżejjed joħorġuh mill-ħawt u jistivawh qishom qegħdin iqiegħdu l-kotba fuq xkaffa ta' librerija. Min kien ikun qed jibni xi dar, jiġi u jagħżel dak li jogħġbu."

### *Tipi ta' madum*

Kien hemm diversi tipi ta' madum, kif se jingħad.

- **Madum lixx**, lewn wieħed, per eżempju abjad jew iswed, isfar jew ħamrani.
- **Madum tal-btieħi** jew **bankini**: isfar, griż jew kannella.
- **Madum tal-btieħi** griż lewn is-siment imma bid-disinn imħaffer: ċangaturi (bħal taċ-ċikkulata), disinn qisu palm, disinn tax-xibka, disinn dahar il-fekruna u disinn oħra.
- Madum **Trecolor** kien madum magħmul b'disinn ta' tliet kuluri.



*Madum tal-Bankini modern*

### *Disinni tal-kulur*

- Il-burdura.
- Il-kannizzata.
- Il-farfett.
- Ta' l-Isqof.
- L-ajkla.
- Il-fleur-de-lys.
- Margerita.
- L-istilla.
- Il-qasrija.
- Id-disinn tal-boċċi.
- L-ivvinat (Malta jissejjaħ *parquet*).

### *Disinni kbar*

Fost id-disinni li semmejna hawn fuq insibu disinni kbar magħmulin minn bosta madumiet li xħin jitqiegħdu kif suppost jiffurmaw disinn kbir. Disinni bħal dawn kienu jkunu magħmulin b'madum tat-tmienja, taqsima żgħira kull maduma, li meta l-madumiet jitqiegħdu ma' xulxin kif suppost joħroġ id-disinn.

Disinni bħal dawn ġie li kienu jagħmluhom f'xi kamra kbira jew sala, inkella fl-art ta' xi ħanut daqsxejn komdu.

Tliet disinni kienu dawn: **L-Ajkla**, **il-Farfett** u **l-Qasrija**.

*(jissokta)*

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884



*Intervista*

# *Dar Ġużeppa Debono... Dar il-Ħajja*

Dar Ġużeppa Debono
Rispett lejn il-Ħajja sa mit-Tnissil
25 ANNIVERSARJU

*intervista ta'* FRANCESCO PIO ATTARD

**Ħamsa u għoxrin sena ilu, propju nhar il-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, jiġifieri fit-8 ta' Diċembru 1985, infetħet f'Għawdex opra ta' ġid pastorali li minn dakinhar 'l hawn kibret f'istituzzjoni dinamika li tippromovi l-valuri tal-ħajja fil-gżejjer tagħna.**

**Dar Ġużeppa Debono taf isimha lil xebba filantropa (1883-1956) mir-Rabat ta' Għawdex li kienet tħabtet biex id-djoċesi ta' Għawdex akkwistat biċċa art wara l-knisja ta' Lourdes, l-Imġarr, fejn inbniet dar li wara mewtha laqgħet fiha s-sorijiet Dumnikani biex ikomplu jieħdu ħsieb it-tfal iltiema. Iktar tard, fl-eqdem parti tal-binja, b'inizjattiva ta' Dun Manwel Curmi u Maria Attard, infetħet din id-Dar, għall-ewwel biex tilqa' fiha tfajliet-ommijiet li kienu qed isibu ruħhom f'diffikultà minħabba s-sitwazzjoni li jkunu fiha. Sa mit-twaqqif tagħha d-Dar ħadmet biex tgħin lil dawn l-ommijiet isibu lura posthom fil-familji tagħhom u fis-soċjetà, waqt li bdiet tirsisti biex toħloq iżjed kuxjenza fost il-familji Maltin, speċjalment l-istudenti, fuq il-valur tal-ħajja sa mit-tnissil, bi promozzjoni ta' edukazzjoni sesswali b'saħħitha. Illum, iktar milli biss residenza, bil-minjiera ta' servizzi li toffri Dar Ġużeppa Debono saret ċentru ta' formazzjoni lejn il-ħajja, ispirata mill-valuri ta' Kristu u tal-Vanġelu.**

**Francesco Pio Attard jitkellem ma' Maria Attard, direttriċi tad-Dar u għal snin twal għalliema fl-iskejjel sekondarji ta' Għawdex, fuq dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena ta' storja u fuq il-viżjoni lejn il-futur.**

*Kif bdiet l-istorja ta' Dar Ġużeppa Debono?*
Bosta tfajliet ommijiet Maltin kienu jiġu Għawdex sabiex jinħbew min-nies. Dawn kienu jmorru jfittxu l-għajnuna mill-Kurja, minn għand Dun Manwel Curmi, is-saċerdot inkarigat mill-*Caritas* ta' Għawdex. Peress li din it-talba kienet frekwenti nħass il-bżonn li tinstab residenza għal dawn it-tfajliet.



*Ġużeppa Debono meta kienet għadha żagħżugħa*

*Għaliex hi msemmija għal din il-filantropa Għawdxija?*
Ġużeppa Debono kienet mara li ħadmet ħafna b'riżq it-tfal Għawdxin u Maltin. Kienet hi li waqqfet *Lourdes Home* u kienet tgħix propju fil-parti qadima ta' dik li llum hi *Dar Ġużeppa Debono*. Allura kien jixraq li d-Dar tissemma għaliha.

*Dar Ġużeppa Debono għandha identità essenzjalment Kristjana. Għaliex? Minn xiex tispira ruħha?*
Dar Ġużeppa Debono hi dar tad-djoċesi ta' Għawdex, u sa mill-ftuħ tagħha t-tmexxija tagħha kienet ispirata mill-Vanġelu. Ix-xbieha ta' Kristu li jilqa' għandu lil dawk li kienu mwarrba mis-soċjetà, li mar jiġri wara n-nagħġa l-mitlufa, u li jistedinna biex nistiednu għall-ikel lil dawk li m'għandhomx biex iroddulna lura, għenitna biex nagħtu servizz ta' kwalità.

*Fiex tikkonsisti l-ħidma prinċipali li tagħmel id-Dar?*
Prinċipalment hi dik li tgħin lit-tfajla-omm, toffrilha residenza fejn meħtieġ u takkumpanjaha f'dak kollu li jkollha bżonn. It-tieni hi li tagħmel ħidma ta' formazzjoni ma' l-istudenti u fil-parroċċi fuq il-valur tal-ħajja u tas-sesswalità. It-tielet, li tiċċelebra l-ħajja f'mumenti differenti tas-sena, speċjalment Jum il-Ħajja.

*X'tgħidli fuq il-voluntiera? X'tip ta' professjonisti jagħtu l-għajnuna tagħhom biex id-Dar tagħti s-servizzi tagħha?*
Id-Dar tiffunzjona prinċipalment bil-volontarjat, u din hi karatteristika li hi fundamentali. Il-voluntiera jvarjaw bejn professjonisti, avukati, psikologi, *social workers*, għalliema, ħajjata, *accountants*, studenti, nisa tad-dar u oħrajn. Għandna grupp minn Malta, oħrajn mill-Istati Uniti u tant Għawdxin.



*Il-ftuħ tad-Dar mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, nhar it-8 ta' Diċembru 1985*



*L-ewwel grupp ta' nisa li ħadu ħsieb jagħmlu fundraising għad-Dar*

***Il-valur tal-ħajja... Kif taħdmu biex tippromovuh aktar?***
Nagħmlu seminars u laqgħat fuq il-ħajja għall-istudenti. Dawn isiru fid-Dar stess. Isiru laqgħat fil-parroċċi u ċelebrazzjonijiet diversi. Noħorġu *leaflet* b'temi diversi fuq il-ħajja; dan jiġi stampat kull tliet xhur u jitqassam f'kull familja Għawdxija. Isiru programmi fuq l-*RTK* fuq is-suġġett.

***B'liema modi matul is-sena d-Dar tagħmel lill-poplu konxju iżjed mill-ħidma tagħha? In-nies kif jistgħu jilħquha?***
Nippruvaw nużaw il-*media* kemm jista' jkun, kif ukoll permezz tal-parroċċi. In-nies dejjem jistgħu jikkuntattjaw id-Dar permezz tat-telefon u bl-*email*.

***Edukazzjoni sesswali... espressjoni li llum bdejna niltaqgħu magħha aktar ta' spiss. Dan l-aħħar bdejtu proġett ta' Spiritual Adoption fl-iskejjel. Kellimna fuqu...***
Din hi attività fejn l-istudenti, permezz ta' *cards* magħmula apposta, isegwu l-iżvilupp ta' tarbija fid-disa' xhur tat-tqala. Huma jagħtu isem lit-tarbija u jitolbu flimkien mal-familja kollha għal din it-tarbija; għalhekk "*spiritual adoption*". Meta jgħaddu d-disa' xhur issir ċelebrazzjoni ħelwa ħafna: jixtru jew jagħmlu card lit-tarbija u jaqsmu l-esperjenza ta' din l-attività; wara jaqsmu kejk li jagħmlu huma u l-*cards* jinġabru f'album li jinżamm f'*Dar Ġużeppa Debono*. Aħna nemmnu li dan it-talb iħalli l-frott u l-istudenti jitgħallmu jgħożżu l-ħajja u jifhmu l-kruha ta' l-abort.

***Il-ħidma tad-Dar hi biss li "tikkura" jew preventiva wkoll?***
Il-ħidma hi edukattiva kif ukoll preventiva. Hi kurattiva meta tkun tgħin lit-tfajla-omm, lill-familjari u lill-missier tat-tarbija.

***X'rispons issib id-Dar min-naħa tal-pubbliku?***
Il-pubbliku hu ġeneruż u jħares lejn id-Dar b'lenti pożittiva, peress li d-Dar qiegħda tindirizza bżonn attwali u relevanti fiż-żmien tal-lum: dak tal-ħajja fl-aspetti kollha tagħha sa mit-tnissil.



*Ħidma ta' fostering fid-Dar*

***Kif issostni ruħha finanzjarment?***
Dan isir primarjament permezz tal-*fundraising*, speċjalment *Christmas in August*, fiera kbira u unika li norganizzaw f'nofs is-Sajf b'kull tip ta' aċċessorji tal-Milied li ma ssibx bħalhom hawn Malta, fejn id-dħul kollu jmur għad-Dar.

***Il-ħidma mifruxa biss fuq Għawdex?***
Le, fuq Malta wkoll. Hekk kienet sa mill-bidu, u sal-lum għadna noffru s-servizz lill-Maltin daqs jekk mhux iżjed milli lill-Għawdxin infushom.

***Tara li d-Dar wessgħet ħafna s-servizzi f'dawn l-ewwel 25 sena tagħha?***
Iva d-Dar hi dinamika f'ħidmietha u wessgħet ħafna s-servizzi tagħha. Fil-bidu s-servizz


*Wieħed mis-seminar edukattivi ma' l-istudenti tas-Sekondarja*

kien biss residenzjali… kemm wieħed ikollu saqaf. Issa hu aktar personalizzat u jilħaq il-bżonnijiet tat-tfajla-omm b'mod ħolistiku.

***Kif qed tfakkru dan l-anniversarju?***

Tul l-ewwel xhur ta' din is-sena diġà kellna okkażjoni li niċċelebraw u ngħallmu, u issa għadu kemm ħareġ programm b'diversi attivitajiet li sa jsiru matul din is-sena u li bihom nixtiequ nilħqu l-kategoriji diversi tas-soċjetà Maltija bl-għan li nġibuhom iktar konxji fuq il-ħidma li qed inwettqu b'riżq il-ħajja fid-diversi oqsma tagħha.

***Kuntatt…***

Dar Ġużeppa Debono, Triq Lourdes, Għajnsielem
GSM 2200, Għawdex
tel: +356 **21 552 595**
email: **guzeppadebonohome@hotmail.com**
web: **www.guzeppadebonohome.com**




Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

*Fl-okkażjoni tal-ħamsa u għoxrin anniversarju tagħha, Dar Ġużeppa Debono ħejjiet programm ta' attivitajiet, bl-iskop li tfakkar din l-okkażjoni b'ċelebrazzjonijiet u appuntamenti oħra formattivi. Isfel jidhru l-attivitajiet għall-bqija ta' din is-sena:*

| | |
|---|---|
| 9-13 ta' Awwissu | Fiera *Christmas in August*<br>Għajnsielem |
| Settembru-Ottubru | Sett ta' konferenzi għas-saċerdoti Għawdxin<br>Sett ta' konferenzi għas-saċerdoti Maltin |
| Settembru-Ottubru | Attivitajiet għat-tfal tal-iskejjel primarji Għawdxin |
| Ottubru | Laqgħa mal-membri tal-Kamra tad-Deputati |
| Ottubru-Diċembru | Programm fl-iskeda tal-istazzjon tar-radju RTK |
| 30-31 ta' Ottubru | Konferenza "Is-Sbuħija tal-Ġisem: Lejn it-Teoloġija tal-Ġisem" (*"I am my Body: Towards the Theology of the Body"*) |
| Novembru | Seminars lill-istudenti tal-ħames sena tal-iskejjel sekondarji Għawdxin<br>Dar Ġużeppa Debono, Għajnsielem |
| 4 ta' Diċembru | Attività mtellgħa flimkien mal-Kummissjoni Djoċesana Persuni b'Diżabbiltà, fl-okkażjoni ta' Jum il-Persuni b'Diżabbiltà u Jum il-Volontarjat |
| 8 ta' Diċembru | Ċelebrazzjoni tal-Għeluq: Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr immexxija mill-E.T. Mons Mario Grech, isqof ta' Għawdex, u wara mixja sa Dar Ġużeppa Debono u riċeviment<br>Knisja arċipretali tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem<br>Dar Ġużeppa Debono, Għajnsielem |
| Diċembru | *Carols by Candlelight*: Kunċert ta' mużika sagra ta' żmien il-Milied, imtella' mill-kor *Schola Cantorum Jubilate*, li d-dħul kollu tiegħu jmur b'riżq *Dar Ġużeppa Debono* |

*Id-dati, ħinijiet u postijiet msemmija f'dan il-programm ta' attivitajiet huma suġġetti għat-tibdil meħtieġ. Fejn m'hemmx indikati dettalji, dawn jixxandru iktar 'il quddiem.*

*Ftit fatti u kummenti*

# It-Turiżmu Intern... Sostenibbli?

## *Vantaġġi u Żvantaġġi*



*kitba ta'* Dr. MARIO SALIBA

**Is-sribet twal tal-karozzi jistennew biex jaqbdu l-vapur lejn Għawdex hija xena li ta' kuljum tara ċ-Ċirkewwa ħdejn il-vapur t'Għawdex. Donnu l-vapuri moderni li għandna saru żgħar għall-ammont ta' xogħol li hemm. Meta mbagħad jasal xi tmiem il-ġimgħa twil jew xi festa, ħoll xahrek u ġib iż-żejt. Il-Maltin jerħula għalenija lejn Għawdex u għalhekk il-gżira tat-tliet għoljiet tkun miżgħuda bil-Maltin li jqattgħu l-vaganzi tagħhom fostna. Dan huwa fenomenu li qegħdin naraw madwarna f'Għawdex minn sena għal oħra. Dan huwa dak li qiegħed jissejjaħ 'it-turiżmu intern'. Ħafna qed isostnu li mn'Alla kienu ħutna l-Maltin għax kieku Għawdex brodu!**

Dan il-moviment ta' numru kbir ta' Maltin sejrin lejn Għawdex fl-aħħar tal-ġimgħa, mhux xi ħaga ta' dawn l-aħħar snin. Għawdex minn dejjem kien il-kalamita tal-Maltin. Illum ħafna huma nies tat-tajjeb li għandhom il- mezzi biex iżommu dar oħra f'Għawdex. Dawn huma nies li mhux bilfors għandhom xi għeruq tal-familja f'Għawdex. Bit-titjib fil-livell tal-għajxien u bit-titjib fil-mezzi ta' trasport bejn il-gżejjer, in-numru ta' Maltin li jaqsmu lejn Għawdex żdied. Mur ġibna magħqudin permezz ta' pont kemm inkunu aktar iffullati bil-Maltin! Dan huwa l-argument oppost ta' dawk kontra t-turiżmu tal-massa.



Ħafna jiftakru dawk il-granet sbieħ li kienu jqattgħu f'Marsalforn jew fix-Xlendi fis-sajf meta l-ħajja kienet ferm aktar trankwilla u nieqsa mill-ħsejjes tal-lum. Ftit kienu jagħmlu ħoss jew jagħmlu effett dawn il-viżitaturi. Ma kienu jdejqu lil ħadd, iżda lanqas ma kienu jagħmlu kummerċ! Il-ħajja kienet differenti. Dan it-tip ta' turiżmu li għandna fostna speċjalment fil-ftit jiem tas-sajf, huwa "turiżmu sostenibbli"? Wieħed ma jridx jinsa l-impatt negattiv fuq il-gżira li din l-invażjoni tħalli warajha. Dan l-impatt l-iktar li jinħass huwa mill-aspett ambjentali, iżda jista' jkun hemm ukoll impatt soċjali. Hafna jħarsu biss mill-aspett ekonomiku. Dan huwa wieħed pożittiv bla dubju ta' xejn, imma l-ġid huwa ikbar mill-ħsara? Kif ser nibbilanċjaw dawn l-impatti?

**Illum dan id-dħul ta' Maltin f'Għawdex bl-eluf kif iħobbu jxandru fuq il-mezzi tax-xandir jiġġenera attività kummerċjali u qliegħ ta' flus għall-Għawdxin. Min-naħa l-oħra, Għawdex ġa qed ibati minn effetti negattivi b'mod partikulari fuq l-ambjent b'żieda qawwija ta' tniġġis tal-arja b'konsegwenzi kbar u rreparabbli. Qiegħed ikun hemm ukoll effett fuq il-ħajja soċjali tal-Għawdxin li ġeneralment huma poplu li jħobb il-kwiet u l-ġabra. Għalhekk ma tistax tlum lil dawk 'l Għawdxin li jiddejqu meta jaraw il-pressjoni kbira ta' Maltin fosthom speċjalment fix-xhur tas-sajf. Dawn mingħajr dubju qegħdin jaraw 'l-ambjent Għawdxi' mhedded. Ħafna jibżgħu li l-ambjent kwiet ġa beda jitlef mill-identità tiegħu u ftit ftit qiegħed isir jixbah lil dak ta' Malta. It-toroq saru traffikużi u l-arja madwarna, li kull ħin u kull mument irridu nieħdu nifs minnha, saret mimlja dħaħen tal-karozzi li dejjem jiżdiedu, aktar bil-viżitaturi.**

Fir-Rabat assolutament ma baqax post fejn tista' tipparkja u t-traffiku mwaħħal huwa xena komuni. Jekk tista' tevita t-toroq prinċipali tar-Rabat tasal iktar malajr. Imbagħad xi ngħidu għall-ħsejjes tal-mużika u l-istorbju tal-ħwienet tax-xorb? Dan kollu qiegħed jissejjaħ progress u żvilupp. Fir-realtà qegħdin nittrasformaw lil Għawdex u nagħmluh jixbah lil Paceville.

Għawdex huwa attrazzjoni fih innifsu kif għamlitu n-natura. Imma kemm sejjer idum hekk, ma nafux! Jekk wieħed jagħlaq għajnejh għal xi ħniżrijiet fil-bini li saru f'dawn l-aħħar għoxrin sena għadek issib bajjiet ħelwin bħal San Blas, Daħlet Qorrot, Mġarr ix-Xini u Ħondoq ir-

Rummien. Dawn huma bajjiet li għadek tista' tgħid li ma ntmessewx mill-iżvilupp. B'xorti tajba l-problema kbira tad-drenaġġ li kien jiżbokka f'San Blas issa ssolviet grazzi għall-fondi mill-Ewropa. Ċerti widien jinsabu fi stat ta' abbandun u huma postijiet mimlijin terrapien, imbarazz u żibel. Xi Kunsilli Lokali pprovaw inaddfu xi widien u minkejja li ħallsu flus tajba biex jitnaddfu kemm-il darba u krew *skips* għaż-żibel, xorta baqgħu jitfgħu l-imbarazz fihom. Għajb għal ċerti nies! Hemm diversi widien oħra li qegħdin jistennew bil-ħniena biex jitnaddfu qabel ma' tibda nieżla x-xita. B'xorti ħażina s-sens vandalu għadu jiġri fil-vini tagħna. F'din il-ħaġa ma nistgħux inwaħħlu fit-turisti Maltin! Minkejja dan, il-kampanja Għawdxija għadha ttik gost meta tmur għal xi passiġġata, speċjalment filgħodu kmieni malli jibda jisbaħ jew tard filgħaxija ma' nżul ix-xemx.

**Ħafna 'turisti' fi żmien qasir f'Għawdex se jħallu xi effetti negattivi u dan it-tip ta' turiżmu mhuwiex dejjem sostenibbli. Għawdex irridu nirriklamawh aktar bħala l-post ta' kultura, tradizzjonijiet, drawwiet, storja, arkitettura, arkejoloġija u natura. Dawn huma affarijiet li ssibhom f'Għawdex is-sena kollha, u mhux f'Santa Marija jew fis-sajf biss.** Maltin li jfittxu l-kwiet u sbuħija tan-natura ssib ħafna, għax wara kollox ħafna jridu l-mistrieħ veru. Dawn ma jiġux biex jiffrankaw il-flus, għax kulħadd jaf li l-lukandi ta' ħames stilel mhux bil-barranin biss ikunu mimlija. Barra minn hekk, hemm anke Maltin li lesti li jikru vilel ta' klassi u meta jkunu hawn jonfqu l-flus fir-restoranti. **Għalhekk it-turiżmu jrid jinfirex matul is-sena kollha u mhux f'Awwissu biss. F'Awwissu qed ikun hawn numru kbir ta' kemm Maltin u kemm ta' barranin tant, li biex il-Maltin isibu flatt jew *farmhouse* iridu jaħsbu minn xhur qabel. Il-lukandi jkunu mimlija.** Jiena kontra dawk l-Għawdxin li japprofittaw rwieħhom mis-sitwazzjoni u jieħdu għoli jew ma joffrux servizz tajjeb. Dawn ħsara lil Għawdex kollu jkunu jagħmlu. Mhix loġika sewwa li kulħadd irid isir sinjur f'daqqa! **Huwa fatt li ħafna appartamenti li jinkrew huma żgħar, maħmuġin u anke neqsin mill-bżonnijiet bażiċi (ġeneralment dawn ikunu mingħajr liċenzja!). It-turist x'inhu, Malti jew barrani jrid jingħata l-valur tal-flus ta' dak li qed iħallas. Fuq dan, l-Għawdxi għandu jpoġġi jdejh fuq il-kuxjenza tiegħu u jagħmel il-kontijiet b'onestà u l-ġustizzja!**

Fl-opinjoni tiegħi t-tip ta' turisti li rridu naħdmu u nipproġettaw għalihom mhix il-kwantità u l-massa li kontroll fuqha ftit jista' jkollok. Hija daħka fil-wiċċ meta jgħidulna li Għawdex **qed iħejji** biex jilqa' eluf ta' viżitaturi fil-jiem ta' Santa Marija. Is-servizzi kemm tas-saħħa u kemm ta' sigurtà li nistgħu nipprovdu huma limitati, mhux għax huma ħżiena, iżda għax sempliċement mhumiex adegwati għal dak in-numru kbir ta' nies li jiġu Għawdex f'ċerti żminijiet partikulari. Pjanijiet ta' kontinġenza jew emerġenza naħseb li hemm, iżda niddubita kemm dawn jaħdmu jekk Alla ħares qatt tiġri xi diżgrazzja kbira.

Għawdex joffri l-opportunità biex jinħoloq post ta' kwalità li jattira numru akbar ta' turisti ta' tipi differenti. Dawn it-tipi ta' turisti jistgħu jimlew ix-xhur batuti. Wieħed jista' jsemmi t-turisti li jiġu jagħmlu l-passiġġati fil-kampanja, għaddasa, nies anzjani li jsibu l-klima tax-xitwa tagħna mhux kifra bħal tagħhom, u turisti li jħobbu l-istorja u l-kultura. Dawn it-tipi ta' turisti żgur li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Biex inkunu nistgħu nlaħħqu ma' dawn it-tipi differenti ta' turisti, **irid isir xogħol infrastrutturali fejn jidħlu toroq, faċilitajiet ġodda, u fuq kollox ħarsien ta' l-ambjent ta' madwarna. B'hekk insaħħu l-industrija tat-turiżmu u nkunu ntejbu l-ħajja tal-Għawdxin. Lejn Għawdex irridu nattiraw kemm turisti ta' kwalità u kemm turisti li jħobbu l-ambjent. Min-naħa l-oħra, rridu nnaqqsu l-ġirja għall-kwantità biex Għawdex nagħmluh post għal turiżmu ta' kwalità.** Dawn it-tipi ta' turisti ma jistgħux joqogħdu ma' xulxin u jibbilanċjaw lil xulxin jekk il-pajjiż ma jkunx ippreparat u l-affarijiet ippjanati





bil-għaqal. Mhux sewwa li ġġib it-turist u twiegħdu affarijiet li għad ma għandekx.

**Min-naħa l-oħra Għawdex kemm jiflaħ għal dan ir-rambaġġ ta' nies speċjalment fis-sajf? Il-ħajja f'Għawdex ċertament ma tibqax trankwilla u rilassata. It-turist ta' kwalità mhux ser jiċħu gost bl-istorbju u l-ħmieġ. Il-kampanja ma tibqax kwieta u pjaċevoli. Il-bajjiet ma jibqgħux ħelwin u indaf, anzi jsiru ta' periklu għas-saħħa. It-toroq isiru infern sħiħ u perikolużi. L-inċidenti tat-traffiku jiżdiedu, l-korrimenti u t-traġedji fuq ix-xtajtiet wieħed jistenniehom. Ħafna huma ż-żgħażagħ Maltin li jaħarbu bogħod mill-għajnejn tal-ġenituri tagħhom lejn Għawdex u jagħmlu xalata kif imiss. Minħabba dawn li għandhom nuqqas ta' edukazzjoni fl-imġieba, jeħel kulħadd. Mhux l-ewwel darba li min jikrilhom jgħidlek li jagħmlulu ħerba mill-appartament.** Dwar x'jagħmlu moralment meta jkunu fil-appartamenti dik biċċa tagħhom. Dment li ma jdejqux lill-ħaddieħor bl-għajjat, storbju, sokor u ħsara apposta, għandhom kull dritt li jiddevertu ta' żgħażagħ li huma. Ma naħsibx li għandna nagħmluha tal-qaddisin u moralisti u nikkundannaw lil kull żagħżugħ u żagħżugħa li jiġu Għawdex. Min-naħa l-oħra, l-liġi tal-pajjiż trid tkun imħarsa u l-pulizija jridu jaraw li dan qiegħed isir bl-ikbar forza possibbli. Din hija l-parti kerha tal- kwadru tat-turiżmu intern iżda mhux il-kwadru kollu. Dan fih pinzellati sbieħ ukoll !

**Għalhekk irridu nneħħu l-għamad li qiegħed itellef il-viżjoni ċara tagħna. Irridu naħsbu fit-tul biex il-futur ikun imħares. Ser nibqgħu ngħoddu n-numri ta' kemm ġew, jew ser naħdmu għall-kwalita` u l-preservazzjoni ta' dak li huwa tagħna u li nistgħu noffru lit-turist is-sena kollha? Il-mentalità ta' "Aħkem issa għax issa ċ-ċans" trid tispiċċa. Anzi l-ħsieb irid ikun: "Aħseb issa għall-futur".**

*mariosaliba@gmail.com*




**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- ***Cruises...***
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- ***Lukandi... u akkomodazzjoni oħra***
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

Passiġġata Biblika - 56

"U jiena nitlob lill-Missier u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' dejjem magħkom." (Ġw 14:16)

# L-Ispirtu s-Santu fl-Antik u l-Ġdid Testment

minn Fr. Charles Buttigieg

### *L-Ispirtu s-Santu fl-Antik Testment*

L-espressjoni 'Spirtu Qaddis' (bl-Ebrajk: *ruah kodxo*; fil-Grieg tal-LXX: *to pneuma to hagion*) insibuha tliet darbiet fl-Antik Testment, insibuha fis-Salm 51 vers 13: **"La twarrabnix minn quddiemek; tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek"**, u darbtejn fil-Ktieb tal-profeta Isaija kap 63 vers 10: **"Iżda huma ħaduha kontra tiegħu, u nikktu l-ispirtu qaddis tiegħu, u sar għadu għalihom u tqabad kontra tagħhom"**; u fil-vers ta' wara, dak 11: "U ftakar fil-jiem ta' l-imgħoddi: Mosè l-qaddej tiegħu. Fejn hu dak li ħeles mill-baħar, ir-ragħaj tal-poplu tiegħu? **Fejn hu dak li qiegħed f'nofshom, l-ispirtu qaddis tiegħu?"**

Iżda fl-Antik Testment hemm diversi episodji li huma marbuta ma' l-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu narawh jittajjar fil-ħolqien (**'in-nifs ta' Alla jittajjar'** f'Ġenesi 1:2) u nkomplu naraw l-influss tiegħu fil-mixja twila ta' l-istorja tas-salvazzjoni. Huwa dawwal lill-Patrijarki Abraham, Iżakk u Ġakobb fil-missjoni afdati lilhom minn Alla. Insibuh jaħdem fil-ħajja ta' Ġużeppi bin Ġakobb, meta nterpreta l-ħolma tal-Farun ġewwa l-Egittu: **"Nistgħu nsibu bniedem ieħor bħal dan li għandu l-ispirtu ta' Alla fih?"** (Ġenesi 41:38). L-Ispirtu s-Santu nebbaħ lil Besalel u l-qaddejja tiegħu li ħadu ħsieb il-preparazzjoni ta' l-għamara u tal-ilbies liturġiku meta l-poplu Lhudi beda jorganizza l-kult u l-liturġija tiegħu, kif ukoll fil-bini u x-xogħol ta' l-arka tal-patt (ara Eżodu 37:1-9). Huwa protagonista fil-ġrajja tal-Eżodu, fil-qsim tal-Baħar tal-Qasab (Eżodu 14:21); jingħata lil Mosè u lis-sebgħin anzjan (Numri 11:25); lil Aron u lil uliedu Nadab, Abihu, Elgħazar u Itamar (Eżodu 28:1); lil Gożwè, is-suċċessur ta' Mosè (Numri 27:18); lill-Imħallfin, fosthom lil Għotnijel (Imħallfin 3:10); lil Gidejon (Imħallfin 6:34), lil Sansun (Imħallfin 13:25); lis-slaten sabiex imexxu u lill-profeti kollha sabiex imnebbħin iwasslu u jiktbu l-messaġġ ta' Alla.

Interessanti ukoll li l-profeta Isaija ħabbar minn ħafna snin qabel li l-Ispirtu s-Santu kellu jinżel fuq il-Messija (Isaija 11:2). L-effetti ta' l-Ispirtu s-Santu fuq il-bniedem narawh b'mod ċar fit-tagħlim tal-profeta Ġoel fis-sitt seklu Q.K.: **"Wara dan, jiġri li jiena nsawwab l-Ispirtu tiegħi fuq il-ħlejjaq kollha..."** (Goel 3:1). Minn barra dan, niltaqgħu ma' diversi simboli bibliċi li huma marbuta ma' l-Ispirtu s-Santu.

### *L-Ispirtu s-Santu fil-Ġdid Testment*

Ġesù jitnissel fil-ġuf tal-Madonna permezz tal-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu kif naraw tajjeb fit-Tħabbira ta' l-Anglu lil Marija f'Luqa 1:26-38. Huwa l-Ispirtu s-Santu li jqaddes fil-ġuf ta' Santa Eliżabetta lil Ġwanni l-Battista: **"Għax hu jkun kbir quddiem il-Mulej; ma jkun jixrob ebda nbid jew xorb qawwi, u jimtela bi spirtu qaddis sa minn ġuf ommu"** (Luqa 1:15). Ġesù bħala l-'Messija' (mill-Ebrajk: '*maxiah*' li tfisser 'midluk'), huwa l-Midluk ta' Alla, kif naraw tajjeb fl-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija minn Ġwanni l-Battista fix-xmara Ġordan f'Mattew 3:13-17. Ġesù jitkellem fuqu nnifsu li għandu l-Ispirtu s-Santu fl-episodju tas-sinagoga ta' Nazaret meta beda jaqra mill-ktieb tal-profeta Isaija: **"L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin. Bagħtni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, irrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej"** (Luqa 4:18-19, ara ukoll Isaija 58:6; 61:1-2).

Ġesù kemm-il darba wiegħed li jagħti l-Ispirtu s-Santu lid-dixxipli tiegħu: **"U jiena nitlob lill-Missier u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' dejjem magħkom"** (Ġwanni 14:16). Jitkellem dwaru ma' Nikodemu f'Ġw 3:5-8) u mal-mara Samaritana f'Ġw 4:23). Fil-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli miktub minn San Luqa, jitkellem b'mod kontinwu dwar l-għotja ta' l-Ispirtu s-Santu lill-appostli: **"Intom ikollkom qawwa, meta jiġi l-Ispirtu s-Santu fuqkom, u tkunu xhud tiegħi** f'Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha u fis-Samarija, sa truf l-art (Atti 1:8). Imbagħad fit-tieni kapitlu tal-Atti għandna l-ġrajja ta' Jum Għid il-Ħamsin (Pentekoste) li timmarka l-bidu tal-Knisja fejn l-appostli mtlew bl-Ispirtu s-Santu sabiex iwettqu l-missjoni li adfalhom Kristu: **"Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skont ma' l-Ispirtu kien jagħtihom jitkellmu"** (Atti 2:4). Fl-Atti 8:14-17 imbagħad naqraw: "Meta semgħu l-appostli, li kienu Ġerusalemm, li s-Samarija laqgħet il-kelma ta' Alla, bagħtulhom lil Pietru u lil Ġwanni. **Dawn niżlu u talbu għalihom biex jieħdu l-Ispirtu s-Santu, għax kien għadu ma niżel fuq l-ebda wieħed minnhom, imma kienu biss imgħammdin fl-isem tal-Mulej Ġesù. Imbagħad qegħdu jdejhom fuqhom, u ħadu l-Ispirtu s-Santu".**

Naraw il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fid-deċiżjonijiet ta' l-Ewwel Konċilju tal-Knisja, dak ta' Ġerusalemm f'Atti 15:1-35. Narawh f'episodji oħra tal-Atti per eżempju jgħin lil Filippu biex jevanġelizza lill-funzjonarju Etjopku tar-reġina ta' l-Etjopja Kandaci (Atti 8:26-40); lil Pietru biex jgħammed liċ-ċenturjun Kornelju (Atti 10:44-48);



fl-għażla ta' Barnaba u Sawl għall-evanġelizzazzjoni (Atti 13:2); u lill-martri Stiefnu: **"Imma hu, mimli bl-Ispirtu s-Santu u b'għajnejh fis-sema, ra l-glorja ta' Alla u lil Ġesù qiegħed fuq il-lemin ta' Alla"** (Atti 7:55).

Naraw ukoll lil San Pawl fl-Atti 19:5-6, ġewwa Efesu, fejn l-ewwel għammed id-dixxipli ta' Ġwanni l-Battista u mbagħad bir-rit ta' tqegħid ta' l-idejn tahom l-Ispirtu s-Santu. Dan ir-rit tat-tqegħid ta' l-idejn u l-għoti ta' l-Ispirtu s-Santu naraw l-importanza tiegħu ukoll fl-ittra lil-Lhud (Lhud 6:1-2).

L-Ispirtu s-Santu narawh fuq kollox fil-Ġdid Testment fil-bini tal-Knisja: **"Għax l-Evanġelju tagħna lilkom ma kienx biss il-kliem, imma bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu u b'persważjoni sħiħa; intom tafu kif ġibna ruħna meta konna fostkom għall-ġid tagħkom.** (1 Tessalonkin 1:5).

## *L-Isem ta' Ispirtu s-Santu fil-Bibbja*

It-Tielet Persuna tas-Santissima Trinità huwa msejjaħ b'diversi ismijiet fil-Bibbja. Fost dawn insibu: "Spirtu s-Santu" (ara Lq 1:35; 11:13; Ġw 20:22 u Atti 1:5). Dan huwa l-isem proprju ta' Dak li nqimu u ta' Dak li lilu nagħtu ġieħ flimkien mal-Missier u ma' l-Iben (ara K.K.K. 691); "Spirtu Qaddis" (Salm 51:13 u Is 63:10-11); "Spirtu ta' grazzja" (Lhud 10:29); "Spirtu ta' verita'" (Ġw 14:17; 15:26; 16:13 u 1 Ġw 5:6); "Spirtu ta' għerf" (Is 11:2; 61:1-2; 1 Tim 1:17); "Spirtu ta' glorja" (1 Pt 4:14; Eż 15:11 u Salm 145:5); "Difensur" jew "Kunsillier" jew iktar eżatt "Paraklitu", bil-Grieg: '*parakletos*' li tfisser 'wieħed li jissejjaħ ħdejn (para) xi ħadd u jitkellem (kaleo) għalih' jew 'avukat difensur', (ara Ġw 14:16, 26; 15:26; 16:7,13); "L-Ispirtu li kien imwiegħed" (Ef 1:13 u Gal 3:14); "L-Ispirtu ta' adozzjoni" (Rum 8:15 u Gal 4:6); u "L-Ispirtu ta' Alla" (Rum 8:9; 15:19; 1 Kor 6:11).

## *Id-doni ta' l-Ispirtu s-Santu*

Id-doni li jagħti l-Ispirtu s-Santu huma għerf, fehma, kunsill, qawwa, xjenza, pjetà u biża' ta' Alla. Dawn id-doni huma diġà mħabbra mill-profeta Isaija fil-kapitlu 11 versi 1-9. Is-Salm 72 ukoll jitkellem minn dawn id-doni. Il-għerf huwa d-don biex nifhmu aħjar lil Alla. Il-fehma biex nagħrfu t-toroq ta' Alla. Il-kunsill biex nimxu tajjeb fit-triq ta' ħajjitna. Il-qawwa biex inkunu b'saħħitna fit-tiġrib u nifilħu nagħmlu dejjem it-tajjeb. Ix-xjenza biex nagħrfu dejjem aħjar il-ħwejjeġ ta' Alla. Il-pjetà biex ikollna ħajja ta' talb u ħajja tajba, u l-biża' ta' Alla biex nagħmlu minn kollox dak li jogħġob biss lil Alla.

San Pawl fl-ittri tiegħu jħobb jitkellem mill-frott ta' l-Ispirtu ta' Alla: **"Hemm imbagħad diversi doni, imma wieħed hu l-Ispirtu; hemm diversi ministeri, imma l-istess wieħed hu l-Mulej; hemm diversi ħidmiet, imma l-istess Alla, li jaħdem kollox f'kulħadd. Lil wieħed tingħata r-rivelazzjoni ta' l-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd; lil l-ieħor kliem il-għerf mill-istess Spirtu; lil l-ieħor il-kelma tas-sapjenza mill-istess Spirtu; lil l-ieħor il-fidi mill-istess Spirtu; lil l-ieħor id-don tal-fejqan mill-istess Spirtu; lil l-ieħor is-setgħa tal-mirakli, lil l-ieħor id-don tal-profezija; lil l-ieħor id-don ta' l-għażla ta' l-ispirti; lil l-ieħor diversi ilsna; lil l-ieħor it-tifsir ta' l-ilsna. Dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed, li jqassam lil kull wieħed kif jogħġbu"** (1 Kor 12:4-11 ; ara ukoll 12:29-30; Rum 12:6-8 u Ef 4:11.

Dawn li ġejjin inqisuhom mela bħala l-frott ta' l-Ispirtu s-Santu: il-profezija (bil-Grieg: *profeteia*), servizz u qadi (*diakonia*), tagħlim (*didaskalia*), kuraġġ (*paraklesis*), għotja (*metadidomi*), gwida u tmexxija (*proistemi*), ħniena (*eleeo*), appostolat (*apostolos*), xandir ta' l-evanġelju (*euangelistes*), għerf (*sofia*), fidi (*pistis*), fejqan (*iama*), mirakli (*dunamis*), dixxerniment (*diakrisis*), lingwi (*glossa*), u interpretazzjoni (*ermeneia*).

## *Biblijografija*


N. Calduch-Benages, "Spirito e libertà (Gal 5,16-26)", in G. Zevini - P.G. Cabra (eds.), *Lectio Divina per la vita quotidiana, 2: I testi biblici della vita consacrata*, Brescia, Queriniana 2003, 232-239.

Galbiati, E., *La Storia della salvezza nell'Antico Testamento*, Milano 1969.

Lanfrance, J., *Vieni Spirito Santo*, Milano 1997.

Spidlik, T., *Conosci lo Spirito?*, Roma 1997.

Von Balthasar, H.U., *Lo Spirito della Verità*, Milano 1992.



**BOGI AUTO LTD**

■ **Spare Parts**
■ **Batteries**
■ **Accessories**

**J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo**
**Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073**

**Għawdex Qabel ir-Ritratti (26)** — minn **JOHN CREMONA**

# Ġebel misterjuż

F'Ottubru tas-Sena tal-Ġublew ta' l-1766, l-istudjuż u kittieb Għawdxi l-Kanonku Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis kien jinstab fil-belt ta' Ruma fuq żjara *ad limina* fuq l-oqbra ta' l-appostli. Waqt li kien qiegħed hemm, ha hsieb jippubblika karta volanti ta' daqs *folio* dwar il-lapidi li kienu għadhom jeżistu fiċ-ċimiterju ta' Pjazza Sant'Wistin fir-Rabat. Lil De Soldanis nistgħu inqisuh missier l-istorja ta' Għawdex għaliex ġabar kemm felaħ informazzjoni dwar il-gżira ta' Għawdex bil-għan li jgħolli l-ġieħ tal-gżira art twelidu.

Fl-1746 insibuh diġa' jikteb fit-tul fl-istorja manuskritta ta' Għawdex *'Il Gozo Antico e Moderno, e Sacro Profano'* dwar iċ-ċimiterju antik ta' Pjazza Sant'Wistin u dwar il-lapidi uniċi li kienu jinstabu fih. Fis-sena 1755 imbagħad, insibu lill-Isqof Pawlu Alferan de Bussan iżur iċ-ċimiterju u jordna li l-lapidi jinqalgħu mill-art u jitwaħħlu mal-ħajt ta' barra biex jiġu konservati. L-Isqof Alferan kien midħla ta' De Soldanis u żgur li din l-inizjattiva ħadha fuq l-istigazzjoni ta' De Soldanis innifsu. Kif kienu jidhru l-lapidi mwaħħla mal-ħajt rajniehom fl-inċiżjoni li ppubblikajt fl-artiklu numru 19 ta' din is-sensiela.



VIRO ILLUSTRISSIMO AC REVERENDISSIMO
ARCHIEPISCOPO THAMATIENSI, EPISCOPO MELITENSI AC GAULITANO,
DOMINO FR. PAULO ALPHERAN DE BUSSAN
AQUISEXTIENSI.
*E Dominis Magnae Crucis Sacri Ordinis Hierosolymitani, Censuumque de Vaours, Gabre, & Capoulet Commendatario, Consiliario Regio, Pontificio Solio Assistenti.*
JOHANNES PETRUS FRANCISCUS AGIUS DE SULDANIS GAULO - MELITENSIS
FELICITATEM.



VETUSTOS hosce insigniores Lapides Sepulcrales Anaglyphis distinctos, qui omnium oculis apparent *in* S. Augustini *Coemeterio* Insulae Gaulos adamusim delineatos typis vulgatos Tibi sistendos censui, PRAESUL ERUDITISSIME, non quidem pro dignitate munus exhibiturus; impar enim esset meritis tuis quicquid cogitaverim. Verum non alteri debuerat offerri, quod tuum est: quod ad Episcopalem Ecclesiam tuam pertinet; quum sacra sint Coemeteria; & quantum assequor conjectura ad bellum sacrum proficiscente S. Ludovico Francorum Rege, sive potius Exercitu redeunte anno R. S. MCCLXX. Christifidelibus in illa expeditione defunctis, ac potissimum ni fallor Archiepiscopis, ac Episcopis (II. usq. ad XII.); Abbatibus (XIII. XIV. XV. XVI. XVII. XVIII. XXVI. XXVIII.); aliisque Illustribus Viris (XIX. XX. XXI. XXII. XXIII. XXIV. XXV. XXVI. XXVII.), propriis Insigniis decoratis, locum hunc dormitionis paratum fuisse opinor, consultis etiam Viris eruditione praestantibus, quibuscum ea de re sermonem institui. Fusius tamen haec demonstranda erunt in *Historia Melitensi* plenissima, quam impigro labore a me jam descriptam, & omnibus numeris absolutam, Deo auspice, aliquando editurus sum. Accipe igitur hanc nostram qualemcumque paginam; testem voluntatis in te meae venerationis, gratique animi perenne monimentum, ac debitae reverentiae tesseram, quam animo lubens Tibi D. D. D. Post reditum in Patriam deosculatis Romae liminibus SS. Apostolorum, hoc eodem anno Jubil. MDCCL. XVI. Calendas Octobris.

ROMAE, Typis Joannis Generosi Salomoni in Foro S. Ignatii.
*Superiorum facultate.*

De Soldanis fl-istorja ta' Għawdex kien diġà ta importanza lit-teorija li dawn il-lapidi kienu jimmarkaw il-post tad-dfin ta' nies importanti li ħadu sehem fit-tmien kruċjata kontra l-belt ta' Tuneż immexxija mir-Re San Lwiġi IX ta' Franza fl-1270. Huwa jikteb: *"Jien, wara li flejt tajjeb l-istorja, l-għajdut tan-nies antiki u l-armi li hemm fuqhom, jekk kelli ngħid dak li naħseb fuqhom, ngħid li huma kollha ta' nies Franċiżi, li kienu nies kbar fil-Knisja u fil-Gvern, ngħidu aħna ta' Abbati, ta' Isqfijiet, ta' Arċisqfijiet, ta' Prinċpijiet"*. Huwa rnexxielu jiġbor id-disinji ta' tmienja u għoxrin minn dawn il-lapidi u ppubblikahom fl-inċiżjoni li qiegħed inġib f'dan l-artiklu. De Soldanis kien ta' l-idea li l-lapidi min-numru II sa XII kienu ta' Arċisqfijiet, min-numru XIII sa XVIII, XXVI u XXVIII ta' Abbatin filwaqt li min-numru XIX sa XXVII ta' rġiel nobbli. Fl-istorja ta' Għawdex De Soldanis jikteb: *"Għad baqa' min jiftakar li ra dan iz-zuntier mimli b'dawn il-lapidi, il-ġjufija imma ta' min kellu jieħu ħsiebhom, taħt li ħafna minnhom, biex ma ngħidx il-biċċa l-kbira, ittieħdu minn nies li ftit jew xejn kellhom biża' t'Alla u ta' min kien poġġihom hemm, u wkoll minn nies oħra biex jinqdew bihom għalfejn kellhom x'jambuhom. Illum ftit wisq baqa' minnhom fuq wiċċ il-qiegħa taz-zuntier u ftit oħra fid-djar li nbnew bihom min-nies li semmejt qabel"*.

Għal darba oħra, De Soldanis jiddedika din il-karta volanti lill-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan, l-istess kif għamel fil-manuskritt tal-Istorja ta' Għawdex li kiteb fis-sena 1746.

L-inċiżjoni ġiet stampata f'Ruma fl-istamperija ta' Joannis Generosi Salomoni li kellu l-istamperija tiegħu fil-Foro S. Ignatii u li għandu De Soldanis ippubblika xogħlijiet oħra fosthom l-ewwel grammatika ta' l-ilsien Malti *'Della Lingua Punica presentemente usata da Maltesi &c ovvero Nuovi Documenti li quali possono servire li lume all'antica lingua Etrusca'* kif ukoll *'Nuova Scuola di Grammatica per agevolare apprendere la lingua Punica-Maltese'* li huwa stampa fl-1750.

Il-paġna sħiħa għandha qisien ta' 370mm x 260mm filwaqt li l-parti bl-għeliem ta' l-oqbra għandha qisien ta' 187mm x 245mm.

Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 184
Riċerka ta' Joseph Bezzina
© 2010

# Sitt torċi għall-Uffiċċju tal-Università

**Id-dokument numru mija erbgħa u tmenin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu kont relatat mal-ispiża magħmula mill-Università ta' Għawdex biex iġedded sitt torċi fil-binja tal-Università. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1709–1710), folju 28r (NAG, UG, *Acta*, 10/1709–1710, f. 28r).**



Din hi t-traskrizzjoni tal-ħlas:

*Magnifico Notaio Gio Francesco Debono, tesoriere di questa Università, tratenerete in nostro potere Scudi undici, tarì due, e grani dieci di moneta che havete speso in renovare le sei torcie di detta Università; cioè a Baldassare Pace, Scudi dieci, e tarì dieci per cera di Venetia e manifattura; tarì tre per porto e riporto e nolo di Malta; tarì 1 [grani] 10 al burdonaro per porto e riporto di dette torce qui di Gozo; per ponerete a' conti, questo dì, li primo agosto 1710.*

L-Università kellha l-uffiċċji tagħha fil-*Banca Giuratale*, il-Pjazza tat-Tokk. Tliet mitt sena ilu kienet għadha l-binja l-qadima u mhux dik tal-lum. Quddiemha kellha portiku mgħotti fejn in-nies setgħu jiltaqgħu u jpoġġu fuq bankijiet tal-ġebel imħarsa mix-xita u mix-xemx.

Meta dawn l-uffiċji kienu jintużaw fil-għaxija kienu jinxtegħlu t-torċi. It-torċa kienet speċi ta' gandlier tal-bronż jew tal-ħadid li kienet titwaħħal ma ganċ jew maqbad b'żewġ anelli mdaħħla fil-ħajt. It-torċa kienet titwaħħal angulata 'l barra biex il-fjamma ma tgermitx il-ħitan. L-istess bħal gandlier, it-torċa kien ikellha bħal platt żgħir n-naħa ta' fuq biex f'nofsu titqiegħed xemgħa ħoxna.

Fl-uffiċċji tal-Università kien hemm talinqas sitt torċi u tliet mitt sena ilu nħass il-bżonn li jiġu mġedda. Hekk kif ma' tmiem ir-rebbiegħa u l-bidu tas-sajf il-jum beda jitwal, dawn is-sitt torċi nqalgħu minn posthom u ntbagħtu Malta biex jittranġaw. Il-fatt li ntbagħtu Malta jindika b'mod ċar li dawn it-torċi ma kinux tal-ħadid, iżda tal-bronż. Għawdex kien hawn diversi ħaddieda u kemm-il darba semmejnihom f'dawn it-traskrizzjonijiet. Iżda xogħol tal-bronż u fuq il-bronż ma kienx isir hawn Għawdex. Għalhekk intbagħtu Malta fil-Ferrerija tal-Ordni li kellha monopolju fuq ix-xogħol tal-bronż.

L-Università ħatfet l-okkażjoni biex tordna wkoll sitt xemgħat kbar għal dawn it-torċi. Intużat xama' mill-aqwa, xama' ta' Venezja. Id-drammaturgu Venezjan Carlo Goldoni (1707-1793) fil-kummiedja *Le Smanie per la Villeggiatura* (1761) ipoġġi fuq fomm Leonardo, wieħed mill-atturi, dawn il-kelmiet: *Comprate della **cera di Venezia**. Costa più, ma dura più, ed è più bella.* Ix-xama' ta' Venezja tqum iktar, iżda sservi iktar, u hija isbaħ. U t-Taljani, għal tfajla sabiħa jgħidu li għandha *la pelle candida come **cera di Venezia**.*

L-ispiża għat-tiġdid tat-torċi flimkien max-xiri tax-xama' swiet lill-Università s-somma mhix żgħira ta' 10 skuti u 10 irbgħajja (€2.10) – paga ta' ħaddiem għal xahrejn. Il-ġarr tas-sitt torċi minn Għawdex għal Malta u lura lejn Għawdex u n-*nolo* jew *nolu*, jiġifieri t-trasport tagħhom bil-baħar, sewa tlieta rbgħajja. Il-burdnar li niżżel it-torċi x-Xatt tal-Mġarr u reġa tellagħhom ir-Rabat tħallas irbiegħi u għaxar ħabbiet. B'kollox, l-Università nefqet ħdax-il skut, rbigħajn, u għaxar ħabbiet. Il-ħlasijiet saru nhar l-1 ta' Awwissu, 1710.

Tliet mitt sena ilu, l-uffiċċji tal-Università kienu ngħataw dehra aħjar.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Dun Pawl Micallef

## 2. Il-bini tal-Oratorju Don Bosco

Il-ħsieb ta' Dun Pawl Micallef ma kienx biss li jorganizza oratorju fuq l-istil ta' Don Bosco, iżda li jibni Oratorju kbir biex jiġu fih is-Sależjani.

L-ewwel beda jiġbor minn Għawdex kollu l-flus biex ikun jista' jibni l-Oratorju. Kienu jagħtuh daqqa ta' id bosta żgħażagħ u tfal speċjalment is-Sur Karm Debrincat. Biex ikompli jkabbar il-fondi kien jagħmel ukoll lotteriji u jorganizza fieri. B'hekk ġabar somma mhux ħażin.

Kien jonqos biss li jsib biċċa art fejn ikun jista jibni l-oratorju li kien ilu tant imħeġġeġ li jagħmel. Wara li tkellem ma' bosta nies iddeċieda li l-iżjed art adattata kienet iz-zuntier antik ta' Misraħ Santu Wistin. Id-diffikultajiet inqalgħu minn żewġ naħat. Il-bord tal-antikità beda jsibha diffiċli li jagħti l-permess peress li dan iċ-ċimiterju kellu lapidi antiki ta' persunaġġi distinti ta' żmien l Anġuvini. Min naħa l oħra l awtoritajiet tal Knisja dehrilhom li ma kienx hemm bżonn li tingħata l-art kollha peress li l-kumpless kien jiġi kbir ħafna.

Iżda Dun Pawl ma qatax qalbu u beda jagħmel żjajjar ta' spissi lill-Kummissarju u lill-Isqof. Lesta pjanta għand il-perit Għawdxi Wiġi Portelli. Din kienet maħsuba li timla l-art kollha taż-żuntier. Irranġa wkoll biex meta l-bini jkun lest, il-lapidi antiki taċ-Ċimiterju jiġu mwaħħlin mal-ħitan tal-intrata għal ġol-*ground*. Kien hemm min kien daħaq b'Dun Pawl meta ra l-kobor tal-pjanta iżda Dun Pawl qatt ma qata' qalbu.

Kien jonqos biss il-permess tal-Isqof. Meta fl-1944 Mons. Ġużeppi Pace laħaq isqof ta' Għawdex, Dun Pawl għamel kuraġġ. Iż-żjajjar għand l-isqof bdew isiru aktar ta' spiss. Dun Pawl kien jitkellem fuq kemm flus kellu f'idejh u x'kien qiegħed jagħmel biex il-fondi jikbru aktar. U l-isqof kien jgħidlu li se jgħinu biex l-Oratorju jinbena skont il-pjanta li kien fassal.

F'Mejju tal-1946 Mons. Isqof Ġużeppi Pace qal ċar u tond lil Dun Pawl: "Morru u ibdew." Imtela bil-ferħ u meta wasal fl-Oratorju li kellu f'Misraħ Santu Wistin iż-żgħażagħ inġabru madwaru filwaqt li qalilhom: "Għadni ġej minn quddiem Mons.Isqof, u qalli nibda x-xogħol. Ejjew middu jdejkom u nibdew inħottu!". B'hekk ħattew il-plieri tal-ġebel u l-vireg tal-ħadid li kienu jgħaqqduhom. Ix-xogħol taż-żgħażagħ baqa' sejjer sakemm bdew l-imgħallmin tas-sengħa. L-ewwel mar jippjanta x-xogħol l-imgħallem Saver Vella u warajh Kalanġ Ċini miż-Żebbuġ Għawdex, sakemm fl-aħħar ix-xogħol ġie f'idejn l-imgħallem Vitor Vella, ukoll miż-Żebbuġ. Dan ix-xogħol baqa' sejjer sakemm lestieh.

L-ewwel ġebda tqiegħdet fit-12 ta' Diċembru 1946. Barra l-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace kien hemm l-ogħla awtoritajiet tal-gżira, rappreżentanza tal-



komunità Sależjana Maltija, fosthom Fr. Alwiġ Mizzi u Fr. Patrick Mcloughlin.

Fl-opra tiegħu Dun Pawl kien megħjun minn bosta benefatturi. Fosthom insibu lill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace u lil Dr. Joseph Pace L.L.D. Ħadmu mhux biss bil-klicm iżda fuq kollox pcrmczz tal-għajnuna finanzjarja kbira li taw. Ma nistgħux ninsew li Dun Pawl nefaq flusu kollha kif ukoll dawk tal-familja tiegħu.

L-Oratorju kif nafuh illum, barra l-kappella u l-parti ta' quddiem f'binja ta' żewġ sulari, ġie miftuħ uffiċjalment fit-8 ta' Ottubru 1949. F'dak il-jum saru festi speċjali. Id-diskors tal-okkażjoni sar minn Dun Pawl Micallef kif kien jixraq. Diskorsi oħra saru minn Fr. Patrick MacLoughlin, Dun Alwiġ Mizzi u Dr. Joseph Pace, Ġanni Cremona li tkellem f'isem iż-żgħażagħ u Ġanni Vassallo li tkellem f'isem it-tfal.

Imbagħad l-oratorju nfetaħ mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace. Inqraw ukoll telegrammi tal-okkażjoni mibgħutin mill-Papa u minn Dun Pietru Ricaldone, Rettur Maġġur tas-Sależjani. Għal din il-festa kienet mistiedna wkoll il-Banda tas-*Salesian Boys Brigade* tas-Sliema, li daqqet bċejjeċ mużikali fuq il-palk. Fl-aħħar sar marċ mad-dawra tal-Oratorju.

Mhux ta' min jinsa li x-xewqa ta' Dun Pawl li jiġu s-Sależjani f'Għawdex seħħet ukoll meta fil-31 ta' Jannar 1947, Dun Alwiġ Mizzi ntbagħat b'mod uffiċjali biex jieħu ħsieb l-oratorju.

F'dan il-progett ma nistgħux ma nilmħux id-determinazzjoni li kellu Dun Pawl biex jegħleb id-diffikultajiet li kienu jinqalgħu, spirtu ta' sagrifiċċju, flessibbiltà, u li kien jistenna l-mument opportun flimkien ma' spirtu ta' ubbidjenza lejn is-superjuri tiegħu.

***Angelo Xuereb***

*(Din is-serje ta' artikli kienet ibbażata fuq il-ktieb 'Tletin Sena Ħajja – Ġrajjiet l-Oratorju Dun Bosco', miktub minn Anton Scicluna, Għawdex 1980).*

Għawdex Online (20)



# Kappelli Għawdxin Online (14)

# "Ejja! Ejja! Llum..."



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfelicep@go.net.mt

Hija purament koinċidenza li f'dan ix-xahar ta' Ġunju meta l-Għawdxin u ħafna Maltin jiċċelebraw il-festa tal-Madonna Ta' Pinu ser inżuru l-kappella oriġinali fejn illum hemm is-Santwarju Bażilika Ta' Pinu. Din taħbat l-aħħar kappella f'Għawdex li fadal fil-websajt **www. kappellimaltin.com**. Hija t-tama tiegħi li aktar retturi ta' kappelli f'Għawdex jagħmlu kuntatt ma' l-Amministrazzjoni tal-websajt biex il-kappelli kollha Għawdxin għad ikunu rappreżentati f'din is-sit. Naf li hemm tnejn jew tlett retturi li qed jaħdmu biex dan iseħħ. Min irid jagħmel kuntatt mal-websajt jista' jibgħat email lil *webmaster@ kappellimaltin.com*

Kull kappella għandha l-istorja unika tagħha u kif rajna f'dawn l-aħħar xhur l-istorja ta' dawn il-kappelli kif ukoll l-istorja ta' diversi nħawi f'Għawdex huma minsuġa flimkien. U l-kappella tal-lum mhix eċċezzjoni.



Meta' nsemmu Ta' Pinu jiġi f'moħħna s-santwarju. Ninsew kultant li meta nidħlu fil-qaddis tal-qaddisin, fejn hemm ix-xbiha tal-Madonna, inkunu fil-qalba ta' kappella li tmur lura żgur għas-seklu sittax. Fl-1654 nafu li kienet ġiet ipprofanata mill-Isqof Michele Balaguer. Aktar tard kien jieħu ħsiebha Filippu Gauci, magħruf bħala Pinu, u l-kappella ħadet ismu. Nafu wkoll li din il-kappella kienet reġgħet ġiet mibnija u kienet ġiet miftuħa għal kult pubbliku fl-1676 mill-Isqof Fra Lorenzo Artiria.

Is-sit tagħti rendikont dettaljat tal-ġrajjiet li daħħlu fl-istorja tal-gżira Għawdxija lil Karmni Grima mill-Gharb, li semgħet il-leħen jistedinha biex tmur ġewwa l-kappella nhar it-22 ta' Ġunju 1883 u ta' Franġisk Portelli, magħruf aħjar bħala Frenċ tal-Għarb. Tissemma' wkoll il-ġrajja tal-kolera li faqqet f'Malta fl-1887 li ma kellha l-ebda effett f'Għawdex minkejja li ħafna Maltin kienu ġew jistkennu Għawdex.

Is-sit issemmi x'wassal biex fl-1920 beda l-bini tas-Santwarju, li tlesta fi żmien l-Isqof Mikiel Gonzi fl-1931 u disa' xhur wara ġie elevat għal Bażilka. Fis-sit issib ritratt tal-kappella oriġinali u diversi ritratti tas-Santwarju. Idħlu wkoll f'**www.tapinu.org**

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

TIEQA FUQ L-AMBJENT (19)

# IL-BUFULA TA' L-GĦOLLIEQ



*(Dan huwa d-disa' artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

Fil-ħajja tal-għasafar issib li xi drabi il-popolazzjoni ta' xi speċi tibda tonqos u fejn qabel ikollok għasfur li jkun ibejjet f'ħafna nħawi, maż-żmien jibda jisparixxi, bħalma ġara lid-Durrajsa, fil-Gżejjer Maltin. Mhux dejjem huwa possibbli li nifhmu u nsiru nafu għaliex ikun ġara hekk. Jista' jkun tniġġiż fl-arja, mard, tibdil fil-klima, attivitajiet u ndħil tal-bniedem, u anke taħsir tal-ħabitat li jkun addattat għalih. Mill-banda l-oħra jkun hemm għasafar oħra li l-popolazzjoni tagħhom tiżdied, tant li jibdew jinfirxu u jibdew ibejtu f'inħawi ġodda. Għasfur li l-popolazzjoni tiegħu żdiedet u beda jbejjet għall-ewwel darba fil-Gżejjer Maltin fis-snin sebgħin tas-seklu li għadda huwa l-**Bufula ta' l-Għollieq**.



*Bufula ta' l-Għollieq se żżoqq il-frieħ.*

Il-**Bufula ta' l-Għollieq** bdiet tbejjet għall-ewwel darba f'Malta fl-inħawi tal-Girgenti u Wied il-Luq. F'Għawdex bdiet tbejjet fl-1975 fil-widien tal-Lunzjata u tax-Xlendi. Illum infirxet f'ħafna nħawi f'Għawdex u tinstab matul is-sena kollha fil-biċċa l-kbira tal-widien fejn ikun hemm ħafna siġar u veġetazzjoni folta, partikolarment fil-widien tax-Xagħra u tan-Nadur. Tħobb ħabitat umdu, iżda billi l-popolazzjoni tagħha żdiedet f'pajjiżna, inferxet ukoll f'inħawi bħal taħt sisien b'ħafna siġar u arbuxelli u anke kultant f'ġonna u msaġar fl-irħula. Iżżomm ruħha moħbija qalb veġetazzjoni folta, iżda l-preżenza tagħha tinduna biha għax ir-raġel għandu għanja qasira imma b'tisfira qawwija. Għall-ewwel xi wħud kienu jaħsbuh xi rożinjol tant għandu tisfira sabiħa u qawwija. Ir-raġel spiss isemma din l-għanja karatteristika tiegħu waqt li jkun moħbi qalb il-veġetazzjoni biex jiddikjara l-limiti tat-territorju tiegħu.



*Bejta bil-bajd tal-Bufula tal-Għollieq.*

L-isem xjentifiku tal-**Bufula ta' l-Għollieq** (bl-Ingliż *Cetti's Warbler*) huwa ***Cettia cetti***, u msemmi hekk ad unur tal-Ġiżwita Taljan Francesco Cetti (1726-1780) matematiku u naturalista, u awtur tal-ktieb *Storia naturale della Sardegna* (1774).

Il-**Bufula ta' l-Għollieq** fiha biss madwar 13-14ċm. Kemxejn imbaċċa, kannella ħamranija minn fuq,



*Ferħ ta' Bufula ta' l-Għollieq għadu kif tajjar mill-bejta.*


*Bejta bil-frieħ tal-Bufula ta' l-Għollieq.*

u bajdanija minn taħt. Ir-raġel u l-mara għandhom l-istess kulur, iżda r-raġel, kemxejn akbar. L-istaġun tal-bejta jieħu minn nofs Marzu sa nofs Lulju. Ir-raġel ġieli jkollu iżjed minn mara waħda. Sa l-aħħar ta' Marzu l-ewwel bejta tkun mibnija u x'aktarx li tibniha l-mara waħidha b'weraq tal-qasab u ħaxix niexef, kemxejn kompatta, u miksija minn ġewwa b'għeruq rqaq u anke ħafna drabi b'rix żgħir artab. Normalment tkun moħbiha sewwa, u tħobb tibniha meta jkun possibbli fl'għollieq folt. Tbid minn 2 sa 4 bajdiet, imma ġeneralmet 4, ħomor skuri jleqqu, qishom boċċi tal-ħelu taż-żambur. Il-mara biss issaħħanhom u jfaqqsu wara madwar ħmistax. Meta jfaqqsu l-frieħ il-mara biss titmagħhom, u meta jtajru wara madwar erbatax-il jum hi biss tieħu ħsiebhom sakemm jibdew ifendu għal rashom. Tbejjet darbtejn fis-sena. Matul iż-żmien tal-bejta r-raġel kulma jagħmel joqgħod ta' spiss jgħanni t-tisfira b'saħħitha tiegħu u jagħmel ir-ronda biex l-ebda raġel ieħor ma jidħollu fit-territorju li jokkupa. X'uħud mill-bejtiet



*Mappa t'Għawdex li turi fejn kienet tbejjet il-Bufula ta' l-Għollieq fl-i982 u kif infirxet sa l-2009.*

ma jirnexxux l-iżjed minħabba l-kwantità kbira ta' firien (il-ġrieden il-kbar) li hawn fil-kampanja, li ġieli jħarbtulhom il-bejta u jeħdulhom kemm il-bajd kif ukoll il-frieħ.

**Korrezzjoni:** Fl-artiklu **"Il-Kanġu ta' Filfla"** li deher fil-ħarġa ta' Mejju għamilt żewġ żbalji. Ktibt 52 minflok 25; u 72 minflok 27. Is-sentenzi korretti huma dawn:

"iżda f'Għawdex s'issa nafu li jbejjet biss f'kolonja żgħira ta' madwar 25 par".

"Il-Kanġu jgħix għal ħafna snin. Mill-għasafar li ġew irringjati fil-kolonja ta' Filfla sirna nafu li x'uħud instabu biċ-ċurkett anke sa 27 sena wara li ġew irringjati."






# APPREZZAMENT (1)

## Kan. Ġużeppi Borg (Bugeja)
### 1921 - 2010



Min kellu jgħidli li fi żmien daqshekk qasir kelli nerġa' nintalab nikteb biex insellem saċerdot ieħor Ġorġjan li ħalliena. Imma hi realtà, anki jekk kultant qarsa, li l-kleru tagħna issa sar wieħed anzjan, u l-mewt ta' xi saċerdot saret xi ħaġa li nistennewha... Il-Kan. Ġużeppi Borg Bugeja, mill-belt Victoria, ħalliena nhar l-Erbgħa 28 ta' April 2010, fil-għaxija, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Ma naħsibx li nkun nuża espressjoni vojta jekk ngħid li San Ġorġ, li kien "il-mimmi t'għajnejh", ħadu miegħu fix-xahar tal-festa tiegħu!

Fil-fatt il-ħajja ta' tmienja u tmenin sena ta' Ġużeppi Borg bdiet għad-dell tal-parroċċa ta' San Ġorġ, li fiha qatta' parti kbira mill-ministeru saċerdotali tiegħu. Hu twieled fl-4 ta' Ġunju 1921, u tgħammed jumejn wara mill-Arċipriet Mons. Alfons M. Hili fil-knisja parrokkjali. Ġużeppi u Carmela, missieru u ommu, rabbew il-familja tas-sitt uliedhom fl-għożża tal-fidi. Wara l-ewwel studji, Ġużeppi daħal fis-Seminarju ta' l-Isqof biex iħejji ruħu sabiex isir saċerdot. Ġie ordnat mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace, fid-19 ta' Mejju 1951, flimkien ma' Dun Karm Scicluna, ukoll mill-parroċċa ta' San Ġorġ. Sirt naf minn għand ħu Dun Ġużepp, George, li din kienet l-ewwel ordinazzjoni presbiterali li saret fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Nista' nimmaġina l-ferħ ta' Ġużeppi li jiġi ordnat presbiteru fl-istess parroċċa tiegħu. L-għada ta' l-ordinazzjoni stess, li kienet is-sollennità tat-Trinità Qaddisa, hu għamel il-Prima Messa tiegħu. Ippriedkalu Mons. Emanuel Mercieca, li mbagħad sar l-ewwel arċipriet tal-kolleġġjata Ġorġjana.

Wara l-ordinazzjoni Dun Ġużepp beda jservi bħala Kappillan tal-Kor fil-knisja Katidrali ta' Għawdex. Hu kellu x-xorti wkoll li jqatta' dsatax-il sena mis-saċerdozju tiegħu qrib ta' l-Isqof Pace, bħala bakulista u assistent tiegħu. Sadanittant, il-ħidma mat-tfal u l-katekiżmu baqgħu għal qalbu, hekk li spiss kont tarah fl-Oratorju Don Bosco jgħin f'dak kollu li kien meħtieġ, jgħallem id-duttrina lit-tfal tal-Preċett u jagħti daqqa t'id ukoll fid-drama! Dak iż-żmien l-Oratorju kien fl-aqwa tiegħu, u ħafna kienu s-saċerdoti mill-parroċċi tar-Rabat li kienu jagħtu servizz kbir hemmhekk, speċjalment wara li telqu s-Salesjani.

Imma lil Dun Ġużepp insibuh ukoll f'pożizzjonijiet importanti ta' amministrazzjoni. L-awtoritajiet ekkleżjastiċi setgħu jserrħu moħħhom li, jekk iħallu knisja f'idejn Dun Ġużepp, kien ħa jieħu ħsiebha sewwa! Dan għax kellu mħabba kbira lejn il-manutenzjoni tal-knisja. Għalhekk għal bosta snin Dun Ġużepp għen fit-tmexxija tal-parroċċa ta' San Ġorġ bħala vigarju parrokkjali u sagristan maġġur. Iktar tard l-isqof fdalu l-prokura tal-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li tiġi ċċelebrata fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani Konventwali tar-Rabat ta' Għawdex. Hu kien l-aħħar saċerdot djoċesan li kien prokuratur ta' din il-festa, għax imbagħad wara għaxar snin ir-responsabbiltà għaddiet f'idejn il-patrijiet stess. Mill-1974 Dun Ġużepp inħatar ukoll rettur tal-knisja ċkejkna ta' Santa Marta, fl-inħawi magħrufa bħala "Ta' l-Għonq", fir-Rabat. Hu ma tilifx żmien biex dar il-knisja għall-bżonnijiet li kellha, u ordna statwa ġdida tal-qaddisa li fil-fatt ġiet imbierka fil-bażilika ta' San Ġorġ.

Fl-1976, Dun Ġużepp ġie magħżul kanoniku tal-kapitlu fil-parroċċa ta' San Ġorġ mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Dan kien ta' ferħ kbir għal dan is-saċerdot li ħabb b'qalbu kollha lill-parroċċa tiegħu. Fil-fatt qatt ma naqas li jattendi għas-servizzi kollha tal-kor u f'dan kien ta' eżempju kbir għal sħabu. L-unika "ħarba" tiegħu kienet tkun biex jagħti servizz fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi madwar Għawdex u Malta. Hawn, bħal f'San Ġorġ, il-preżenza tiegħu ma kinitx passiva, imma kien jagħti servizz ta' qrar u spiss imidd idu wkoll fejn ikun hemm bżonn, kif dejjem kien jaf jagħmel sewwa. Dun Ġużepp kien kreattiv u jinqala' ħafna għax-xogħol manwali!

L-aħħar snin ta' ħajtu Dun Ġużepp għaddiehom fil-parroċċa tiegħu, iżejjen bil-karattru ħelu tiegħu l-ħajja ta' kuljum ta' ħafna nies. Meta s-saħħa mentali tiegħu bdiet sejra lura, kellu jingħabar fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għal iktar kura, fejn miet fit-28 ta' April 2010. Il-funeral sollenni tiegħu jumejn wara, immexxi mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, sar fil-bażilika ta' San Ġorġ.

***Francesco Pio Attard***

# APPREZZAMENT (2)

## Mons. Ġużepp Piscopo
### 1932 - 2010



Nhar il-21 ta' Mejju 2010, Mons. Ġużepp Piscopo ltaqa' mal-Mulej u daħal fil-ħajja ta' dejjem wara għomor ta' sebgħa u sebgħin sena u qadi saċerdotali għal tnejn u ħamsin sena.

Kif hu stess kien jistqarr, Dun Ġużepp trabba ġo familja li tatu tħejjija tajba għall-vokazzjoni saċerdotali tiegħu. Kienet familja fejn tinħass qawwija l-preżenza ta' Alla, bid-dedikazzjoni tal-ġenituri lejn xulxin u lejn is-seba' wliedhom, bil-quddiesa kull filgħodu u t-talb flimkien filgħaxijiet. Kienet familja fejn b'mod partikolari kien ikun hemm tħejjija minn xahar qabel għall-festa tal-Milied bit-talb u l-meditazzjoni dwar il-misteru tal-Inkarnazzjoni. Dun Ġużepp kellu biss tnax-il sena meta l-Mulej għoġbu jieħu lil ommu, iżda missieru rabba' l-familja b'imħabba, kura, dedikazzjoni u dixxiplina mhux biss ta' missier imma wkoll ta' omm.

Is-sejħa għas-saċerdozju, Dun Ġużepp kien iħossha minn meta kien għadu tifel. Hu kien jirrakkonta li darba, meta kien għadu żgħir, zijuh qabadlu idu u qallu : "Ħa nżommlok idek biex ma taqax ħalli meta nsir xiħ jien u inti tkun raġel taqbadli idi int." It-tweġiba tat-tifel kien fiha mit-teħbir tal-qalb : "Jien mhux raġel ħa nsir imma bħaz-ziju Dun Ġużepp." Kien irrefera għal Dun Ġużepp Cauchi li mbagħad 'il quddiem għenu mhux ftit fil-formazzjoni tal-vokazzjoni, tant li kien iqisu bħala t-tieni missier tiegħu.

Dun Ġużepp Piscopo kien ordnat saċerdot fit-13 ta' April 1958 mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Ġużeppi Pace. Il-ħidma pastorali tiegħu bdiet fil-parroċċa ta' San Lawrenz fejn kien ukoll jgħin lill-kappillan fl-amministrazzjoni tal-parroċċa. Fl-1965, bil-permess tal-kappillan, organizza ċ-ċentru parrokkjali fejn kien kull ġimgħa jlaqqa' ż-żgħażagħ għall-attivitajiet spiritwali u kulturali. Kien direttur spiritwali tal-Għaqda Drammatika ta' San Lawrenz li kienet għadha kif twaqqfet. Il-għan tiegħu kien li jara ż-żgħażagħ u l-irġiel jaħdmu f'għaqda flimkien. Matul iż-żmien ta' ħidma fil-parroċċa, Dun Ġużepp kien ukoll jissupplixxi r-Rettur tas Santwarju Ta' Pinu. Hu waqaf minn dan is-servizz fis-Santwarju Ta' Pinu meta fl-1971 nħatar Kappillan fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

L-umiltà ta' Dun Ġużepp kienet l-akbar don ta' dan is-saċerdot dedikat li kien jiġbed lejh l-anzjani, il-morda u l-moribondi. Dun Ġużepp kien ukoll jaħtaf kull okkażjoni biex jaqsam mal-impjegati tal-isptar il-Kelma t'Alla u jurihom kemm hu mprezzabbli x-xogħol tagħhom meta jsir bl-imħabba. Dun Ġużepp ma kienx jonqos li jieħu ħsieb ukoll il-morda u l-anzjani tal-parroċċa. Fil-fatt fil-ħamsa u għoxrin sena li dam kappillan l-isptar, hu kuljum, kien jiċċelebra l-quddiesa fil-parroċċa u qatt ma tilef ebda funzjoni. Il-ħidma pastorali tiegħu kienet mifruxa wkoll fl-Għaqdiet Kattoliċi u fost l-abbatini.

Wara, li minħabba l-età, Dun Ġużepp temm il-ħidma tiegħu fl-isptar reġa' beda u baqa' sa l-aħħar jgħaddi ħinijiet twal jamministra s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni fis-Santwarju Ta' Pinu. Il-Knisja Għawdxija rrikonoxxiet il-ħidma ta' Dun Ġużepp meta fit-1 ta' Novembru 2009, hu nħatar kappillan tal-Q.T. il-Papa bit-titlu ta' Monsinjur.

*Tagħrif miġbur mir-Rivista*
***"San Lawrenz 2007"***

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

# TISLIBA MALTIJA U RELIĠJUŻA

*Ħajr lil Emmanuel Ellis*

***Mimdudin***

1. Strument tal-kordi (7)
7. Bint dik ġerrejja, jekk ma tieħux l-ewwel dis-sena, tieħu f'li ġejja (5)
8. Qal kliem infamanti kontra xi ħadd (7)
9. Minbarra li hu Missierna, hekk hu San Pawl għal Malta (6)
11. Hu meħtieġ għall-bejgħ u x-xiri (5)
13. Kien ta' ġid (4)
14. Ix-xogħol fuqhom issa komplut (7)
15. Leqq jew element tal-ħajja (4)
16. Tajt qoxra (5)
17. Iż-żmien jagħti ħafna minnhom (6)
21. Mudelli mpinġijin fuq fuq (7)
22. Jieħu minn post għall-ieħor (5)
23. Żmien tas-sawm għall-Musulmani (7)

***Weqfin***

2. Taw il-kura lil xi ħadd għalina (10)
3. L-oppost ta' "irtirata" (8)
4. Il-belt eterna (4)
5. Tifla sabiħa tinqala' ġieħha, u tifla kerha b'din tinqala' (4)
6. L-oppost ta' "żgħir" (4)
9. Il-qawl jgħid li "fenek fih, mhux ikel għal nhar ta' Ħadd" (5)
10. "Libertà, Fraternità,... u fuq tlieta toqgħod il-borma (10)
12. Tużaha jekk trid tifli bir-reqqa (5)
13. L-emblema nażista (8)
18. Wieħed minn dawk tax-xemx (4)
19. Mhux komuni (4)
20. Meta nxebbhuha max-xita, inkunu nfissru li m'hemmx paragun (4)



**TISLIBA - Ġunju-Lulju 2010**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Post Code ______________________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Awwissu 2010. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**Ir-rebbieħa tat-Tisliba April 2010 hi**
**Nancy Aquilina, "Edelweiss", Triq l-Imnarja, Nadur NDR 1533**


# RAYMOND CEFAI
## TAL-KELBA LTD.

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

Mix-Xena Sportiva F'GĦAWDEX minn Joe Bajada



# *Victoria Hotspurs Champions u jissiġillaw bis-Super Cup u Sannat Lions jirbħu l-BOV GFA Cup*



*Victoria Hotspurs* b'gowl fl-aħħar minuti ta' Uchenna Anyanwu ħadu dak li riedu mill-aħħar konfront tagħhom mill-Kampjonat *Melita* tal-Ewwel Diviżjoni kontra Għajnsielem biex bil-punt li kisbu spiċċaw bi tliet punti vantaġġ fuq l-istess *Blacks* f'ras il-klassifika. Quddiem l-ikbar folla tal-istaġun u biż-żewġ settijiet ta' partitarji armati sa snienhom, *Victoria Hotspurs* kellhom isofru ħafna biex ġew dikjarati *champions* Għawdxin għal ħdax-il darba fl-istorja u b'hekk saru l-iktar tim Għawdxi li rebaħ it-titlu. Dan is-suċċess kompla jżid mal-unuri li huma ġa rebħu f'dan l-istaġun fejn qabel kienu ġarrew lejn il-klabb tagħhom it-Tazzi Indipendenza u Jum il-Ħelsien. Fil-fatt meta ħafna kienu qed jaħsbu li Għajnsielem ser iżommu l-vantaġġ minimu li kien ifisser li huma jilħqu lir-Rabtin fuq quddiem u għalhekk il-ħtieġa ta' *replay*, wasal il-gowl importanti li ta dan is-suċċess lil *Hotspurs* wara nuqqas ta' għaxar snin. Huma għarfu jwettqu reazzjoni fejn wara li fallew li jiksbu d-*draw* fl-ewwel taqsima, huma wettqu sforz iddisprat fejn approfittaw anke mill-vantaġġ numeriku u b'determinazzjoni laħqu l-objettiv tagħhom. Għajnsielem bdew tajjeb, konferma tal-forma tajba li kienu jinsabu għaddejjin minna. Konxji li rebħa biss setgħet iżżommhom fit-tellieqa finali, huma stinkaw ħafna fl-ewwel fażi fejn ħadu l-vantaġġ grazzi, għall-kordinazzjoni tajba fil-logħob tagħhom. Wara l-intervall, iktar ma beda għaddej il-ħin, huma raw il-pressjoni avversarja ġejja fuqhom fejn kellhom ifallu fl-aħħar biex għat-tieni sena konsekuttiva spiċċaw bħala *runners-up* fil-kampjonat. Ta' sodisfazzjon għalihom kien li huma kienu l-uniku tim mhux megħluba minn *Victoria Hotspurs* matul it-tliet rawnds tal-kampjonat.

Wara l-logħba *Victoria Hotspurs* bdew iċ-ċelebrazzjonijiet tagħhom li laħqu l-qofol hekk kif il-plajers ġew mogħtija medalja ta' tifkira, kif ukoll li l-*Captain* u l-Viċi tiegħu Noel Borg u Michael Vella rispettivament ġew ippreżentati bit-tazzi tar-rebħ tal-Kampjonat Melita tal-Ewwel Diviżjoni minn Alvin Grech u Joe Bajada, President u Segretarju Ġenerali rispettivament tal-GFA li kienu wkoll assistiti mit-Teżorier tal-istess GFA George Cini.

*Nadur Youngsters* u *SK Victoria Wanderers* spiċċaw flimkien fit-tielet post b'25 punt, wieħed iktar mill-promossi ta' *Xewkija Tigers* li kellhom staġun pożittiv. *Kerċem Ajax* sfaw relegati meta spiċċaw fl-aħħar post b'14 il-punt. L-*ex-champions Sannat Lions* ħelsuha ħafif meta rnexxielhom iżommu posthom mal-kbar b'rebħa ta' 3-0 kontra *Xagħra United runners-up* tat-Tieni Diviżjoni.

Id-difensur John Paul Grima ta' *Victoria Hotspurs* kien magħżul bħala l-Plajer tas-Sena tal-GFA. Bħala l-aqwa skorer spiċċa Manwel Cordina ta' *SK Victoria* b'16-il gowl u b'hekk wara nuqqas ta' ħdax il-sena, plajer Għawdxi rebaħ dan l-unur.



## *Sannat jirbħu l-BOV GFA Cup għad-disa' darba*

L-*ex-champions Sannat Lions* pattew xi ftit għad-diżappunt li kellhom fid-difiża tagħhom tal-Kampjonat meta rnexxielhom jirbħu t-tieni u l-ikbar unur li joffri l-futbol Għawdxi meta għelbu l-isfida denja ta' *Kerċem Ajax* bl-iskor ta' 2-1 wara li ngħata l-ħin barrani. Kienu Kerċem li permezz ta' Milos Stojanovic li fetħu l-iskor fit-28 minuta, iżda Sannat akkwistaw id-*draw* fit-33 minuta tat-tieni taqsima b'xutt minn barra l-kaxxa ta' Frankie Debono. Il-gowl rebbieħ Sannati wasal fit-12 il-minuta tal-ħin barrani b'xutt sabiħ fl-angolu ta' John Camilleri.

Fi tmiem il-finali Sannat iċċelebraw kif jixraq dan is-suċċess hekk kif Mark Muscat, Paul Galea u Sabri Rais flimkien mal-plajers sħabhom u l-uffiċjali tagħhom kienu ppreżentati t-tazzi u l-medalji minn Jack Theuma, BOV General Manager għal Għawdex, Joe Bajada Segretarju Ġenerali tal-GFA u George Cini Teżorier tal-istess GFA.

## *Victoria Hotspurs jirbħuha l-GFA Rikardu Ellis Super Cup*

Iċ-*champions Victoria Hotspurs* inkuraw dan l-istaġun mimli suċċessi, bil-ksib tal-aħħar unur disponibbli meta rebħu wkoll is-*Super Cup* biex kompliet id-dominanza tagħhom f'din il-kompetizzjoni. Fil-fatt huma rebħu dan l-unur għat-tmien darba fl-istorja minn 22 edizzjoni. Il-gowl deċiżiv fil-finali kontra *Sannat Lions* wasal fl-20 minuta meta minn pass ta' Martin Hanus li żmarka fil-kaxxa lil Uchenna Anyanwu li b'xutt angulat fil-baxx għeleb lil Paul Galea.

Fi tmiem il-finali huma ċċelebraw dan is-suċċess, hekk kienu ppreżentati t-Tazza Rikardu Ellis flimkien ma' tifkiriet oħra minn Tonio Ellis flimkien ma' Alvin Grech u Joe Bajada, President u Segretarju Ġenerali tal-GFA.

# L-Għoljiet t'Għawdex

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratt ta' Richard Grech*

## 6. ID-DABRANI



*"Jien id-Dabrani!"*
*tgħid għolja kbira,*
*fit-tramuntana*
*ta' din il-gżira.*

*"Ngħasses ix-Xwejni,*
*il-Qolla, il-Qbajjar,*
*u t-tajr minn fuqi*
*iħobb jittajjar.*

*"Għandi blat ixheb*
*u saff safrani,*
*għejun ta' l-ilma,*
*tafal kaħlani.*

*"Għandi isinda*
*xi ftit weqfin,*
*bil-ħxejjex slavaġ*
*kollha mżejnin.*

*"Ġidi, serp moħbi,*
*joħloq twerwir,*
*b'djamant fuq rasu*
*ta' siwi kbir.*

*"Skont il-leġġenda*
*ma lemħu ħadd,*
*x'aktarx li jibqa'*
*ma jinstab qatt."*

# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti ta' Ritchie Grech

## ERBA' NIĊEĊ "TAL-BJUT" FIN-NADUR


Tal-Karmnu - Skola l-Qadima


Tal-Karmnu - Pjazza Nadur


San Ġużepp - Triq Diċembru 13


Qalb ta' Ġesù - Triq Papa Ljun XIII

# *Enjoy music to your ears*

# £ STERLING fixed term deposits



## *5 years*

# 4.00% p.a.

INTEREST RATES FOR SHORTER TERMS AVAILABLE

**mediterraneanbank**

wealth management - savings - investments

**Mediterranean Bank Plc. 10 St.Barbara Bastion, Valletta VLT 1961, Malta**
**Tel: 2557 4400 • info@medbank.com.mt | www.medbank.com.mt**

*Mediterranean Bank Plc. is licensed by the MFSA under the Banking Act. Terms and conditions apply.*
*Mediterranean Bank operates under the depositor compensation scheme established under the laws of Malta.*

Contact our representative in Gozo:

Mercieca Financial Investment Services Ltd.
Tel - 21553892 / 9945 0477
Email – alexmerc@maltanet.net
at "Mercieca" John F Kennedy Square, Victoria, Gozo.

**MERCIECA**
***Financial Investment Services Limited***